Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 205

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 60

8 ta' Awwissu 2017

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1430 tat-18 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trademark Komunitarja u li jirrevoka r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 u (KE) Nru 216/96** 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1431 tat-18 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea** 39

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1432 tas-7 ta' Awwissu 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fir-rigward tal-kriterji għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx** [1] 59

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1433 tas-7 ta' Awwissu 2017 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Štajerski hmelj (IĠP))** 63

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1434 tas-7 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mit-8 ta' Awwissu 2017 65

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1435 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova** 68

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1436 tal-1 ta' Diċembru 2015 dwar l-għajnuna mill-istat għall-Konverżjoni għall-Bijomassa tal-Impjant tal-Enerġija ta' Lynemouth SA.38762 (2015/C) li r-Renju Unit qed jippjana li jimplimenta** *(notifikata bid-dokument C(2015) 8441)* [1] 70

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1437 tal-4 ta' Awwissu 2017 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni marbuta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fir-Repubblika Ċeka** *(notifikata bid-dokument C(2017) 5418)* [1] 87

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1438 tal-4 ta' Awwissu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2007/131/KE dwar il-permess ta' użu tal-ispektrum ta' frekwenzi tar-radju, għal apparat li juża teknoloġija ultra-wideband, b'mod armonizzat fil-Komunità** *(notifikata bid-dokument C(2017) 5456)* [1] 89

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1430

tat-18 ta' Mejju 2017

li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trademark Komunitarja u li jirrevoka r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 u (KE) Nru 216/96

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trademark Komunitarja ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 42a, l-Artikolu 43(3), l-Artikolu 57a, l-Artikolu 65a, l-Artikolu 77(4), l-Artikolu 78(6), l-Artikolu 79(5), l-Artikolu 79b(2), l-Artikolu 79c(5), l-Artikolu 80(3), l-Artikolu 82a(3), l-Artikolu 93a, l-Artikolu 136b, l-Artikolu 154a(3) u l-Artikolu 156(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ([2]), li kien ikkodifikat bħala r-Regolament (KE) Nru 207/2009, ħoloq sistema speċifika għall-Unjoni għall-protezzjoni tat-trademarks li jridu jinkisbu fil-livell tal-Unjoni fuq il-bażi ta' applikazzjoni quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("l-Uffiċċju").

(2) Ir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 207/2009 jallinja s-setgħat mogħtijin fih lill-Kummissjoni mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jikkonformaw mal-qafas legali l-ġdid li jirriżulta minn dak l-allinjament, ċerti regoli għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati. Ir-regoli l-ġodda għandhom jiġu applikati minflok ir-regoli eżistenti li huma stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 ([4]) u (KE) Nru 216/96 ([5]) u jimmiraw għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Għalhekk għandhom jitħassru r-Regolamenti (KE) Nru 2868/95 u (KE) Nru 216/96.

(3) Ir-regoli proċedurali dwar l-oppożizzjoni għandhom jiżguraw eżaminazzjoni u reġistrazzjoni effettivi, effiċjenti u mħaffa tal-applikazzjonijiet għat-trademarks tal-UE mill-Uffiċċju bl-użu ta' proċedura li hija trasparenti, dettaljata, ġusta u ekwa. Sabiex jissaħħu ċ-ċertezza tad-dritt u ċ-ċarezza, dawk ir-regoli dwar l-oppożizzjoni għandhom iqisu r-raġunijiet relattivi estiżi għaċ-ċaħda stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 207/2009 b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ammissibbiltà u s-sostanzjar tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, u jiġu aġġustati biex jirriflettu aħjar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u biex jikkodifikaw il-prattika attwali tal-Uffiċċju.

([1]) ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trademark Komunitarja (ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1).
([3]) Ir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trademark Komunitarja u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trademark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) (ĠU L 341, 24.12.2015, p. 21).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trademark tal-Komunità (ĠU L 303, 15.12.1995, p. 1).
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 216/96 tal-5 ta' Frar 1996 li jistipula r-regoli tal-proċedura tal-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) (ĠU L 28, 6.2.1996, p. 11).

(4) Sabiex ikun hemm sistema tat-trademarks iktar flessibbli, konsistenti u moderna fl-Unjoni, filwaqt li tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt, jixraq li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-partijiet fi proċedimenti *inter-partes* billi jitnaqqsu r-rekwiżiti għas-sostanzjar tad-drittijiet preċedenti f'każijiet li fihom il-kontenut tal-evidenza rilevanti jkun aċċessibbli online minn sors rikonoxxut mill-Uffiċċju, kif ukoll ir-rekwiżit li tiġi ppreżentata evidenza bil-lingwa tal-proċedimenti.

(5) Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza tad-dritt, huwa importanti li jiġu speċifikati r-rekwiżiti biex tiġi emendata applikazzjoni għal trademark tal-UE b'mod ċar u eżawrjenti.

(6) Ir-regoli proċedurali li jirregolaw ir-revoka u d-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trademark tal-UE għandhom jiżguraw li trademark tal-UE tkun tista' tiġi rrevokata jew iddikjarata invalida b'mod effettiv u effiċjenti permezz ta' proċeduri trasparenti, dettaljati, ġusti u ekwi. Għal raġunijiet ta' aktar ċarezza, konsistenza kif ukoll effiċjenza u ċertezza tad-dritt, ir-regoli proċedurali li jirregolaw ir-revoka u d-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trademark tal-UE għandhom ikunu allinjati ma' dawk applikabbli għal proċedimenti ta' oppożizzjoni, filwaqt li jinżammu biss dawk id-differenzi li huma meħtieġa minħabba n-natura speċifika tal-proċedimenti ta' revoka u d-dikjarazzjoni ta' invalidità. Barra minn hekk, it-talbiet għaċ-ċessjoni ta' trademark tal-UE rreġistrata f'isem aġent mhux awtorizzat għandhom isegwu l-istess proċess proċedurali bħall-proċedimenti ta' invalidità, li fil-prattika jservu bħala alternattiva għall-invalidazzjoni tal-marka.

(7) Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja ([1]), sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, l-Uffiċċju jgawdi minn setgħat diskrezzjonali meta jeżamina evidenza li tasal tard, ippreżentata għall-fini ta' sostanzjar ta' oppożizzjoni jew bħala prova ta' użu ġenwin tal-marka preċedenti fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni jew invalidità. Sabiex tiġi żgurata ċertezza tad-dritt, il-limiti rilevanti ta' dik id-diskrezzjoni għandhom ikunu riflessi biċ-ċar fir-regoli li jirregolaw il-proċedimenti ta' oppożizzjoni jew il-proċedimenti għad-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trademarks tal-UE.

(8) Sabiex tkun tista' ssir reviżjoni effettiva, effiċjenti, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-appell iddefinit mill-partijiet, u kompluta tad-deċiżjonijiet meħudin mill-Uffiċċju fl-ewwel istanza permezz ta' proċedura tal-appell trasparenti, dettaljata, ġusta u imparzjali adattata għan-natura speċifika tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali u fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 207/2009, jixraq li jissaħħu ċ-ċertezza tad-dritt u l-prevedibbiltà billi jiġu ċċarati u speċifikati r-regoli proċedurali u l-garanziji proċedurali tal-partijiet, b'mod partikolari meta konvenut jagħmel użu mid-dritt li jippreżenta kontroappell.

(9) Sabiex tiġi żgurata organizzazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Bordijiet tal-Appell, il-President, iċ-chairpersons u l-membri tal-Bordijiet tal-Appell għandhom, meta jeżerċitaw il-funzjonijiet rispettivi mogħtija lilhom mir-Regolament (KE) Nru 207/2009 u minn dan ir-Regolament, ikunu meħtieġa jiżguraw kwalità għolja u konsistenza tad-deċiżjonijiet meħudin b'mod indipendenti mill-Bordijiet fuq appelli kif ukoll l-effiċjenza tal-proċedimenti ta' appell.

(10) Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-President, iċ-chairpersons u l-membri tal-Bordijiet tal-Appell kif previst fl-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-Bord Maniġerjali għandu jqis dan l-Artikolu meta jadotta regoli ta' implimentazzjoni xierqa biex jagħtu effett lir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

(11) Sabiex jissaħħu t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-proċedimenti ta' appell, ir-regoli tal-proċedura tal-Bordijiet tal-Appell attwalment stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 2868/95 u (KE) Nru 216/96, għandhom jiġu stabbiliti f'test wieħed u jkollhom nisġa diretta mar-regoli proċedurali applikabbli għall-istanzi tal-Uffiċċju li d-deċiżjonijiet tagħhom huma soġġetti għal appelli.

(12) Għall-fini taċ-ċarezza u ċ-ċertezza tad-dritt, hemm bżonn li jiġu kkodifikati u ċċarati ċerti regoli proċedurali li jirregolaw il-proċedimenti orali, b'mod partikolari dawk marbutin mal-lingwa ta' dawk il-proċedimenti. Huwa xieraq ukoll li jiġu pprovduti effiċjenza u flessibbiltà ikbar billi tiddaħħal il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni fi proċedimenti orali b'mezzi tekniċi u ta' sostituzzjoni tal-minuti tal-proċedimenti orali mar-reġistrazzjoni tagħhom.

([1]) Sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Kawża C-29/05P, *UASI vs Kaul GmbH,* (ARCOL/CAPOL), Ġabra I-2213, ECLI:EU:C:2007:162, punti 42-44; sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Kawża C-621/11P, *New Yorker SHK Jeans GmbH & Co. KG vs UASI,* (FISHBONE/FISHBONE BEACHWEAR), ECLI:EU:C:2013:484, paragrafi 28-30; sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Kawża C-610/11P, *Centrotherm Systemtechnik GmbH vs UASI,* (CENTROTHERM), ECLI:EU:C:2013:593, paragrafi 85-90 u 110-113; sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Kawża C-120/12P, *Bernhard Rintisch vs UASI,* (PROTI SNACK/PROTI), ECLI:EU:C:2013:638, paragrafi 32 u 38-39; sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Kawża C-121/12P, *Bernhard Rintisch vs UASI,* (PROTIVITAL/PROTI), ECLI:EU:C:2013:639, paragrafi 33 u 39-40; sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Kawża C-122/12P, *Bernhard Rintisch vs UASI,* (PROTIACTIVE/PROTI), ECLI:EU:C:2013:628; paragrafi 33 u 39-40; sentenza tal-21 ta' Lulju 2016, Kawża C-597/14P, *EUIPO vs Xavier Grau Ferrer,* paragrafi 26-27.

(13) Sabiex ikomplu jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jsiru iktar konsistenti, jixraq li jiġu stabbiliti l-istruttura bażika u l-format tal-evidenza li trid tiġi ppreżentata lill-Uffiċċju fil-proċedimenti kollha, kif ukoll il-konsegwenzi ta' x'jiġri meta l-evidenza ma tiġix ippreżentata skont dik l-istruttura u dak il-format.

(14) Sabiex tiġi mmodernizzata s-sistema tat-trademarks fl-Unjoni billi tiġi adattata għall-era tal-Internet, huwa xieraq ukoll li tingħata definizzjoni ta' "mezzi elettroniċi" fil-kuntest tan-notifiki u għall-forom ta' notifika li għadhom jintużaw.

(15) Fl-interess tal-effiċjenza, it-trasparenza u l-faċilità fl-użu għall-utenti, l-Uffiċċju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni formoli standard bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Uffiċċju għall-komunikazzjoni fil-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju, li jkunu jistgħu jimtlew online.

(16) Għall-finijiet ta' aktar ċarezza, konsistenza u effiċjenza, għandha tiddaħħal dispożizzjoni dwar is-sospensjoni tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, revoka, invalidità u appell, li tistabbilixxi wkoll id-durata massima ta' sospensjoni mitluba miż-żewġ partijiet.

(17) Ir-regoli li jirregolaw il-kalkolu u d-durata tal-limiti ta' żmien, il-proċeduri għar-revoka ta' deċiżjoni jew għat-tħassir ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru, l-arranġamenti dettaljati għall-issoktar tal-proċedimenti, u d-dettalji dwar ir-rappreżentanza quddiem l-Uffiċċju jridu jiżguraw operazzjoni mexxejja, effettiva u effiċjenti tas-sistema tat-trademarks tal-UE.

(18) Hemm bżonn li tiġi żgurata reġistrazzjoni effettiva u effiċjenti tat-trademarks internazzjonali b'mod li jkun konsistenti għalkollox mar-regoli tal-Protokoll marbutin mal-Ftehim ta' Madrid rigward ir-reġistrazzjoni internazzjonali tal-marki.

(19) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jissupplimentaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 li ġew emendati bir-Regolament (UE) 2015/2424 b'effett mill-1 ta' Ottubru 2017. Għaldaqstant jeħtieġ li l-applikabbiltà ta' dawk ir-regoli tiġi diferita sal-istess data.

(20) Minkejja t-tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 2868/95 u (KE) Nru 216/96, jeħtieġ li jibqgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dawk ir-Regolamenti għal ċerti proċedimenti li kienu nbdew qabel id-data msemmija hawn fuq sal-konklużjoni ta' dawk il-proċedimenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jispeċifikaw:

(a) id-dettalji tal-proċedura għall-ippreżentar u l-eżaminar ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trademark tal-UE fl-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("l-Uffiċċju");

(b) id-dettalji tal-proċedura li tirregola l-emendar ta' applikazzjoni għal trademark tal-UE;

(c) id-dettalji li jirregolaw ir-revokar u d-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trademark tal-UE, kif ukoll it-trasferiment ta' trademark tal-UE rreġistrata f'isem aġent mhux awtorizzat;

(d) il-kontenut formali ta' notifika ta' appell u l-proċedura għall-ippreżentar u l-eżaminar ta' appell, il-kontenut formali u l-forma tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell u r-rimborż tat-tariffa tal-appell, id-dettalji li jikkonċeraw l-organizzazzjoni tal-Bordijiet tal-Appell, u l-kundizzjonijiet li fihom iridu jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-appelli minn membru uniku;

(e) l-arranġamenti dettaljati għall-proċedimenti orali u għat-teħid tal-evidenza;

(f) l-arranġamenti dettaljati għan-notifika mill-Uffiċċju u r-regoli dwar il-mezzi ta' komunikazzjoni mal-Uffiċċju;

(g) id-dettalji rigward il-kalkolu u d-durata tal-limiti ta' żmien;

(h) il-proċedura għar-revokar ta' deċiżjoni jew għat-tħassir ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tat-trademarks tal-UE;

(i) l-arranġamenti dettaljati għall-issoktar tal-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju;

(j) il-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-ħatra ta' rappreżentant komuni, il-kundizzjonijiet li fihom l-impjegati u r-rappreżentanti professjonali għandhom jippreżentaw awtorizzazzjoni, u l-kontenut ta' dik l-awtorizzazzjoni, u ċ-ċirkustanzi li fihom persuna tista' titneħħa mil-lista ta' rappreżentanti professjonali ammessi;

(k) id-dettalji tal-proċedura li tikkonċerna r-reġistrazzjonijiet internazzjonali fuq il-bażi ta' applikazzjoni bażika jew reġistrazzjoni bażika marbuta ma' marka kollettiva, marka ta' ċertifikazzjoni jew marka ta' garanzija, u l-proċedura għall-ippreżentar u l-eżaminar ta' oppożizzjoni għal reġistrazzjoni internazzjonali.

TITOLU II

PROĊEDURA GĦAL OPPOŻIZZJONI U PROVA TA' UŻU

Artikolu 2

Notifika ta' oppożizzjoni

1. Notifika ta' oppożizzjoni tista' tiddaħħal fuq il-bażi ta' marka jew marki preċedenti jew drittijiet oħrajn skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, diment li s-sidien jew il-persuni awtorizzati li jdaħħlu n-notifika skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ikunu intitolati li jagħmlu dan għall-marki jew id-drittijiet preċedenti kollha. Meta marka preċedenti jkollha iktar minn sid wieħed (sjieda konġunta) jew meta dritt preċedenti jkun jista' jiġi eżerċitat minn iktar minn persuna waħda, tista' tiġi ppreżentata oppożizzjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 minn kwalunkwe sid jew persuna awtorizzata jew minn kollha kemm huma.

2. In-notifika ta' oppożizzjoni għandu jkun fiha:

(a) in-numru tal-fajl tal-applikazzjoni li kontriha tiddaħħal l-oppożizzjoni u l-isem tal-applikant għat-trademark tal-UE;

(b) identifikazzjoni ċara tal-marka jew id-dritt preċedenti li fuqhom hija bbażata l-oppożizzjoni, jiġifieri:

(i) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq marka preċedenti skont it-tifsira tal-Artikolu 8(2)(a) jew (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, in-numru tal-fajl jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-marka preċedenti, indikazzjoni ta' jekk il-marka preċedenti hijiex irreġistrata jew applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dik il-marka, kif ukoll indikazzjoni tal-Istati Membri inkluż, fejn applikabbli, il-Benelux, fejn jew li għalih tkun protetta l-marka preċedenti, jew, jekk applikabbli, l-indikazzjoni li hija trademark tal-UE;

(ii) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq marka ferm magħrufa skont it-tifsira tal-Artikolu 8(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-indikazzjoni tal-Istati Membri meta l-marka tkun ferm magħrufa u rappreżentazzjoni tal-marka;

(iii) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens tas-sid kif imsemmi fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, indikazzjoni tat-territorju li fih hija protetta t-trademark preċedenti, ir-rappreżentazzjoni tal-marka u, jekk applikabbli, indikazzjoni ta' jekk il-marka preċedenti hijiex applikazzjoni jew reġistrazzjoni, f'liema każ għandu jingħata n-numru tal-preżentazzjoni jew tar-reġistrazzjoni;

(iv) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq marka preċedenti jew sinjal ieħor skont it-tifsira tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, indikazzjoni tat-tip jew l-għamla tagħha, rappreżentazzjoni tal-marka jew is-sinjal preċedenti, u indikazzjoni ta' jekk jeżistix id-dritt għall-marka jew is-sinjal preċedenti fl-Unjoni sħiħa jew fi Stat Membru wieħed jew iktar, u, jekk iva, indikazzjoni ta' dawk l-Istati Membri;

(v) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika preċedenti skont it-tifsira tal-Artikolu 8(4a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, indikazzjoni tal-għamla tagħha, rappreżentazzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika preċedenti, u indikazzjoni ta' jekk hijiex protetta fl-Unjoni sħiħa jew fi Stat Membru wieħed jew iktar, u, jekk iva, indikazzjoni ta' dawk l-Istati Membri;

(c) ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-oppożizzjoni permezz ta' stqarrija li turi li huma ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 8(1), (3), (4), (4a) jew (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 fir-rigward ta' kull marka jew dritt preċedenti invokati mill-parti li qed topponi;

(d) fil-każ ta' applikazzjoni jew reġistrazzjoni ta' trademark preċedenti, id-data tal-preżentazzjoni u, fejn applikabbli, id-data tar-reġistrazzjoni u d-data tal-prijorità tal-marka preċedenti;

(e) fil-każ tad-drittijiet preċedenti skont l-Artikolu 8(4a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew, jekk dik id-data ma tkunx disponibbli, id-data li minnha hija ggarantita l-protezzjoni;

(f) fil-każ ta' applikazzjoni jew reġistrazzjoni ta' trademark preċedenti, rappreżentazzjoni tal-marka preċedenti kif irreġistrata jew kif saret l-applikazzjoni għaliha; jekk il-marka preċedenti hi bil-kulur, ir-rappreżentazzjoni għandha tkun bil-kulur;

(g) indikazzjoni tal-prodotti jew is-servizzi li fuqhom hija bbażata kull waħda mir-raġunijiet tal-oppożizzjoni;

(h) rigward il-parti li qed topponi:

(i) l-identifikazzjoni tal-parti li qed topponi skont l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1431 ([1]);

(ii) meta l-parti li qed topponi tkun ħatret rappreżentant, jew meta r-rappreżentazzjoni tkun obbligatorja skont l-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-isem u l-indirizz tan-negozju tar-rappreżentant skont l-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431;

(iii) meta l-oppożizzjoni tiddaħħal minn detentur ta' liċenzja jew minn persuna li hija intitolata skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali sabiex teżerċita dritt preċedenti, stqarrija f'dan is-sens u indikazzjonijiet li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni jew l-intitolament li tiġi ppreżentata l-oppożizzjoni;

(i) indikazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi li kontrihom issir l-oppożizzjoni; fin-nuqqas ta' indikazzjoni bħal din, l-oppożizzjoni għandha titqies li hija kontra l-prodotti jew is-servizzi kollha tal-applikazzjoni għat-trademark tal-UE li kontriha ssir l-oppożizzjoni.

3. Meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq iktar minn marka waħda jew dritt wieħed preċedenti, il-paragrafu 2 għandu japplika għal kull wieħed jew waħda minn dawk il-marki, sinjali, denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi.

4. In-notifika ta' oppożizzjoni tista' tinkludi wkoll stqarrija motivata dwar ir-raġunijiet, il-fatti u l-argumenti li fuqhom hija bbażata l-oppożizzjoni, u l-evidenza li ssostni l-oppożizzjoni.

Artikolu 3

Użu ta' lingwi fi proċedimenti ta' oppożizzjoni

Il-parti li qed topponi jew l-applikant jistgħu, qabel id-data li fiha titqies li se tibda l-parti avversarjali tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 6(1), jinformaw lill-Uffiċċju li l-applikant u l-parti li qed topponi qablu fuq lingwa differenti għall-proċedimenti ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 119(7) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Meta n-notifika ta' oppożizzjoni ma tkunx ġiet ippreżentata f'dik il-lingwa, l-applikant jista' jitlob lill-parti li qed topponi biex tippreżenta traduzzjoni f'dik il-lingwa. Talba bħal din għandha tasal għand l-Uffiċċju sa mhux aktar tard mid-data li fiha l-parti avversarjali tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni jitqiesu li għandhom jibdew. L-Uffiċċju għandu jispeċifika skadenza għall-parti li qed topponi biex tippreżenta traduzzjoni. Jekk dik it-traduzzjoni ma tiġix ippreżentata jew tiġi ppreżentata tard, il-lingwa tal-proċedimenti kif stabbilita skont l-Artikolu 119 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ("lingwa tal-proċedimenti") għandha tibqa' l-istess.

Artikolu 4

Informazzjoni lill-partijiet għall-proċedimenti ta' oppożizzjoni

In-notifika ta' oppożizzjoni u kwalunkwe dokument ippreżentat mill-parti li qed topponi, kif ukoll kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lil waħda mill-partijiet mill-Uffiċċju qabel il-konstatazzjoni ta' ammissibbiltà għandhom jintbagħtu mill-Uffiċċju lill-parti l-oħra sabiex tiġi informata dwar il-preżentazzjoni ta' oppożizzjoni.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1431 tat-18 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ara paġna 39 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Artikolu 5

Ammissibilità tal-oppożizzjoni

1. Meta t-tariffa għall-oppożizzjoni tkun għadha ma tħallsitx sal-perjodu tal-oppożizzjoni stabbilit fl-Artikolu 41(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-oppożizzjoni titqies li ma ġietx ippreżentata. Meta t-tariffa tal-oppożizzjoni tkun tħallset wara li jkun skada l-perjodu tal-oppożizzjoni, għandha tintradd lura lill-parti li qed topponi.

2. Meta n-notifika ta' oppożizzjoni tkun ġiet ippreżentata wara li jkun skada l-perjodu tal-oppożizzjoni, l-Uffiċċju għandu jiċħad l-oppożizzjoni bħala waħda inammissibbli.

3. Meta n-notifika ta' oppożizzjoni tkun ġiet ippreżentata f'lingwa li mhijiex waħda mil-lingwi tal-Uffiċċju kif jeħtieġ l-Artikolu 119(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, jew meta ma tkunx tikkonforma mal-Artikolu 2(2)(a), (b) jew (c) ta' dan ir-Regolament, u meta dawk in-nuqqasijiet ma jkunux ġew rimedjati qabel ma jiskadi l-perjodu tal-oppożizzjoni, l-Uffiċċju għandu jiċħad l-oppożizzjoni bħala waħda inammissibbli.

4. Meta l-parti li qed topponi ma tippreżentax traduzzjoni kif jeħtieġ l-Artikolu 119(6) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-oppożizzjoni għandha tiġi miċħuda bħala waħda inammissibbli. Meta l-parti li qed topponi tissottometti traduzzjoni mhux kompluta, il-parti tan-notifika ta' oppożizzjoni li ma tkunx ġiet tradotta ma tiġix ikkunsidrata għall-eżami ta' ammissibilità.

5. Meta n-notifika ta' oppożizzjoni ma tkunx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(2)(d) sa (h), l-Uffiċċju għandu jinforma lill-parti li qed topponi u għandu jistedinha biex tirrimedja għan-nuqqasijiet osservati fi żmien xahrejn. Jekk in-nuqqasijiet ma jiġux rimedjati qabel tagħlaq l-iskadenza, l-Uffiċċju għandu jiċħad l-oppożizzjoni minħabba li tkun inammissibbli.

6. L-Uffiċċju għandu jinnotifika lill-applikant dwar kwalunkwe konstatazzjoni skont il-paragrafu 1 li n-notifika ta' oppożizzjoni titqies li ma ġietx ippreżentata u dwar kwalunkwe deċiżjoni ta' ċaħda tal-oppożizzjoni fuq il-bażi ta' inammissibbiltà skont il-paragrafi 2, 3, 4 jew 5. Meta oppożizzjoni tiġi miċħuda fit-totalità tagħha bħala inammissibbli skont il-paragrafi 2, 3, 4 jew 5 qabel in-notifika tal-Artikolu 6(1), ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

Artikolu 6

Bidu tal-parti avversarjali tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni u għeluq minn qabel tal-proċedimenti

1. Meta jinstab li l-oppożizzjoni hija ammissibbli skont l-Artikolu 5, l-Uffiċċju għandu jibgħat komunikazzjoni lill-partijiet li fiha jinformahom li l-parti avversarjali tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni titqies li se tibda xahrejn wara l-wasla tal-komunikazzjoni. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż sa total ta' 24 xahar jekk iż-żewġ partijiet jitolbu estensjoni qabel ma jiskadi l-perjodu ta' xahrejn.

2. Meta, fi ħdan il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, l-applikazzjoni tiġi rtirata jew ristretta għal prodotti jew servizzi li l-oppożizzjoni mhijiex immirata lejhom, jew l-Uffiċċju jkun informat li l-partijiet sabu soluzzjoni, jew l-applikazzjoni tiġi miċħuda fi proċedimenti paralleli, il-proċedimenti ta' oppożizzjoni għandhom jingħalqu.

3. Meta, fi ħdan il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, l-applikant jirrestrinġi l-applikazzjoni billi jħassar uħud mill-prodotti jew mis-servizzi li lejhom tkun immirata l-oppożizzjoni, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-parti li qed topponi sabiex tiddikjara, fil-perjodu li tispeċifika, jekk hijiex se żżomm l-oppożizzjoni tagħha u, jekk iva, kontra liema mill-prodotti jew mis-servizzi li jifdal. Meta l-parti li qed topponi tirtira l-oppożizzjoni fid-dawl tar-restrizzjoni, għandhom jingħalqu l-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

4. Meta qabel ma jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, il-proċedimenti ta' oppożizzjoni jingħalqu skont il-paragrafi 2 jew 3, ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

5. Jekk qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 il-proċedimenti ta' oppożizzjoni jingħalqu wara l-irtirar jew ir-restrizzjoni tal-applikazzjoni skont il-paragrafu 2 jew wara l-irtirar tal-oppożizzjoni skont il-paragrafu 3, it-tariffa tal-oppożizzjoni għandha tiġi rimborżata.

Artikolu 7

Sostanzjar tal-oppożizzjoni

1. L-Uffiċċju għandu jagħti lill-parti li qed topponi l-opportunità li tippreżenta l-fatti, l-evidenza u l-argumenti li jappoġġjaw l-oppożizzjoni jew li tipprovdi l-fatti, l-evidenza jew l-argumenti sħaħ li diġà jkunu ġew ippreżentati b'mod parzjali skont l-Artikolu 2(4). Għal dak il-għan, l-Uffiċċju għandu jispeċifika skadenza ta' mill-inqas xahrejn, mid-data li fiha jitqies li bdiet il-parti avversarjali tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 6(1).

2. Fi ħdan il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, il-parti li qed topponi għandha tippreżenta wkoll evidenza tal-eżistenza, il-validità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-marka jew id-dritt preċedenti tagħha, kif ukoll evidenza li tipprovdi l-intitolament tagħha sabiex tippreżenta l-oppożizzjoni. B'mod partikolari, il-parti li qed topponi għandha tipprovdi l-evidenza li ġejja:

(a) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq trademark preċedenti skont it-tifsira tal-Artikolu 8(2)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, li mhijiex trademark tal-UE, l-evidenza tal-preżentazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tagħha, billi tippreżenta:

   (i) kopja taċ-ċertifikat tal-preżentazzjoni rilevanti jew dokument ekwivalenti mill-amministrazzjoni li bih ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għat-trademark, jekk it-trademark ma tkunx għadha ġiet irreġistrata; jew

   (ii) meta t-trademark preċedenti tkun ġiet irreġistrata, kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni rilevanti u, jekk applikabbli, tal-aħħar ċertifikat ta' tiġdid, li juri li t-terminu tal-protezzjoni tat-trademark jestendi lil hinn mill-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1 jew kwalunkwe estensjoni fih, jew dokumenti ekwivalenti mill-amministrazzjoni li bihom ġiet irreġistrata t-trademark;

(b) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq marka ferm magħrufa skont it-tifsira tal-Artikolu 8(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, evidenza li turi li l-marka hija magħrufa sew fit-territorju rilevanti għall-prodotti jew is-servizzi indikati skont l-Artikou 2(2)(g) ta' dan ir-Regolament;

(c) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq in-nuqqas ta' kunsens min-naħa tas-sid kif imsemmi fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, evidenza tas-sjieda tal-parti li qed topponi tat-trademark preċedenti u tar-relazzjoni tagħha mal-aġent jew ir-rappreżentant;

(d) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq dritt preċedenti skont it-tifsira tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, evidenza li turi l-użu ta' dak id-dritt matul negozju f'livell li mhuwiex sempliċiment lokali, kif ukoll evidenza tal-akkwist, tal-eżistenza ssoktata u tal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tiegħu inkluża, meta d-dritt preċedenti jkun invokat skont il-liġi ta' Stat Membru, identifikazzjoni ċara tal-kontenut tal-liġi nazzjonali li ntużat bħala bażi billi jiġu ċċitati pubblikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet jew tal-ġurisprudenza rilevanti;

(e) meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq denominazzjoni tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika preċedenti skont it-tifsira tal-Artikolu 8(4a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, evidenza tal-akkwist, tal-eżistena ssoktata u tal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tiegħu inkluża, meta d-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika preċedenti tkun invokata skont il-liġi ta' Stat Membru, identifikazzjoni ċara tal-kontenut tal-liġi nazzjonali li ntużat bħala bażi billi jiġu ċċitati pubblikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet jew tal-ġurisprudenza rilevanti;

(f) jekk l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq marka b'reputazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, minbarra l-evidenza msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, evidenza li turi li l-marka għandha reputazzjoni fl-Unjoni jew fl-Istat Membru kkonċernat għall-prodotti jew is-servizzi indikati skont l-Artikolu 2(2)(g) ta' dan ir-Regolament, kif ukoll evidenza jew argumenti li juru li l-użu mingħajr kawża ġusta tat-trademark li ssir applikazzjoni għaliha jkun qiegħed jieħu vantaġġ inġust mill-karattru distintiv jew l-isem tat-trademark preċedenti, jew ikun ta' detriment għalih.

3. Jekk l-evidenza dwar il-preżentazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tad-drittijiet preċedenti msemmija fil-paragrafu 2(a) jew, fejn applikabbli, il-paragrafu 2(d) jew (e), jew l-evidenza li tikkonċerna l-kontenut tal-liġi nazzjonali rilevanti, ikunu aċċessibbli online minn sors rikonoxxut mill-Uffiċċju, il-parti li qed topponi tista' tipprovdi din l-evidenza billi tirreferi għal dak is-sors.

4. Kwalunkwe preżentazzjoni, reġistrazzjoni jew ċeritifikat ta' tiġdid jew dokument ekwivalenti msemmi fil-paragrafu 2(a), (d) jew (e), kif ukoll kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali applikabbli li tirregola l-akkwist ta' drittijiet u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 2(d) u (e), inkluża l-evidenza

aċċessibbli online kif imsemmi fil-paragrafu 3, għandhom ikunu bil-lingwa tal-proċedimenti jew għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni f'dik il-lingwa. It-traduzzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-parti li qed topponi fuq mozzjoni tagħha stess sal-iskadenza speċifikata għall-preżentazzjoni tad-dokument oriġinali. Kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata mill-parti li qed topponi sabiex tissostanzja l-oppożizzjoni għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431. It-traduzzjonijiet ippreżentati wara li jiskadu l-limiti ta' żmien rilevanti ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

5. L-Uffiċċju ma għandux jikkunsidra preżentazzjonijiet bil-miktub, jew siltiet minnhom, li ma jkunux ġew ippreżentati bil-lingwa tal-proċedimenti, jew li ma jkunux ġew tradotti fiha, sal-iskadenza stabbilita mill-Uffiċċju skont il-paragrafu 1.

Artikolu 8

Eżaminazzjoni tal-oppożizzjoni

1. Meta sal-iskadenza tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 7(1), il-parti li qed topponi tkun għadha ma pprovdiet ebda evidenza, jew meta l-evidenza pprovduta tkun manifestament irrilevanti jew insuffiċjenti sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(2) għal kwalunkwe wieħed mid-drittijiet preċedenti, l-oppożizzjoni għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

2. Meta l-oppożizzjoni ma tkunx miċħuda skont il-paragrafu 1, l-Uffiċċju għandu jikkomunika l-preżentazzjoni tal-parti li qed topponi lill-applikant u għandu jistiednu jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi ħdan perjodu speċifikat mill-Uffiċċju.

3. Meta l-applikant ma jippreżenta ebda osservazzjoni, l-Uffiċċju għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu dwar l-oppożizzjoni fuq l-evidenza quddiemu.

4. L-osservazzjonijiet ippreżentati mill-applikant għandhom jiġu kkomunikati lill-parti li qed topponi li għandha tkun mistiedna, jekk l-Uffiċċju jqis li dan huwa meħtieġ, sabiex twieġeb fi ħdan perjodu speċifikat mill-Uffiċċju.

5. Meta wara li jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 7(1) il-parti li qed topponi tissottometti fatti jew evidenza li jissupplimentaw il-fatti jew l-evidenza rilevanti provduti fi żmien dak il-perjodu u li jkunu marbutin mal-istess rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 7(2), l-Uffiċċju għandu jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu skont l-Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 meta jiddeċiedi jekk jaċċettax dawn il-fatti jew l-evidenza supplimentari. Għal dak il-għan, l-Uffiċċju għandu jikkunsidra, b'mod partikolari, l-istadju tal-proċedimenti u jivvaluta jekk il-fatti jew l-evidenza jistgħux, *prima facie*, ikunu rilevanti għall-eżitu tal-kawża u jekk hemmx raġunijiet validi għall-preżentazzjoni tard ta' fatti jew ta' evidenza.

6. L-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant jippreżenta osservazzjonijiet oħrajn bħala rispons jekk iqis li dan ikun xieraq fiċ-ċirkustanzi.

7. Meta l-oppożizzjoni ma tkunx ġiet miċħuda skont il-paragrafu 1 u l-evidenza ppreżentata mill-parti li qed topponi ma tkunx biżżejjed sabiex tissostanzja l-oppożizzjoni skont l-Artikolu 7 għal kwalunkwe wieħed mid-drittijiet preċedenti, l-oppożizzjoni għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

8. L-Artikolu 6(2) u (3) għandu japplika *mutatis mutandis* wara d-data li fiha jitqies li tibda l-parti avversarjali tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni. Meta l-applikant ikun jixtieq jirtira jew jirrestrinġi l-applikazzjoni kkontestata, għandu jagħmel dan permezz ta' dokument separat.

9. F'każijiet xierqa, l-Uffiċċju jista' jistieden lill-partijiet sabiex jillimitaw l-osservazzjonijiet tagħhom għal kwistjonijiet partikolari, f'liema każ għandu jippermettilhom iqajmu l-kwistjonijiet l-oħrajn iktar tard fil-proċedimenti. L-Uffiċċju ma għandux ikun meħtieġ jinforma lil parti bil-possibbiltà li tipproduċi ċerti fatti jew evidenza rilevanti li dik il-parti preċedentement naqset milli tipproduċi.

Artikolu 9

Oppożizzjonijiet multipli

1. Meta jkunu ddaħħlu diversi oppożizzjonijiet fir-rigward tal-istess applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trademark tal-UE, l-Uffiċċju jista' jeżaminhom f'sett wieħed ta' proċedimenti. Sussegwentement, l-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li jeżamina dawk l-oppożizzjonijiet b'mod separat.

2. Meta eżaminazzjoni preliminari ta' oppożizzjoni waħda jew iktar issib li t-trademark tal-UE li għaliha ġiet ippreżentata r-reġistrazzjoni tista' tkun ineliġibbli għar-reġistrazzjoni fir-rigward ta' whud mill-prodotti jew is-servizzi jew il-prodotti jew is-servizzi kollha li għalihom tintalab ir-reġistrazzjoni, l-Uffiċċju jista' jissospendi l-proċedimenti ta' oppożizzjoni l-oħrajn marbutin ma' dik l-applikazzjoni. L-Uffiċċju għandu jinforma lill-partijiet li qed jopponu affettwati mis-sospensjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni rilevanti meħuda fil-kuntest ta' dawk il-proċedimenti li għadhom għaddejjin.

3. Ladarba deċiżjoni ta' ċaħda ta' applikazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 issir finali, l-oppożizzjonijiet li għalihom ġew sospiżi l-proċedimenti skont il-paragrafu 2 għandhom jitqiesu li ġew indirizzati u l-partijiet li qed jopponu kkonċernati għandhom jiġu informati kif xieraq. Dispożizzjoni bħal din għandha titqies li tikkostitwixxi każ li ma jkunx ipproċeda għal deċiżjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 85(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

4. L-Uffiċċju għandu jrodd lura 50 % tat-tariffa tal-oppożizzjoni mħallsa minn kull parti li qed topponi li l-oppożizzjoni tagħha titqies li ġiet indirizzata skont il-paragrafu 3 diment li s-sospensjoni tal-proċedimenti marbuta ma' dik l-oppożizzjoni tkun seħħet qabel il-bidu tal-parti avversarjali tal-proċedimenti.

Artikolu 10

Prova tal-użu

1. Talba għall-prova tal-użu ta' marka preċedenti skont l-Artikolu 42(2) jew (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tkun ammissibbli jekk tkun ippreżentata bħala talba inkundizzjonali f'dokument separat fil-perjodu speċifikat mill-Uffiċċju skont l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-applikant ikun għamel talba għal prova tal-użu ta' marka preċedenti li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 42(2) jew (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-parti li qed topponi sabiex tipprovdi il-prova meħtieġa sa skadenza speċifikata mill-Uffiċċju. Meta l-parti li qed topponi ma tipprovdi ebda evidenza jew raġuni għan-nuqqas ta' użu qabel ma tagħlaq l-iskadenza jew meta l-evidenza jew ir-raġunijiet ipprovduti jkunu manifestament insuffiċjenti jew irrilevanti, l-Uffiċċju għandu jiċħad l-oppożizzjoni peress li tkun ibbażata fuq dik il-marka preċedenti.

3. L-indikazzjonijiet u l-evidenza tal-użu għandhom jistabbilixxu l-post, il-ħin, il-firxa u x-xorta ta' użu tat-trademark li qed topponi għall-prodotti jew is-servizzi li fir-rigward tagħhom hija rreġistrata u li fuqhom hija bbażata l-oppożizzjoni.

4. L-evidenza msemmija fil-paragrafu 3 għandha tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 55(2) u l-Artikoli 63 u 64 u għandha tkun limitata għall-preżentazzjoni ta' dokumenti u oġġetti ta' sostenn, bħal pakketti, tikketti, listi ta' prezzijiet, katalgi, fatturi, ritratti, reklami fil-gazzetti, u stqarrijiet bil-miktub kif imsemmi fl-Artikolu 78(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

5. Talba għall-prova tal-użu tista' tiġi ppreżentata fl-istess ħin tal-osservazzjonijiet tar-raġunijiet li fuqhom hi bbażata l-oppożizzjoni. Osservazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu ppreżentati wkoll flimkien mal-osservazzjonijiet bħala risposta għall-prova tal-użu.

6. Meta l-evidenza pprovduta mill-parti li qed topponi ma tkunx bil-lingwa tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, l-Uffiċċju jista' jitlob lill-parti li qed topponi tippreżenta traduzzjoni ta' dik l-evidenza f'dik il-lingwa skont l-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431.

7. Jekk wara li tagħlaq l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 2 il-parti li qed topponi tippreżenta indikazzjonijiet jew evidenza li jissupplimentaw l-indikazzjonijiet jew l-evidenza rilevanti li diġà jkunu ġew ippreżentati qabel ma tkun għalqet l-iskadenza u li jkunu marbutin mal-istess rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 3, l-Uffiċċju għandu jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu skont l-Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 meta jiddeċiedi jekk jaċċettax dawk l-indikazzjonijiet jew l-evidenza supplimentari. Għal dak il-għan, l-Uffiċċju għandu jikkunsidra, b'mod partikolari, l-istadju tal-proċedimenti u jivvaluta jekk l-indikazzjonijiet jew l-evidenza jistgħux, *prima facie*, ikunu rilevanti għall-eżitu tal-kawża u jekk hemmx raġunijiet validi għall-preżentazzjoni tard ta' indikazzjonijiet jew ta' evidenza.

TITOLU III

EMENDI GĦALL-APPLIKAZZJONI

Artikolu 11

Emenda tal-applikazzjoni

1. Talba għall-emenda ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandu jkun fiha:

(a) in-numru tal-fajl tal-applikazzjoni;

(b) l-isem u l-indirizz tal-applikant skont l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431;

(c) indikazzjoni tal-element tal-applikazzjoni li jrid jiġi emendat, u dak l-element fil-verżjoni emendata tiegħu;

(d) meta l-emenda tkun marbuta mar-rappreżentazzjoni tal-marka, rappreżentazzjoni tal-marka kif emendata, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431.

2. Meta r-rekwiżiti għall-emenda tal-applikazzjoni ma jkunux issodisfati, l-Uffiċċju għandu jikkomunika n-nuqqas lill-applikant u għandu jispeċifika skadenza sa meta jista' jiġi rimedjat in-nuqqas. Meta l-applikant ma jirrimedjax għan-nuqqas sal-iskadenza speċifikata, l-Uffiċċju għandu jiċħad it-talba għall-emenda.

3. Meta l-applikazzjoni għat-trademark emendata tkun ippubblikata skont l-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Artikoli 2 sa 10 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

4. L-istess applikant jista' jagħmel talba waħda biss għall-emenda tal-istess element f'żewġ applikazzjonijiet jew iktar.

5. Il-paragrafi 1, 2 u 4 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal applikazzjonijiet sabiex jiġi kkoreġut l-isem jew l-indirizz tan-negozju ta' rappreżentant maħtur mill-applikant.

TITOLU IV

REVOKA U INVALIDITÀ JEW ĊESSJONI

Artikolu 12

Applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità

1. Applikazzjoni li ssir lill-Uffiċċju għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità skont l-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandu jkun fiha:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE li fir-rigward tagħha tintalab ir-revoka jew dikjarazzjoni tal-invalidità u l-isem tas-sid tagħha;

(b) ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni permezz ta' stqarrija li r-rekwiżiti rispettivi stabbiliti fl-Artikoli 51, 52, 53, 73, 74, 74i jew 74j tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 huma ssodisfati;

(c) għal dak li jirrigwarda l-applikant:

(i) l-identifikazzjoni tal-applikant skont l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431;

(ii) meta l-applikant ikun ħatar rappreżentant jew meta r-rappreżentanza tkun obbligatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-isem u l-indirizz tan-negozju tar-rappreżentant skont l-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431;

(d) indikazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi li fir-rigward tagħhom tintalab revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità, li fin-nuqqas tagħha l-applikazzjoni għandha titqies li hija mmirata kontra l-prodotti jew is-servizzi kollha koperti mit-trademark tal-UE kkontestata.

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità fuq il-bażi tar-raġunijiet relattivi għandu jkun fiha dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, identifikazzjoni tad-dritt preċedenti li fuqu hija bbażata l-applikazzjoni, skont l-Artikolu 2(2)(b) ta' dan ir-Regolament, li għandu japplika *mutatis mutandis* għal dik l-applikazzjoni;

(b) fil-każ ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 53(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, indikazzjoni tan-natura tad-dritt preċedenti li fuqu hija bbażata l-applikazzjoni, ir-rappreżentazzjoni tiegħu u indikazzjoni ta' jekk dan id-dritt preċedenti jeżistix fl-Unjoni kollha jew fi Stat Membru wieħed jew iktar u, jekk dak huwa l-każ, indikazzjoni ta' dawk l-Istati Membri;

(c) id-dettalji skont l-Artikolu 2(2)(d) sa (g), li japplikaw *mutatis mutandis* għal applikazzjoni bħal din;

(d) meta l-applikazzjoni tiddaħħal minn detentur ta' liċenzja jew minn persuna li hija intitolata skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali sabiex teżerċita dritt preċedenti, indikazzjoni li tikkonċerna l-awtorizzazzjoni jew l-intitolament li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

3. Meta l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 tkun ibbażata fuq iktar minn marka preċedenti waħda jew dritt preċedenti wieħed, il-paragrafi 1(b) u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw għal kull marka jew dritt.

4. L-applikazzjoni jista' jkun fiha stqarrija motivata dwar ir-raġunijiet li jistabbilixxu l-fatti u l-argumenti li fuqhom hija bbażata u l-evidenza ta' sostenn.

Artikolu 13

Lingwi użati fi proċedimenti għal revoka jew invalidità

L-applikant għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità jew is-sid tat-trademark tal-UE jista' jinforma lill-Uffiċċju qabel ma jiskadi l-perjodu ta' xahrejn minn meta sid it-trademark tal-UE jirċievi l-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), li jkun intlaħaq qbil fuq lingwa differenti għall-proċedimenti skont l-Artikolu 119(7) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Meta l-applikazzjoni ma tkunx ġiet ippreżentata f'dik il-lingwa, is-sid jista' jitlob li l-applikant jippreżenta traduzzjoni f'dik il-lingwa. Din it-talba għandha tasal għand l-Uffiċċju qabel ma jiskadi l-perjodu ta' xahrejn minn meta sid it-trademark tal-UE jirċievi l-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1). L-Uffiċċju għandu jispeċifika skadenza għall-applikant biex jippreżenta din it-traduzzjoni. Meta dik it-traduzzjoni ma tiġix ippreżentata jew tiġi ppreżentata tard, il-lingwa tal-proċedimenti ma tinbidilx.

Artikolu 14

Informazzjoni lill-partijiet rigward applikazzjoni għal revoka jew għal dikjazzjoni ta' invalidità

Applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità u kwalunkwe dokument ippreżentat mill-applikant, kif ukoll kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lil waħda mill-partijiet mill-Uffiċċju qabel il-konstatazzjoni ta' ammissibbiltà għandhom jintbagħtu mill-Uffiċċju lill-parti l-oħra sabiex tiġi informata dwar il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

Artikolu 15

Ammissibbiltà ta' applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità

1. Meta ma tkunx tħallset it-tariffa meħtieġa skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant iħallas it-tariffa f'perjodu speċifikat minnu. Meta t-tariffa meħtieġa ma titħallasx sal-perjodu speċifikat, l-Uffiċċju għandu jinforma lill-applikant li l-applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità titqies li ma ġietx ippreżentata. Meta t-tariffa tkun tħallset wara li jkun skada l-perjodu speċifikat, għandha tintradd lura lill-applikant.

2. Meta l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata f'lingwa li mhijiex waħda mil-lingwi tal-Uffiċċju kif jeħtieġ l-Artikolu 119(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, jew meta ma tkunx tikkonforma mal-Artikolu 12(1)(a) jew (b) jew, meta applikabbli, l-Artikolu 12(2)(a) jew (b) ta' dan ir-Regolament, l-Uffiċċju għandu jiċħad l-applikazzjoni bħala inammissibbli.

3. Meta t-traduzzjoni meħtieġa skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(6) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ma tkunx ippreżentata fi żmien xahar mid-data tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità, l-Uffiċċju għandu jiċħad l-applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità bħala inammissibbli.

4. Meta l-applikazzjoni ma tkunx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1)(c), l-Artikolu 12(2)(c) jew (d), l-Uffiċċju għandu jinforma lill-applikant kif xieraq u għandu jistieden lill-applikant jirrimedja għan-nuqqasijiet osservati fi żmien xahrejn. Jekk in-nuqqasijiet ma jiġux irrimedjati qabel ma tagħlaq l-iskadenza, l-Uffiċċju għandu jiċħad l-applikazzjoni bħala inammissibbli.

5. L-Uffiċċju għandu jinnotifika lill-applikant u lil sid it-trademark tal-UE dwar kwalunkwe konstatazzjoni skont il-paragrafu 1 li l-applikazzjoni għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità hija meqjusa li ma ddaħħlitx u dwar kwalunkwe deċiżjoni ta' ċaħda tal-applikazzjoni għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità fuq il-bażi ta' inammissibbiltà skont il-paragrafi 2, 3 jew 4. Meta applikazzjoni għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità tiġi miċħuda fit-totalità tagħha bħala inammissibbli skont il-paragrafi 2, 3 jew 4 qabel in-notifika tal-Artikolu 17(1), ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

Artikolu 16

Sostanzjar ta' applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità

1. L-applikant għandu jippreżenta l-fatti, l-evidenza u l-argumenti li jappoġġjaw l-applikazzjoni sal-għeluq tal-parti avversarjali tal-proċedimenti ta' revoka jew invalidità. B'mod partikolari, l-applikant għandu jipprovdi dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 51(1)(b) jew (c) jew l-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, fatti, argumenti u evidenza li jappoġġjaw ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-applikazzjoni għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità;

(b) fil-każ ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-evidenza meħtieġa skont l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(3) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*;

(c) fil-każ ta' applikazzjoni skont Artikolu 53(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, evidenza tal-akkwiżizzjoni, tal-eżistenza ssoktata u tal-kamp ta' applikazzjoni ta' protezzjoni tad-dritt preċedenti rilevanti kif ukoll evidenza li turi li l-applikant huwa intitolat li jippreżenta l-applikazzjoni, inkluż meta d-dritt preċedenti jkun invokat skont il-liġi nazzjonali, identifikazzjoni ċara tal-kontenut tal-liġi nazzjonali billi jiġu ċċitati pubblikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet jew tal-ġurisprudenza rilevanti. Jekk l-evidenza dwar il-preżentazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' dritt preċedenti skont l-Artikolu 53(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jew l-evidenza li tikkonċerna l-kontenut tal-liġi nazzjonali rilevanti, ikunu aċċessibbli online minn sors rikonoxxut mill-Uffiċċju, l-applikant jista' jipprovdi din l-evidenza billi jirreferi għal dak is-sors.

2. Evidenza li tikkonċerna l-preżentazzjoni, ir-reġistrazzjoni jew it-tiġdid ta' drittijiet preċedenti jew, fejn applikabbli, il-kontenut tal-liġi nazzjonali rilevanti, inkluża l-evidenza aċċessibbli online, kif imsemmi fil-paragrafu 1(b) u (c), għandha tiġi ppreżentata fil-lingwa tal-proċedimenti jew tiġi ppreżentata traduzzjoni f'dik il-lingwa. It-traduzzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-applikant fuq mozzjoni tal-applikant stess fi żmien xahar mill-preżentazzjoni ta' dik l-evidenza. Kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata mill-applikant sabiex isostni l-applikazzjoni jew, fil-każ ta' applikazzjoni għal revoka skont l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, minn sid it-trademark ikkontestata tal-UE, għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431. It-traduzzjonijiet ippreżentati wara li jiskadu l-limiti ta' żmien rilevanti ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

Artikolu 17

Eżaminazzjoni tal-merti ta' applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità

1. Meta jinstab li l-applikazzjoni hija ammissibbli skont l-Artikolu 15, l-Uffiċċju għandu jibgħat komunikazzjoni lill-partijiet li fiha jinformahom li bdiet il-parti avversarjali tal-proċedimenti ta' revoka jew ta' invalidità u jistieden lil sid it-trademark tal-UE sabiex jippreżenta osservazzjonijiet fi żmien perjodu speċifikat.

2. Meta l-Uffiċċju jkun stieden lil parti skont l-Artikolu 57(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 sabiex jippreżenta osservazzjonijiet fi ħdan perjodu speċifikat u dik il-parti ma tippreżenta ebda osservazzjoni sa dak il-perjodu, l-Uffiċċju għandu jagħlaq il-parti avversarjali tal-proċedimenti u jibbaża d-deċiżjoni tiegħu dwar ir-revoka jew l-invalidità fuq il-bażi tal-evidenza quddiemu.

3. Meta l-applikant ma jkunx ippreżenta l-fatti, l-argumenti jew l-evidenza meħtieġa li jsostnu l-applikazzjoni, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 62, l-osservazzjonijiet kollha ppreżentati mill-partijiet għandhom jintbagħtu lill-parti kkonċernata l-oħra.

5. Meta s-sid jikkonsenja t-trademark tal-UE soġġetta għal applikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 12 biex tkopri biss il-prodotti jew is-servizzi li l-applikazzjoni mhijiex immirata lejhom, jew it-trademark tal-UE tiħassar fi proċedimenti paralleli, jew tiskadi, il-proċedimenti għandhom jingħalqu ħlief meta għandu japplika l-Artikolu 50(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jew meta l-applikant juri li għandu interess leġittimu li jikseb deċiżjoni fuq il-mertu.

6. Meta s-sid jikkonsenja b'mod parzjali t-trademark tal-UE billi jħassar uħud mill-prodotti jew mis-servizzi li għalihom hija mmirata l-applikazzjoni, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant sabiex jiddikjara, fil-perjodu li jispeċifika, jekk huwiex se żżomm l-applikazzjoni u, jekk iva, kontra liema mill-prodotti jew mis-servizzi li jifdal. Meta l-applikant jirtira l-applikazzjoni fid-dawl tal-konsenja, jew l-Uffiċċju ikun informat dwar soluzzjoni bejn il-partijiet, il-proċedimenti għandhom jingħalqu.

7. Meta s-sid ikun jixtieq jikkonsenja t-trademark tal-UE kkontestata, għandu jagħmel dan permezz ta' dokument separat.

8. L-Artikolu 8(9) għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 18

Applikazzjonijiet multipli għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità

1. Meta jiġu ppreżentati diversi applikazzjonijiet għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità b'rabta mal-istess trademark tal-UE, l-Uffiċċju jista' jeżaminhom f'sett wieħed ta' proċedimenti. Sussegwentement l-Uffiċċju jista' jiddeċiedi li jeżamina dawk l-applikazzjonijiet b'mod separat.

2. L-Artikolu 9(2), (3) u (4) għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 19

Prova tal-użu b'rabta ma' applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità

1. Fil-każ ta' applikazzjoni għal revoka fuq il-bażi tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Uffiċċju għandu jistieden lil sid it-trademark tal-UE sabiex jipprovdi prova ta' użu ġenwin ta' dik il-marka jew tar-raġunijiet xierqa għan-nuqqas ta' użu, fi ħdan perjodu li jispeċifika l-Uffiċċju stess. Meta s-sid ma jipprovdix din il-prova jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' użu qabel ma tagħlaq l-iskadenza jew l-evidenza jew ir-raġunijiet ipprovduti jkunu manifestament insuffiċjenti jew irrilevanti, it-trademark tal-UE għandha tiġi revokata. L-Artikolu 10(3), (4), (6) u (7) ta' dan ir-Regolament għandu japplika *mutatis mutandis*.

2. Talba għall-prova tal-użu skont l-Artikolu 57(2) jew (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tkun ammissibbli jekk sid it-trademark tal-UE jippreżentaha bħala talba inkundizzjonali f'dokument separat fi ħdan il-perjodu speċifikat mill-Uffiċċju skont l-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament. Meta sid it-trademark tal-UE ikun għamel talba għall-prova tal-użu ta' marka preċedenti jew tar-raġunijiet xierqa għan-nuqqas ta' użu li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 57(2) jew (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità sabiex jipprovdi l-prova meħtieġa sal-għeluq ta' skadenza speċifikata mill-Uffiċċju. Meta l-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità ma jipprovdix din il-prova jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' użu qabel ma tagħlaq l-iskadenza jew l-evidenza jew ir-raġunijiet ipprovduti jkunu manifestament insuffiċjenti jew irrilevanti, l-Uffiċċju għandu jiċħad l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità peress li tkun ibbażata fuq dik il-marka preċedenti. L-Artikolu 10(3) sa (7) ta' dan ir-Regolament għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 20

Talba għal ċessjoni

1. Meta sid trademark jitlob, b'konformità mal-Artikolu 18(1) u (2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, ċessjoni minflok dikjarazzjoni ta' invalidità, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12 sa 19 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

2. Meta talba għal ċessjoni skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 tiġi approvata parzjalment jew għalkollox mill-Uffiċċju jew minn qorti tat-trademarks tal-UE u d-deċiżjoni jew is-sentenza ssir finali, l-Uffiċċju għandu jiżgura li t-trasferiment parzjali jew totali li jirriżulta tat-trademark tal-UE jiddaħħal fir-Reġistru u jiġi ppubblikat.

TITOLU V

APPELLI

Artikolu 21

Notifika ta' Appell

1. Notifika ta' appell ippreżentata skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandu jkun fiha dawn li ġejjin:

(a) l-isem u l-indirizz tal-appellant skont l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431;

(b) meta l-appellant ikun qabbad rappreżentant, l-isem u l-indirizz tan-negozju tar-rappreżentant skont l-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431;

(c) meta r-rappreżentazzjoni tal-appellant tkun obbligatorja skont l-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-isem u l-indirizz tan-negozju tar-rappreżentant skont l-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431;

(d) identifikazzjoni ċara u mhux ambigwa tad-deċiżjoni appellata li tindika d-data li fiha nħarġet u n-numru tal-fajl tal-proċedimenti li magħhom hija marbuta d-deċiżjoni appellata;

(e) meta d-deċiżjoni appellata tkun ikkontestata biss parzjalment, identifikazzjoni ċara u mhux ambigwa tal-prodotti jew tas-servizzi li fir-rigward tagħhom tkun ikkontestata d-deċiżjoni appellata.

2. Meta n-notifika tal-appell tiġi ppreżentata f'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni li mhijiex il-lingwa tal-proċedimenti, l-appellant għandu jipprovdi traduzzjoni tagħha fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni appellata.

3. Meta fi proċedimenti *ex parte* d-deċiżjoni appellata tkun ittieħdet f'lingwa uffiċjali li mhijiex il-lingwa tal-proċedimenti, l-appellant jista' jippreżenta n-notifika tal-appell bil-lingwa tal-proċedimenti jew bil-lingwa li biha ttieħdet id-deċiżjoni appellata; fi kwalunkwe każ, il-lingwa użata għan-notifika tal-appell għandha ssir il-lingwa tal-proċedimenti tal-appell u ma għandux japplika l-paragrafu 2.

4. Malli n-notifika tal-appell tiġi ppreżentata fi proċedimenti *inter partes*, għandha tiġi nnotifikata lill-konvenut.

Artikolu 22

Stqarrija tar-Raġunijiet

1. Stqarrija li tistabbilixxi r-raġunijiet tal-appell ippreżentata skont ir-raba' sentenza tal-Artikolu 60(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandu jkun fiha identifikazzjoni ċara u mhux ambigwa ta' dawn li ġejjin:

(a) il-proċedimenti ta' appell li għalihom tirreferi billi jiġi indikat in-numru tal-appell korrispondenti jew inkella d-deċiżjoni appellata skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(1)(d) ta' dan ir-Regolament;

(b) ir-raġunijiet tal-appell li fuqhom qiegħed jintalab it-tħassir tad-deċiżjoni kkontestata sal-grad identifikat skont l-Artikolu 21(1)(e) ta' dan ir-Regolament;

(c) il-fatti, l-evidenza u l-argumenti li jappoġġjaw ir-raġunijiet invokati, ippreżentati skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 55(2).

2. L-istqarrija tar-raġunijiet għandha tiġi ppreżentata bil-lingwa tal-proċedimenti tal-appell kif stabbilit skont l-Artikolu 21(2) u (3). Meta l-istqarrija tar-raġunijiet tkun ippreżentata f'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni, l-appellant irid jipprovdi traduzzjoni tagħha fi żmien xahar mid-data tal-preżentazzjoni tal-istqarrija oriġinali.

Artikolu 23

Ammissibbiltà ta' appell

1. Il-Bord tal-Appell għandu jiċħad appell bħala inammissibbli fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta n-notifika tal-appell ma tkunx ġiet ippreżentata fi żmien xahrejn mid-data ta' notifika tad-deċiżjoni appellata;

(b) meta l-appell ma jikkonformax mal-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, jew ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 21(1)(d) u l-Artikolu 21(2) u (3) ta' dan ir-Regolament, sakemm dawn in-nuqqasijiet ma jiġux irrimedjati fi żmien erba' xhur mid-data ta' notifika tad-deċiżjoni appellata;

(c) meta n-notifika tal-appell ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(1)(a), (b), (c) u (e), u l-appellant, minkejja li jkun ġie informat dwar dan mill-Bord tal-Appell, ma jkunx irrimedja għal dawk in-nuqqasijiet fl-iskadenza speċifikata mill-Bord tal-Appell għal dak il-għan;

(d) meta l-istqarrija tar-raġunijiet ma tkunx ġiet ippreżentata fi żmien erba' xhur mid-data ta' notifika tad-deċiżjoni appellata;

(e) meta l-istqarrija tar-raġunijiet ma tikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22(1)(a) u (b), u l-appellant, minkejja li jkun ġie informat dwar dan mill-Bord tal-Appell, ma jkunx irrimedja għal dawk in-nuqqasijiet fl-iskadenza speċifikata mill-Bord tal-Appell għal dak il-għan jew ma jkunx ippreżenta t-traduzzjoni tal-istqarrija tar-raġunijiet fi żmien xahar mid-data tal-preżentazzjoni tal-istqarrija oriġinali skont l-Artikolu 22(2).

2. Meta l-appell jidher li jkun inammissibbli, il-President tal-Bord tal-Appell li lilu jiġi allokat il-każ skont l-Artikolu 35(1) jista' jitlob lill-Bord tal-Appell sabiex jiddeċiedi mingħajr dewmien dwar l-ammissibbiltà tal-appell qabel ma l-konvenut jiġi nnotifikat bin-notifika jew bl-istqarrija tar-raġunijiet, skont il-każ.

3. Il-Bord tal-Appell għandu jiddikjara li appell ma jitqiesx li ġie ppreżentat meta t-tariffa tal-appell tkun tħallset wara li tkun għalqet l-iskadenza stabbilita fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 60(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. F'każ bħal dan, għandu japplika l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 24

Rispons

1. Fi proċedimenti *inter partes*, il-konvenut jista' jippreżenta risposta fi żmien xahrejn mid-data ta' notifika tal-istqarrija tar-raġunijiet tal-appellant. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, dik l-iskadenza tista' tiġi estiża fuq talba raġunata tal-konvenut.

2. Ir-risposta għandu jkun fiha l-isem u l-indirizz tal-konvenut skont l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431 u għandha tikkonforma, *mutatis mutandis*, mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(1)(b), (c) u (d), l-Artikolu 22(1)(a) u (c) u l-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 25

Kontroappell

1. Meta l-konvenut jitlob deċiżjoni li tħassar jew tbiddel id-deċiżjoni kkontestata fuq punt li ma jkunx tqajjem fl-appell, skont l-Artikolu 60(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, dak il-kontroappell għandu jiġi ppreżentat fi żmien l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' risposta skont l-Artikolu 24(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Kontroappell għandu jiġi ppreżentat b'dokument separat mir-risposta.

3. Il-kontroappell għandu jkun fih l-isem u l-indirizz tal-konvenut skont l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431 u għandu jikkonforma *mutatis mutandis* mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(1)(b) sa (e) u l-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament.

4. Kontroappell għandu jkun miċħud bħala inammissibbli fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma jkunx ġie ppreżentat sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1;

(b) meta ma jkunx ġie ppreżentat b'ħarsien tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 jew fl-Artikolu 21(1)(d);

(c) meta ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 3, u l-konvenut, minkejja li jkun ġie informat dwar dan mill-Bord tal-Appell, ma jkunx irrimedja għal dawn in-nuqqasijiet fi żmien l-iskadenza speċifikata mill-Bord tal-Appell għal dak il-għan, jew ma jkunx ippreżenta t-traduzzjoni tal-kontroappell u l-istqarrija tar-raġunijiet korrispondenti fi żmien xahar mid-data tal-preżentazzjoni oriġinali.

5. L-appellant għandu jkun mistieden jippreżenta osservazzjonijiet dwar il-kontroappell tal-konvenut fi żmien xahrejn mid-data ta' notifika lill-appellant. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dik l-iskadenza tista' tiġi estiża mill-Bord tal-Appell fuq talba motivata tal-appellant. L-Artikolu 26 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 26

Risposta u kontroreplika fi proċedimenti inter partes

1. Fuq talba motivata tal-appellant ippreżentata fi żmien ġimgħatejn wara n-notifika tar-risposta, il-Bord tal-Appell, skont l-Artikolu 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, jista' jawtorizza lill-appellant sabiex jissupplimenta l-istqarrija tar-raġunijiet b'risposta fi żmien speċifikat mill-Bord tal-Appell.

2. F'dan il-każ, il-Bord tal-Appell għandu jawtorizza wkoll lill-konvenut sabiex jissupplimenta r-risposta b'kontroreplika fi żmien speċifikat mill-Bord tal-Appell.

Artikolu 27

Eżaminazzjoni tal-appell

1. Fi proċedimenti *ex parte* u fir-rigward ta' dawk il-prodotti jew servizzi li jifformaw parti mis-suġġett tal-appell, il-Bord tal-Appell, f'konformità mal-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandu jipproċedi skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, meta jqajjem raġuni għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni għat-trademark li ma kinitx diġà invokata fid-deċiżjoni appellata fl-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni.

2. Fi proċedimenti *inter partes*, l-eżaminazzjoni tal-appell u, skont il-każ, il-kontroappell, għandha tkun ristretta għar-raġunijiet invokati fl-istqarrija tar-raġunijiet u, skont il-każ, fil-kontroappell. Il-punti legali li ma jitqajmux mill-partijiet għandhom jiġu eżaminati mill-Bord tal-Appell biss meta jkunu jikkonċernaw rekwiżiti proċedurali essenzjali jew meta jkun meħtieġ li dawn jissolvew sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 fir-rigward tal-fatti, l-evidenza u l-argumenti ppreżentati mill-partijiet.

3. L-eżaminazzjoni tal-appell għandha tinkludi t-talbiet jew il-pretensjonijiet li ġejjin sakemm dawn ikunu tqajmu fid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-appell jew, skont il-każ, fil-kontroappell u sakemm ikunu tqajmu fil-ħin matul il-proċedimenti quddiem l-istanza tal-Uffiċċju li jkun adotta d-deċiżjoni soġġetta għal appell:

(a) id-distintività miksuba bl-użu kif imsemmi fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 52(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(b) ir-rikonoxximent tat-trademark preċedenti fis-suq miksub bl-użu għall-finijiet tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(c) prova tal-użu skont l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jew l-Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

4. B'konformità mal-Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-Bord tal-Appell jista' jaċċetta fatti jew evidenza ppreżentati għall-ewwel darba quddiemu biss meta dawk il-fatti jew l-evidenza jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) minn kif ikun jidher, aktarx li jkunu rilevanti għall-eżitu tal-każ; u

(b) ma jkunux ġew prodotti fil-ħin għal raġunijiet validi, speċjalment meta jkunu qegħdin sempliċiment jissupplimentaw fatti u evidenza rilevanti li jkunu diġà ġew ippreżentati fil-ħin, jew ikunu ppreżentati sabiex jiġu kkontestati sejbiet li jkunu saru jew ikunu ġew eżaminati mill-ewwel istanza tal-mozzjoni tagħha stess fid-deċiżjoni appellata.

5. Sa mhux iktar tard mid-deċiżjoni tiegħu fuq l-appell u, skont il-każ, il-kontroappell, il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi fuq it-talbiet għal restrizzjoni, diviżjoni jew konsenja parzjali tal-marka kkontestata ddikjarata matul il-proċedimenti ta' appell mill-applikant jew mis-sid skont l-Artikoli 43, 44 jew 50 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Meta l-Bord tal-Appell jaċċetta r-restrizzjoni, id-diviżjoni jew il-konsenja parzjali, mingħajr dewmien għandu jinforma lid-dipartiment inkarigat mir-reġistru u lid-dipartimenti li jindirizzaw il-proċedimenti paralleli li jinvolvu l-istess marka, kif xieraq.

Artikolu 28

Komunikazzjonijiet mill-Bord tal-Appell

1. Il-komunikazzjonijiet mill-Bord tal-Appell matul l-eżaminazzjoni tal-appell jew sabiex tiġi ffaċilitata soluzzjoni bonarja tal-proċedimenti għandhom jitħejjew mir-rapporteur u għandhom jiġu ffirmati mir-rapporteur f'isem il-Bord tal-Appell, bi qbil mal-President tal-Bord tal-Appell.

2. Meta Bord tal-Appell jikkomunika mal-partijiet rigward l-opinjoni provviżorja tiegħu fuq kwistjonijiet ta' fatt jew liġi, għandu jiddikjara li mhuwiex marbut b'dik il-komunikazzjoni.

Artikolu 29

Kummenti dwar kwistjonijiet ta' interess ġenerali

Il-Bord tal-Appell, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba motivata u bil-miktub mid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju, jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv sabiex jikkummenta fuq kwistjonijiet ta' interess ġenerali li jqumu matul il-proċedimenti pendenti quddiemu. Il-partijiet għandhom ikunu intitolati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-kummenti tad-Direttur Eżekuttiv.

Artikolu 30

Ftuħ mill-ġdid tal-eżaminazzjoni tar-raġunijiet assoluti

1. Meta, fi proċedimenti *ex parte*, il-Bord tal-Appell iqis li raġuni assoluta għaċ-ċaħda tista' tkun applikabbli għall-prodotti jew is-servizzi elenkati fl-applikazzjoni għat-trademark li ma jagħmlux parti mis-suġġett tal-appell, għandu jinforma lill-eżaminatur kompetenti biex jeżamina dik l-applikazzjoni li jista' jiddeċiedi li jerġa' jiftaħ l-eżaminazzjoni skont l-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 fir-rigward ta' dawk il-prodotti jew is-servizzi.

2. Meta deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tkun appellata, il-Bord tal-Appell jista', permezz ta' deċiżjoni interim motivata u mingħajr ħsara għall-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, jissospendi l-proċedimenti ta' appell u jirreferi l-applikazzjoni kkontestata lill-eżaminatur kompetenti biex jeżamina dik l-applikazzjoni b'rakkomandazzjoni li jerġa' jiftaħ l-eżaminazzjoni skont l-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, meta jqis li għandha tapplika raġuni assoluta għaċ-ċaħda għal uħud mill-prodotti jew mis-servizzi fl-applikazzjoni għat-trademark jew għal kollha kemm huma.

3. Meta l-applikazzjoni kkontestata tkun ġiet rimessa b'applikazzjoni tal-paragrafu 2, l-eżaminatur għandu jinforma lill-Bord tal-Appell mingħajr dewmien dwar jekk l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni kkontestata reġgħetx infetħet jew le. Meta l-eżaminazzjoni terġa' tinfetaħ, il-proċedimenti tal-appell għandhom jibqgħu sospiżi sakemm l-eżaminatur jieħu deċiżjoni u, meta l-applikazzjoni kkontestata tiġi miċħuda kollha kemm hi jew parti minnha, sakemm id-deċiżjoni tal-eżaminatur f'dan is-sens issir finali.

Artikolu 31

Eżaminazzjoni ta' appell bħala kwistjoni ta' prijorità

1. Fuq il-bażi ta' talba motivata tal-appellant jew tal-konvenut u wara s-smigħ tal-parti l-oħra, il-Bord tal-Appell jista' jiddeċiedi, fir-rigward tal-urġenza partikolari u ċ-ċirkustanzi tal-każ, li jeżamina l-appell bħala kwistjoni ta' prijorità, bla ma jippreġudika d-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 23 u 26, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-limiti ta' żmien.

2. It-talba għall-eżaminazzjoni tal-appell bħala kwistjoni ta' prijorità tista' tiġi ppreżentata fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti tal-appell. Hija għandha tiġi ppreżentata f'dokument separat u tkun sostnuta b'evidenza dwar l-urġenza u ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ.

Artikolu 32

Kontenut formali tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell

Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell għandu jkun fiha:

(a) stqarrija li hija meħuda mill-Bordijiet tal-Appell;

(b) id-data li fiha ttieħdet id-deċiżjoni;

(c) l-ismijiet tal-partijiet u tar-rappreżentanti tagħhom;

(d) in-numru tal-appell li tirreferi għalih u identifikazzjoni tad-deċiżjoni appellata skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 21(1)(d);

(e) indikazzjoni rigward il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appell;

(f) l-isem u, mingħajr ħsara għall-Artikolu 39(5), il-firma tal-President u tal-membri li ħadu sehem fid-deċiżjoni, inkluża indikazzjoni ta' min aġixxa bħala rapporteur fil-każ, jew, meta d-deċiżjoni tittieħed minn membru uniku, l-isem u l-firma tal-membru li ħadha;

(g) l-isem u l-firma tar-Reġistratur jew, skont il-każ, tal-membru tar-Reġistru li jiffirma f'isem ir-Reġistratur;

(h) sommarju tal-fatti u tal-argumenti ppreżentati mill-partijiet;

(i) stqarrija tar-raġunijiet li għalihom ittieħdet id-deċiżjoni;

(j) l-ordni tal-Bord tal-Appell, inkluża, fejn hemm bżonn, deċiżjoni fuq l-ispejjeż.

Artikolu 33

Rimborż tat-tariffa tal-appell

It-tariffa tal-appell għandha tintradd lura fuq ordni tal-Bord tal-Appell fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet:

(a) meta l-appell ma jitqisx li ġie ppreżentat skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 60(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(b) meta l-istanza tat-teħid tad-deċiżjoniijiet tal-Uffiċċju li adottat id-deċiżjoni kkontestata tawtorizza reviżjoni skont l-Artikolu 61(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jew tirrevoka d-deċiżjoni kkontestata b'applikazzjoni tal-Artikolu 80 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(c) meta wara l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedimenti ta' eżaminazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Appell skont l-Artikolu 30(2) ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjoni kkontestata tkun ġiet miċħuda mid-deċiżjoni finali tal-eżaminatur u bħala konsegwenza ta' dan l-appell ikun tilef l-għan tiegħu;

(d) meta l-Bord tal-Appell iqis li t-tali rimborż huwa ekwu minħabba ksur proċedurali sostanzjali.

Artikolu 34

Reviżjoni u revoka tad-deċiżjoni appellata

1. Meta, fi proċedimenti *ex parte*, l-appell ma jiġix miċħud skont l-Artikolu 23(1), il-Bord tal-Appell għandu jippreżenta n-notifika tal-appell u l-istqarrija tar-raġunijiet tal-appell lill-istanza tal-Uffiċċju li adottat id-deċiżjoni kkontestata għall-finijiet tal-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

2. Meta l-istanza tal-Uffiċċju li adottat id-deċiżjoni appellata tiddeċiedi li tawtorizza reviżjoni skont l-Artikolu 61(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandha tinforma lill-Bord tal-Appell dwar dan mingħajr dewmien.

3. Meta l-istanza tal-Uffiċċju li adottat id-deċiżjoni appellata tniedi l-proċedura għar-revokazzjoni tad-deċiżjoni appellata skont l-Artikolu 80(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandha tinforma lill-Bord tal-Appell dwar dan mingħajr dewmien għall-finijiet tal-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament. Għandha tinforma wkoll lill-Bord tal-Appell mingħajr dewmien dwar l-eżitu finali ta' dik il-proċedura.

Artikolu 35

Allokazzjoni ta' appell lil Bord u ħatra ta' rapporteur

1. Malli tiġi ppreżentata n-notifika tal-appell, il-President tal-Bordijiet għandu jalloka l-kawża lil Bord tal-Appell skont il-kriterji oġġettivi stabbiliti mill-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell imsemmi fl-Artikolu 136(4)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

2. Għal kull kawża allokata lil Bord tal-Appell skont il-paragrafu 1, il-President tiegħu għandu jaħtar lil membru ta' dak il-Bord tal-Appell, jew lill-president, bħala rapporteur.

3. Meta kawża taqa' taħt l-awtorità ta' membru uniku skont l-Artikolu 36(1), il-Bord tal-Appell li jieħu ħsieb il-kawża għandu jagħżel rapporteur bħala membru uniku skont l-Artikolu 135(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

4. Meta deċiżjoni ta' Bord tal-Appell fuq kawża tiġi annullata jew tinbidel permezz ta' sentenza finali mill-Qorti Ġenerali jew, skont il-każ, mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-President tal-Bordijiet tal-Appell għandu, bil-għan li jikkonforma ma' dik is-sentenza skont l-Artikolu 65(6) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, jerġa' jalloka l-kawża skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lil Bord tal-Appell, li ma għandux jinkludi fih dawk il-membri li kienu adottaw id-deċiżjoni annullata, ħlief meta l-kawża tiġi riferita lill-Bord tal-Appell estiż ("il-Gran Bord") jew meta d-deċiżjoni annullata tkun ittieħdet mill-Gran Bord.

5. Meta jiġu ppreżentati diversi appelli kontra l-istess deċiżjoni, dawk l-appelli għandhom jiġu kkunsidrati fl-istess proċedimenti. Meta l-appelli li jinvolvu l-istess partijiet jiġu ppreżentati kontra deċiżjonijiet separati li jikkonċernaw l-istess trademark, jew ikollhom elementi fattwali jew legali rilevanti oħrajn komuni bejniethom, dawk l-appelli jistgħu jiġu kkunsidrati fi proċedimenti konġunti bil-kunsens tal-partijiet.

Artikolu 36

Kawżi li jaqgħu taħt l-awtorità ta' membru uniku

1. Il-Bord tal-Appell li jieħu ħsieb il-kawża jista' jaħtar membru uniku skont it-tifsira tal-Artikolu 135(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għall-finijiet tad-deċiżjonijiet li ġejjin:

(a) deċiżjonijiet skont l-Artikolu 23;

(b) deċiżjonijiet li jagħlqu l-proċedimenti ta' appell wara l-irtirar, iċ-ċaħda, il-konsenja jew it-tħassir tal-marka kkontestata jew dik preċedenti;

(c) deċiżjonijiet li jagħlqu l-proċedimenti ta' appell wara l-irtirar tal-oppożizzjoni, tat-talba għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidtà jew tal-appell;

(d) deċiżjonijiet dwar miżuri skont l-Artikolu 79d(1) u l-Artikolu 80(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, sakemm il-korrezzjoni jew, skont il-każ, ir-revoka tad-deċiżjoni dwar l-appell tikkonċerna deċiżjoni meħuda minn membru uniku;

(e) deċiżjonijiet skont l-Artikolu 81(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(f) deċiżjonijiet skont l-Artikolu 85(3), (4) u (7) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(g) deċiżjonijiet dwar appelli kontra deċiżjonijiet fi proċedimenti *ex parte* meħudin abbażi ta' raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, li huma manifestament infondati jew manifestament fondati sew.

2. Meta l-membru uniku jikkunsidra li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jew fl-Artikolu 135(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 mhumiex, jew ma għadhomx, issodisfati, il-membru uniku għandu jirreferi l-kawża lura lill-Bord tal-Appell fil-kompożizzjoni tiegħu ta' tliet membri billi jippreżenta abbozz tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 37

Riferiment lill-Gran Bord

1. Mingħajr ħsara għall-fakultà li jirreferi għal kawża lill-Gran Bord skont l-Artikolu 135(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, Bord tal-Appell għandu jirrferi l-kawża allokata lilu lill-Gran Bord jekk iqis li jrid jiddevja minn interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti mogħtija f'deċiżjoni preċedenti tal-Gran Bord, jew jekk josserva li l-Bordijiet tal-Appell ħarġu deċiżjonijiet diverġenti fuq punt legali li aktarx jaffettwa l-eżitu tal-kawża.

2. Id-deċiżjonijiet kollha dwar ir-riferimenti tal-kawżi ta' appell lill-Gran Bord għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li għalihom il-Bord tal-Appell li jagħmel ir-riferiment jew, skont il-każ, il-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell iqis li dan huwa ġġustifikat, għandhom ikunu kkomunikati lill-partijiet fil-kawża u għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Uffiċċju.

3. Il-Gran Bord għandu jirreferi l-kawża lura mingħajr dewmien lill-Bord tal-Appell li oriġinarjament kienet allokata lilu jekk jemmen li l-kundizzjonijiet għar-riferiment oriġinali mhumiex, jew ma għadhomx, issodisfati.

4. It-talbiet għal opinjoni motivata fuq kwistjonijiet ta' punt legali skont l-Artikolu 128(4)(l) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandhom jiġu riferiti lill-Gran Bord bil-miktub, għandhom jiddikjaraw il-kwistjonijiet legali li fuqhom qiegħda tintalab interpretazzjoni, u jistgħu jiddikjaraw ukoll il-fehma tad-Direttur Eżekuttiv fuq l-interpretazzjonijiet differenti possibbli kif ukoll fuq il-konsegwenzi legali u prattiċi rispettivi tagħhom. It-talba għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Uffiċċju.

5. Meta Bord tal-Appell ikollu jiddeċiedi, f'kawża pendenti quddiemu, fuq l-istess punt legali li diġà tqajjem f'riferiment lill-Gran Bord skont l-Artikolu 135(3) jew l-Artikolu 128(4)(l) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, huwa għandu jissospendi l-proċedimenti sakemm il-Gran Bord ikun ħa d-deċiżjoni tiegħu jew ikun ta l-opinjoni motivata tiegħu.

6. Gruppi jew korpi li jirrappreżentaw manifatturi, produtturi, fornituri ta' servizzi, negozjanti jew konsumaturi li jistgħu jistabbilixxu interess fir-riżultat ta' kawża fuq appell jew talba għal opinjoni motivata mressqa quddiem il-Gran Bord, jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Uffiċċju tad-deċiżjoni ta' riferiment jew, skont il-każ, it-talba għal opinjoni raġunata. Ma għandhomx ikunu partijiet għall-proċedimenti quddiem il-Gran Bord u għandhom iġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess.

Artikolu 38

Bidla fil-kompożizzjoni ta' Bord

1. Meta, wara l-proċedimenti orali, il-kompożizzjoni ta' Bord tal-Appell tinbidel skont l-Artikolu 43(2) u (3), il-partijiet kollha fil-proċedimenti għandhom ikunu informati li fuq talba ta' kwalunkwe parti, il-proċedimenti orali l-ġodda għandhom isiru quddiem il-Bord tal-Appell fil-kompożizzjoni l-ġdida tiegħu. Proċedimenti orali ġodda għandhom isiru wkoll jekk il-membru l-ġdid jitlob hekk u sakemm il-membri l-oħrajn tal-Bord tal-Appell ikunu qablu miegħu.

2. Il-membru l-ġdid ta' Bord tal-Appell għandu jkun marbut daqs il-membri l-oħrajn bi kwalunkwe deċiżjoni li diġà tkun ittieħdet.

Artikolu 39

Deliberazzjoni, votazzjoni u ffirmar tad-deċiżjonijiet

1. Ir-rapporteur għandu jippreżenta lill-membri l-oħrajn tal-Bord tal-Appell abbozz tad-deċiżjoni li trid tittieħed u għandu jistabbilixxi skadenza raġonevoli sa meta tista' tiġi ppreżentata oppożizzjoni jew jintalbu bidliet.

2. Il-Bord tal-Appell għandu jiltaqa' sabiex jiddelibera fuq id-deċiżjoni li trid tittieħed jekk jidher li l-membri tiegħu ma jkunux kollha tal-istess fehma. Il-membri tal-Bord tal-Appell biss għandhom jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet; madankollu, il-President tal-Bord tal-Appell jista' jawtorizza l-attendenza ta' uffiċjali oħrajn bħar-Reġistratur jew interpreti. Id-deliberazzjonijiet għandhom ikunu u jibqgħu sigrieti.

3. Matul id-deliberazzjonijiet bejn il-membri ta' Bord tal-Appell, l-opinjoni tar-rapporteur għandha tinstemal-ewwel, u, jekk ir-rapporteur ma jkunx il-President, l-opinjoni tal-President għandha tinstemal-aħħar.

4. Jekk ikun meħtieġ li ssir votazzjoni, il-voti għandhom jittieħdu fl-istess sekwenza, ħlief li l-President dejjem irid jivvota l-aħħar. Mhumiex permessi astensjonijiet.

5. Il-membri kollha tal-Bord tal-Appell li jieħdu d-deċiżjoni jridu jiffirmawha. Madankollu, meta l-Bord tal-Appell diġà jkun ħa deċiżjoni finali u membru ma jkunx jista' jaġixxi, dak il-membru ma għandux jinbidel u l-President għandu jiffirma d-deċiżjoni f'isem il-membru. Meta l-President ma jkunx jista' jaġixxi, l-iktar membru anzjan tal-Bord tal-Appell kif stabbilit skont l-Artikolu 43(1) għandu jiffirma d-deċiżjoni f'isem il-President.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw meta tkun trid tittieħed deċiżjoni minn membru wieħed skont l-Artikolu 135(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u skont l-Artikolu 36(1) ta' dan ir-Regolament. F'dawn il-każijiet, id-deċiżjonijiet iridu jiġu ffirmati mill-membru uniku.

Artikolu 40

President ta' Bord tal-Appell

President għandu jippresjedi fuq Bord tal-Appell u għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

(a) jaħtar membru tal-Bord tal-Appell, jew lilu nnifsu, bħala rapporteur għal kull kawża allokata lil dak il-Bord tal-Appell skont l-Artikolu 35(2);

(b) jaħtar, f'isem il-Bord tal-Appell, ir-rapporteur bħala membru uniku skont l-Artikolu 135(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(c) jitlob lill-Bord tal-Appell jiddeċiedi fuq l-ammissibbiltà tal-appell skont l-Artikolu 23(2) ta' dan ir-Regolament;

(d) jidderieġi l-eżaminazzjoni preparatorja tal-kawża mwettqa mir-rapporteur skont l-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament;

(e) jippresjedi seduti orali u t-teħid ta' evidenza, u jiffirma l-minuti tagħhom.

Artikolu 41

Rapporteur għal Bord tal-Appell

1. Ir-rapporteur għandu jwettaq studju preliminari tal-appell assenjat lir-rapporteur, iħejji l-kawża għall-eżaminazzjoni u d-deliberazzjoni mill-Bord tal-Appell, u jabbozza d-deċiżjoni li jrid jieħu l-Bord tal-Appell.

2. Għal dan il-għan, ir-rapporteur, fejn ikun hemm bżonn u soġġett għall-ordnijiet tal-President tal-Bord tal-Appell, għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

(a) jistieden lill-partijiet jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(b) jiddeċiedi fuq talbiet għall-estensjoni tal-limiti ta' żmien u, skont il-każ, jistabbilixxi limiti ta' żmien skont it-tifsira tal-Artikolu 24(1), l-Artikolu 25(5) u l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament, u fuq is-sospensjonijiet skont l-Artikolu 71;

(c) iħejji komunikazzjonijiet skont l-Artikolu 28 u s-seduta orali;

(d) jiffirma l-minuti tal-proċedimenti orali u t-teħid ta' evidenza.

Artikolu 42

Reġistru

1. Għandu jiġi stabbilit Reġistru fil-Bordijiet tal-Appell. Għandu jkun responsabbli għar-riċeviment, id-dispaċċ, il-ħarsien u n-notifika tad-dokumenti kollha marbutin mal-proċedimenti quddiem il-Bordijiet tal-Appell, u għall-kumpilazzjoni tal-fajls rilevanti.

2. Ir-Reġistru għandu jitmexxa minn Reġistratur. Ir-Reġistratur għandu jwettaq il-kompiti msemmijin f'dan l-Artikolu taħt l-awtorità tal-President tal-Bordijiet tal-Appell, minħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 3.

3. Ir-Reġistratur għandu jiżgura li jiġu rrispettati r-rekwiżiti formali u l-limiti ta' żmien kollha stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 207/2009, f'dan ir-Regolament jew f'deċiżjonijiet tal-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell adottati skont l-Artikolu 136(4)(c) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Għal dan il-għan, ir-Reġistratur għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

(a) jiffirma d-deċiżjonijiet meħudin mill-Bordijiet tal-Appell fir-rigward tal-appelli;

(b) jieħu u jiffirma l-minuti tal-proċedimenti orali u t-teħid ta' evidenza;

(c) jipprovdi, jew fuq mozzjoni tiegħu stess jew fuq talba tal-Bord tal-Appell, opinjonijiet raġunati lill-Bord tal-Appell fuq rekwiżiti proċedurali u formali inkluż fuq irregolaritajiet skont l-Artikolu 23(2) ta' dan ir-Regolament;

(d) jippreżenta l-appell, skont l-Artikolu 34(1) ta' dan ir-Regolament, lill-istanza tal-Uffiċċju li adottat id-deċiżjoni kkontestata;

(e) jordna, f'isem il-Bord tal-Appell, fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 33(a) u (b) ta' dan ir-Regolament, ir-rimborż tat-tariffa tal-appell.

4. Ir-Reġistratur, fuq delega tal-President tal-Bordijiet tal-Appell, għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

(a) jalloka l-kawżi skont l-Artikolu 35(1) u (4);

(b) jimplimenta, skont l-Artikolu 136(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, deċiżjonijiet tal-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell marbutin mal-kondotta tal-proċedimenti quddiem il-Bordijiet tal-Appell.

5. Ir-Reġistratur, fuq delega tal-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell li ssir fuq proposta tal-President tal-Bordijiet tal-Appell, jista' jwettaq kompiti oħrajn marbutin mal-kondotta tal-proċedimenti tal-appell quddiem il-Bordijiet tal-Appell u l-organizzazzjoni tal-ħidma tagħhom.

6. Ir-Reġistratur jista' jiddelega l-kompiti msemmijin f'dan l-Artikolu lil membru tar-Reġistru.

7. Meta r-Reġistratur ma jkunx jista' jaġixxi skont it-tifsira tal-Artikolu 43(4), jew meta l-kariga ta' Reġistratur tkun battala, il-President tal-Bordijiet tal-Appell għandu jaħtar membru tar-Reġistru li għandu jwettaq il-kompiti tar-Reġistratur fin-nuqqas tar-Reġistratur.

8. Il-membri tar-Reġistru għandhom ikunu mmaniġġjati mir-Reġistratur.

Artikolu 43

Ordni ta' anzjanità u sostituzzjoni tal-membri u tal-Presidenti

1. L-anzjanità tal-Presidenti u tal-membri għandha tiġi kkalkolata skont id-data li fiha assumew dmirijiethom kif speċifikat fl-istrument tal-ħatra jew, fin-nuqqas ta' dan, kif stabbilita mill-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju. Fil-każ tal-istess anzjanità fuq dik il-bażi, hija l-età li tiddetermina l-ordni ta' anzjanità. Il-Presidenti u l-membri li jiġġedded il-mandat tagħhom għandhom iżommu l-anzjanità preċedenti tagħhom.

2. Meta l-President ta' Bord tal-Appell ma jkunx jista' jaġixxi, dak il-President għandu jiġi sostitwit, fuq il-bażi tal-anzjanità kif stabbilita skont il-paragrafu 1, mill-iktar membru anzjan tal-Bord tal-Appell jew, jekk ma jkun hemm ebda membru ta' dak il-Bord tal-Appell disponibbli, mill-iktar membru anzjan mill-membri l-oħrajn tal-Bordijiet tal-Appell.

3. Meta membru ta' Bord tal-Appell ma jkunx jista' jaġixxi, dak il-membru għandu jiġi ssostitwit, fuq il-bażi tal-anzjanità kif stabbilita skont il-paragrafu 1, mill-iktar membru anzjan tal-Bord tal-Appell jew, jekk ma jkun hemm ebda membru ta' dak il-Bord tal-Appell disponibbli, mill-iktar membru anzjan mill-membri l-oħrajn tal-Bordijiet tal-Appell.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, il-Presidenti u l-membri tal-Bordijiet tal-Appell għandhom jitqiesu li ma jistgħux jaġixxu fil-każ ta' liv, mard, impenji li ma jistgħux joħorġu minnhom u esklużjoni skont l-Artikolu 137 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u l-Artikolu 35(4) ta' dan ir-Regolament. President għandu jitqies ukoll li ma jistax jaġixxi meta dak il-President jaġixxi *ad interim* bħala President tal-Bordijiet tal-Appell skont l-Artikolu 47(2) ta' dan ir-Regolament. Meta l-kariga ta' President jew membru tkun battala, il-funzjonijiet rispettivi tagħhom għandhom jiġu eżerċitati *ad interim* skont id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu rigward is-sostituzzjoni.

5. Kwalunkwe membru li jqis li ma jistax jaġixxi għandu jinforma mingħajr dewmien lill-President tal-Bord tal-Appell ikkonċernat. Kwalunkwe President li jqis li ma jistax jaġixxi għandu jinforma fl-istess ħin mingħajr dewmien lis-sostitut ta' dak il-President stabbilit skont il-paragrafu 2 u lill-President tal-Bordijiet tal-Appell.

Artikolu 44

Esklużjoni u oġġezzjoni

1. Qabel ma Bord tal-Appell jieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 137(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-President jew il-membru kkonċernat għandu jkun mistieden jippreżenta kummenti dwar jekk hemmx raġuni għall-esklużjoni jew l-oġġezzjoni.

2. Meta l-Bord tal-Appell isir jaf, minn sors li mhuwiex il-membru kkonċernat innifsu jew parti għall-proċedimenti, dwar raġuni possibbli għall-esklużjoni jew oġġezzjoni skont l-Artikolu 137(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandha tiġi applikata l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 137(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

3. Il-proċedimenti kkonċernati għandhom ikunu sospiżi sakemm tittieħed deċiżjoni fuq l-azzjoni li trid tittieħed skont l-Artikolu 137(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Artikolu 45

Gran Bord

1. Il-lista li tinkludi l-ismijiet tal-membri kollha tal-Bordijiet tal-Appell għajr il-President tal-Bordijiet tal-Appell u l-Presidenti tal-Bordijiet tal-Appell għall-finijiet ta' għażla b'sistema ta' rotazzjoni tal-membri tal-Gran Bord imsemmijin fl-Artikolu 136a(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha titfassal fl-ordni ta' anzjanità stabbilita skont l-Artikolu 43(1) ta' dan ir-Regolament. Meta appell ikun ġie riferit lill-Gran Bord skont l-Artikolu 135(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-Gran Bord għandu jinkludi lir-rapporteur maħtur qabel ir-riferiment.

2. L-Artikolu 40 għandu japplika għall-President tal-Bordijiet tal-Appell li jaġixxu fil-kapaċità ta' President tal-Gran Bord. L-Artikolu 41 għandu japplika għar-rapporteur għall-Gran Bord.

3. Meta l-President tal-Bordijiet tal-Appell ma jkunx jista' jaġixxi bħala President tal-Gran Bord, il-President tal-Bordijiet tal-Appell għandu jkun sostitwit f'dik il-funzjoni u, skont il-każ, bħala rapporteur għall-Gran Bord, fuq il-bażi tal-anzjanità kif stabbilita skont l-Artikolu 43(1) mill-iktar President anzjan tal-Bordijiet tal-Appell. Meta membru tal-Gran Bord ma jkunx jista' jaġixxi, dak il-membru għandu jkun sostitwit minn membru ieħor tal-Bordijiet tal-Appell li jrid jintgħażel skont l-Artikolu 136a(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Artikolu 43(4) u (5) ta' dan ir-Regolament għandu japplika *mutatis mutandis*.

4. Il-Gran Bord ma għandux jiddelibera jew jivvota fuq kawżi, u l-proċedimenti orali ma għandhomx iseħħu quddiem il-Gran Bord sakemm ma jkunux preżenti sebgħa mill-membri tiegħu, inklużi l-President u r-rapporteur tiegħu.

5. L-Artikolu 39(1) sa (5) għandu japplika għad-deliberazzjoni u l-votazzjoni tal-Gran Bord. F'każ ta' voti ndaqs, il-vot tal-President għandu jkun deċiżiv.

6. L-Artikolu 32 għandu japplika għal deċiżjonijiet tal-Gran Bord u *mutatis mutandis* għall-opinjonijiet immotivati tiegħu skont it-tifsira tal-Artikolu 128(4)(l) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Artikolu 46

Presidju tal-Bord tal-Appell

1. Il-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

(a) jiddeċiedi fuq kif inhuma kkostitwiti l-Bordijiet tal-Appell;

(b) jistabbilixxi l-kriterji oġġettivi għall-allokazzjoni tal-kawżi tal-appell lill-Bordijiet tal-Appell u jiddeċiedi dwar kwalunkwe kunflitt fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom;

(c) fuq proposta tal-President tal-Bordijiet tal-Appell, jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' nfiq tal-Bordijiet tal-Appell bil-għan li jfassal l-estimi tan-nefqa tal-Uffiċċju;

(d) jistipula r-regoli interni tiegħu;

(e) jistabbilixxi r-regoli għall-ipproċessar tal-esklużjoni u l-oġġezzjoni tal-membri skont l-Artikolu 137 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(f) jistabbilixxi l-istruzzjonijiet tal-ħidma għar-Reġistru;

(g) jieħu kwalunkwe miżura oħra għall-fini ta' eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu li jistabbilixxu r-regoli u jorganizza l-ħidma tal-Bordijiet tal-Appell skont l-Artikolu 135(3)(a) u l-Artikolu 136(4)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

2. Il-Presidju jista' jiddelibera b'mod validu biss jekk ikunu preżenti tal-inqas żewġ terzi mill-membri tiegħu, inkluż il-President tal-Presidju u nofs il-Presidenti tal-Bordijiet tal-Appell, imqarrba 'l fuq jekk ikun hemm bżonn. Id-deċiżjonijiet tal-Presidju huma meħuda permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza. F'każ ta' voti ndaqs, il-vot tal-President għandu jkun deċiżiv.

3. Id-deċiżjonijiet li jadotta l-Presidju skont l-Artikolu 43(1), l-Artikolu 45(1) u l-paragrafu 1(a) u (b) ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Uffiċċju.

Artikolu 47

President tal-Bordijiet tal-Appell

1. Meta l-President u l-Bordijiet tal-Appell ma jkunux jistgħu jaġixxu skont it-tifsira tal-Artikolu 43(4), il-funzjonijiet maniġerjali u organizzazzjonali mogħtija lill-President tal-Bordijiet tal-Appell mill-Artikolu 136(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandhom jiġu eżerċitati, fuq il-bażi tal-anzjanità kif stabbilita skont l-Artikolu 43(1) ta' dan ir-Regolament, mill-iktar President anzjan tal-Bordijiet tal-Appell.

2. Meta l-kariga tal-President tal-Bordijiet tal-Appell tkun battala, il-funzjonijiet ta' dak il-President għandhom jiġu eżerċitati *ad interim*, fuq il-bażi tal-anzjanità stabbilita skont l-Artikolu 43(1), mill-iktar Presidenet anzjan tal-Bordijiet tal-Appell.

Artikolu 48

Applikabbiltà għall-proċedimenti ta' appell tad-dispożizzjonijiet marbutin ma' proċedimenti oħrajn

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan it-titolu, id-dispożizzjonijiet marbutin mal-proċedimenti quddiem l-istanza tal-Uffiċċju li adottat id-deċiżjoni appellata għandhom ikunu applikabbli għall-proċedimenti ta' appell *mutatis mutandis*.

TITOLU VI

PROĊEDIMENTI ORALI U ĠBIR TA' EVIDENZA

Artikolu 49

Taħrik għal proċedimenti orali

1. Il-partijiet għandhom jitħarrku għall-proċedimenti orali msemmijin fl-Artikolu 77 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u għandha tingħibed l-attenzjoni tagħhom lejn il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Meta tinħareġ it-taħrika, l-Uffiċċju, fejn ikun hemm bżonn, għandu jitlob li l-partijiet jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha qabel is-seduta. L-Uffiċċju jista' jistieden lill-partijiet sabiex jikkonċentraw fuq kwistjoni speċifika waħda jew iktar matul il-proċedimenti orali. Jista' joffri wkoll lill-partijiet il-possibbiltà li jieħdu sehem fil-proċedimenti orali permezz ta' vidjokonferenza jew mezzi tekniċi oħrajn.

3. Jekk parti li tkun tħarrket kif xieraq għal proċedimenti orali quddiem l-Uffiċċju ma tidhirx hekk kif tkun ġiet imħarrka, il-proċedimenti jistgħu jkomplu mingħajr dik il-parti.

4. L-Uffiċċju għandu jiżgura li l-kawża hija lesta għal deċiżjoni fi tmiem il-proċedimenti orali, sakemm ma jkunx hemm xi raġuni speċjali li tindika l-kuntrarju.

Artikolu 50

Lingwi tal-proċedimenti orali

1. Il-proċedimenti orali għandhom isiru bil-lingwa tal-proċedimenti, sakemm il-partijiet ma jaqblux li jużaw lingwa uffiċjali differenti tal-Unjoni.

2. L-Uffiċċju jista' jikkomunika fil-proċedimenti orali b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni u, fuq talba, jista' jawtorizza lil parti sabiex tagħmel dan sakemm tkun disponibbli interpretazzjoni simultanja fil-lingwa tal-proċedimenti. L-ispejjeż tal-forniment ta' interpretazzjoni simultanja għandhom jiġġarrbu mill-parti li tagħmel it-talba jew mill-Uffiċċju skont il-każ.

Artikolu 51

Evidenza orali tal-partijiet, xhieda jew esperti u spezzjoni

1. Meta l-Uffiċċju jqis li hemm bżonn li jismal-evidenza orali tal-partijiet, ix-xhieda jew l-esperti jew dak li jwettaq spezzjoni, għandu jieħu deċiżjoni interim għal dan il-għan, li fiha jiddikjara l-mezzi li bihom biħsiebu jikseb l-evidenza, il-fatti rilevanti li se jiġu pprovduti u d-data, il-ħin u l-post tas-seduta jew tal-ispezzjoni. Meta s-smigħ tal-evidenza orali tax-xhieda jew l-esperti jintalab minn parti, l-Uffiċċju għandu jistabbilixxi fid-deċiżjoni tiegħu l-perjodu li fih dik il-parti trid tinforma lill-Uffiċċju l-ismijiet u l-indirizzi tax-xhieda jew tal-esperti.

2. It-taħrika tal-partijiet, ix-xhieda jew l-esperti sabiex jagħtu l-evidenza għandu jkun fiha:

(a) silta mid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, li tindika d-data, il-ħin u l-post tas-seduta ordnata u li tiddikjara l-fatti rigward liema partijiet, xhieda u esperti se jinstemgħu;

(b) l-ismijiet tal-partijiet għall-proċedimenti u d-dettalji dwar id-drittijiet li x-xhieda jew lill-esperti jistgħu jinvokaw skont l-Artikolu 54(2) sa (5).

It-taħrika għandha toffri wkoll lix-xhieda jew l-esperti li jiġu mħarrkin il-possibbiltà li jieħdu sehem fil-proċedimenti orali permezz ta' vidjokonferenza jew mezzi tekniċi oħrajn.

3. L-Artikolu 50(2) għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 52

Ħatra ta' esperti u perizja

1. L-Uffiċċju għandu jiddeċiedi f'liema forma espert se jipprovdi perizja.

2. It-termini ta' referenza tal-espert iridu jinkludu:

(a) deskrizzjoni preċiża tal-kompitu tal-espert;

(b) l-iskadenza stabbilita għall-preżentazzjoni tal-perizja;

(c) l-ismijiet tal-partijiet fil-proċedimenti;

(d) id-dettalji dwar id-drittijiet li jista' jinvoka l-espert skont l-Artikolu 54(2), (3) u (4).

3. Meta jinħatar espert, il-perizja trid tiġi ppreżentata bil-lingwa tal-proċedimenti jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni b'dik il-lingwa. Kopja ta' kwalunkwe opinjoni miktuba, u tat-traduzzjoni jekk meħtieġa, trid tiġi ppreżentata lill-partijiet.

4. Il-partijiet jistgħu joġġezzjonaw għall-ħatra ta' espert fuq il-bażi ta' inkompetenza jew fuq l-istess raġunijiet bħal dawk li fuqhom tista' ssir oġġezzjoni għal eżaminatur jew membru ta' Diviżjoni jew Bord tal-Appell skont l-Artikolu 137(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Kwalunkwe oġġezzjoni għall-ħatra ta' espert trid tiġi ppreżentata bil-lingwa tal-proċedimenti jew tkun akkumpanjata minn traduzzjoni f'dik il-lingwa. Id-dipartiment tal-Uffiċċju kkonċernat għandu jieħu deċiżjoni fuq l-oġġezzjoni.

Artikolu 53

Minuti tal-proċedimenti orali

1. Għadhom jittieħdu l-minuti tal-proċedimenti orali jew tat-teħid tal-evidenza orali, u fihom għandu jkun hemm:

(a) in-numru tal-kawża li għaliha huma relatati l-proċedimenti orali u d-data kif ukoll rigward it-twettiq tal-proċedimenti orali;

(b) l-ismijiet tal-uffiċjali tal-Uffiċċju, tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom, u tax-xhieda u tal-esperti li huma preżenti;

(c) il-preżentazzjonijiet u t-talbiet li jsiru mill-partijiet;

(d) il-mezzi tal-għoti jew tat-teħid ta' evidenza;

(e) fejn applikabbli, l-ordnijiet jew id-deċiżjonijiet maħruġa mill-Uffiċċju.

2. Il-minuti għandhom isiru parti mill-fajl tal-applikazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE rilevanti. Għandhom ikunu nnotifikati lill-partijiet.

3. Meta l-proċedimenti orali jew tat-teħid ta' evidenza quddiem l-Uffiċċju jiġu rrekordjati, l-irrekordjar għandu jieħu post il-minuti u l-paragrafu (2) għandu jkun japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 54

Spejjeż tat-teħid ta' evidenza fil-proċedimenti orali

1. It-teħid ta' evidenza mill-Uffiċċju jista' jsir bil-kundizzjoni ta'depożitu magħha, mill-parti li talbet it-teħid ta' evidenza, ta' somma li għandha tiġi stabbilita b'referenza għal stima tal-ispejjeż.

2. Ix-xhieda u l-esperti li jitħarrku u jidhru quddiem l-Uffiċċju għandhom ikunu intitolati għal rimborż tal-ispejjeż raġonevoli għall-ivvjaġġar u s-sussistenza meta jiġġarrbu dawk l-ispejjeż. L-Uffiċċju jista' jagħtihom ħlas bil-quddiem għal dawk l-ispejjeż.

3. Ix-xhieda intitolati għal rimborż skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu intitolati wkoll għal kumpens xieraq għal qligħ mitluf, u l-esperti għal onorarji għal xogħolhom. Dak il-kumpens għandu jitħallas lix-xhieda u lill-esperti wara li jkunu wettqu dmirijiethom jew il-kompiti tagħhom, meta t-tali xhieda u esperti jkunu tħarrku mill-Uffiċċju fuq l-inizjattiva tiegħu stess.

4. L-ammonti u l-ħlasijiet bil-quddiem għall-ispejjeż li jridu jitħallsu skont il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jiġu stabbiliti mid-Direttur Eżekuttiv u għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Uffiċċju. L-ammonti għandhom jiġu kkalkolati fuq l-istess bażi li hija stabbilita fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tal-Kunsill ([1]) u l-Anness VII tiegħu.

5. Ir-responsabbiltà għall-ammonti dovuti jew imħallsin skont il-paragrafi 1 sa 4 għandha taqa' taħt:

(a) l-Uffiċċju meta, fuq inizjattiva tiegħu stess, dan ikun ħarrek lix-xhieda jew lill-esperti;

(b) il-parti kkonċernata meta dik il-parti tkun talbet l-għoti tal-evidenza orali minn xhieda jew esperti, soġġetta għad-deċiżjoni dwar il-ħatra u l-istabbiliment tal-ispejjeż skont l-Artikoli 85 u 86 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u l-Artikolu 18 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431. Din il-parti għandha tirrimborza lill-Uffiċċju għal kwalunkwe ħlas bil-quddiem li huwa jkun ħallas.

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

Artikolu 55

Eżaminazzjoni tal-evidenza bil-miktub

1. L-Uffiċċju għandu jeżamina kwalunkwe evidenza mogħtija jew miksuba fi kwalunkwe proċediment quddiemu safejn hemm bżonn sabiex jieħu deċiżjoni fil-proċedimenti inkwistjoni.

2. Id-dokumenti jew oġġetti oħrajn tal-evidenza għandhom jitqiegħdu f'annessi għal preżentazzjoni li għandhom jiġu enumerati b'mod konsekuttiv. Il-preżentazzjoni għandha tinkludi anness li, għal kull dokument jew oġġett tal-evidenza mehmuż, jindika:

(a) in-numru tal-anness;

(b) deskrizzjoni qasira tad-dokument jew tal-oġġett u, jekk applikabbli, in-numru ta' paġni;

(c) in-numru tal-paġna tal-preżentazzjoni fejn jissemma id-dokument jew l-oġġett.

Il-parti li tippreżenta tista' tindika wkoll, fl-indiċi tal-annessi, liema partijiet speċifiċi ta' dokument tibbaża fuqhom li jappoġġjaw l-argumenti tagħha.

3. Meta l-preżentazzjoni jew l-annessi ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2, l-Uffiċċju jista' jistieden lill-parti li tippreżenta sabiex tirrimedja għal kwalunkwe nuqqas, fi ħdan perjodu speċifikat mill-Uffiċċju.

4. Meta n-nuqqas ma jkunx rimedjat fi ħdan il-perjodu speċifikat mill-Uffiċċju u meta ma jkunx possibbli li l-Uffiċċju jistabbilixxi biċ-ċar għal liema raġuni jew argument jirreferi dokument jew oġġett tal-evidenza, dak id-dokument jew l-oġġett ma għandux jittieħed f'kunsiderazzjoni.

TITOLU VII

NOTIFIKI MILL-UFFIĊĊJU

Artikolu 56

Dispożizzjonijiet ġenerali fuq in-notifiki

1. Fil-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju, in-notifiki li jridu jsiru mill-Uffiċċju għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 75(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u għandhom jikkonsistu fit-trażmissjoni tad-dokumenti li jridu jiġu nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati. It-trażmissjoni tista' sseħħ billi jingħata aċċess elettroniku għal dak id-dokument.

2. In-notifiki għandhom isiru permezz ta' wieħed mill-mezzi li ġejjin:

(a) mezzi elettroniċi skont l-Artikolu 57;

(b) posta jew kurrier skont l-Artikolu 58;

(c) notifika pubblika skont l-Artikolu 59.

3. Meta d-destinatarju jkun indika dettalji ta' kuntatt għall-komunikazzjoni mad-destinatarju permezz ta' mezzi elettroniċi, l-Uffiċċju għandu jagħżel bejn dawk il-mezzi u n-notifika bil-posta jew bil-kurrier.

Artikolu 57

Notifika b'mezzi elettroniċi

1. In-notifika b'mezzi elettroniċi tkopri trażmissjonijiet b'wajer, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħrajn, inkluż l-Internet.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jistabbilixxi d-dettalji rigward il-mezzi elettroniċi speċifiċi li se jintużaw, il-mod li bih se jintużaw il-mezzi elettroniċi, u l-iskadenza għan-notifika bil-mezzi elettroniċi.

Artikolu 58

Notifika bil-posta jew bil-kurrier

1. Minkejja l-Artikolu 56(3), id-deċiżjonijiet soġġetti għal skadenza għall-appell, it-taħrika u dokumenti oħrajn kif jistabbilixxi d-Direttur Eżekuttiv għandhom jiġu notifikati b'servizz tal-kurrier jew posta rreġistrata, fiż-żewġ każijiet b'avviż tal-wasla. In-notifiki kollha l-oħrajn għandhom isiru b'servizz tal-kurrier jew posta rreġistrata, kemm jekk b'avviż tal-wasla kif ukoll mingħajr, jew bil-posta normali.

2. Minkejja l-Artikolu 56(3), in-notifiki fir-rigward tad-destinatarji li la għandhom id-domiċilju tagħhom u lanqas is-sede prinċipali tagħhom jew l-istabbiliment industrijali jew kummerċjali reali u effettiv tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE") u li ma ħatrux rappreżentant kif jeħtieġ l-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandhom isiru billi d-dokument li jeħtieġ notifika jiġi impustat bil-posta normali.

3. Meta n-notifika ssir b'servizz tal-kurrier jew b'posta rreġistrata, kemm jekk b'avviż tal-wasla kif ukoll mingħajr, għandha titqies li twasslet lid-destinatarju fl-għaxar jum wara dak tal-impostar tagħha, sakemm l-ittra ma tkunx naqset milli tasal għand id-destinatarju jew tkun waslet għand id-destinatarju iktar tard. F'każ ta' xi tilwima, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju li jistabbilixxi li l-ittra laħqet id-destinazzjoni tagħha jew li jistabbilixxi d-data li fiha twasslet għand id-destinatarju, skont il-każ.

4. Notifika b'servizz tal-kurrier jew b'posta rreġistrata għandha titqies li saret anki jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta l-ittra.

5. Notifika bil-posta normali għandha titqies li saret fl-għaxar jum wara dak tal-impustar tagħha.

Artikolu 59

Notifika pubblika b'avviż pubbliku

Meta l-indirizz tad-destinatarju ma jkunx jista' jiġi stabbilit jew meta wara tal-inqas tentattiv wieħed deher li ma kienx possibbli li ssir notifika skont l-Artikolu 56(2)(a) u (b), in-notifika għandha ssir b'avviż pubbliku.

Artikolu 60

Notifika lir-rappreżentanti

1. Meta jkun inħatar rappreżentant jew meta l-applikant li jissemma l-ewwel f'applikazzjoni komuni jitqies li huwa r-rappreżentant komuni skont l-Artikolu 73(1), in-notifiki għandhom jiġu indirizzati lil dak ir-rappreżentant maħtur jew komuni.

2. Meta parti waħda tkun ħatret diversi rappreżentanti, in-notifika għandha ssir skont l-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431. Meta diversi partijiet ikunu ħatru rappreżentant komuni, in-notifika ta' dokument wieħed lir-rappreżentant komuni għandha tkun biżżejjed.

3. Notifika jew komunikazzjoni oħra indirizzata mill-Uffiċċju lir-rappreżentant awtorizzat kif xieraq għandu jkollha l-istess effett daqs li kieku ġiet indirizzata lill-persuna rappreżentata.

Artikolu 61

Irregolaritajiet fin-notifika

Meta dokument ikun wasal għand id-destinatarju u meta l-Uffiċċju ma jkunx jista' juri bil-provi li nnotifikah kif xieraq jew meta d-dispożizzjonijiet marbutin man-notifika tiegħu ma jkunux ġew irrispettati, id-dokument għandu jitqies li ġie nnotifikat fid-data stabbilita bħala d-data tal-wasla.

Artikolu 62

Notifika tad-dokumenti f'każ ta' diversi partijiet

Normlament, id-dokumenti li jinħarġu minn partijiet għandhom jiġu notifikati lill-partijiet l-oħrajn. Notifika tista' ma ssirx jekk id-dokument ma jkunx fih talbiet ġodda u l-kwistjoni tkun lesta għal deċiżjoni.

TITOLU VIII

KOMUNIKAZZJONIJIET BIL-MIKTUB U FORMOLI

Artikolu 63

Komunikazzjonijiet lill-Uffiċċju bil-miktub jew b'mezzi oħrajn

1. Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' trademark tal-UE kif ukoll kwalunkwe applikazzjoni oħra stipulata fir-Regolament (KE) Nru 207/2009 u l-komunikazzjonijiet kollha l-oħrajn indirizzati lill-Uffiċċju għandhom jiġu ppreżentati kif ġej:

(a) billi tintbagħat komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, f'liema każ l-indikazzjoni tal-isem tal-emittent għandha titqies li hija ekwivalenti għall-firma;

(b) billi jiġi ppreżentat oriġinal iffirmat tad-dokument inkwistjoni lill-Uffiċċju bil-posta jew bil-kurrier.

2. Fi proċedimenti quddiem l-Uffiċċju, id-data li fiha tiġi riċevuta komunikazzjoni mill-Uffiċċju għandha titqies li hija d-data tal-preżentazzjoni jew is-sottomissjoni tagħha.

3. Meta komunikazzjoni riċevuta b'mezzi elettroniċi ma tkunx kompluta jew ma tkunx tista' tinqara jew meta l-Uffiċċju jkollu dubji raġonevoli dwar il-preċiżjoni tat-trażmissjoni, l-Uffiċċju għandu jinforma lill-emittent dwar dan u għandu jistieden lill-emittent, fi ħdan perjodu li jispeċifika l-Uffiċċju, sabiex jerġa' jibgħat l-oriġinal jew jerġa' jippreżentah skont il-paragrafu (1)(b). Meta t-talba tiġi rrispettata fi ħdan il-perjodu speċifikat, id-data tar-riċevuta tat-trażmissjoni mill-ġdid jew tal-oriġinal għandha titqies li hija d-data tar-riċevuta tal-komunikazzjoni oriġinali. Madankollu, meta n-nuqqas ikun jikkonċerna l-għoti ta' data tal-preżentazzjoni għal applikazzjoni sabiex tiġi rreġistrata trademark, għandhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-data tal-preżentazzjoni. Meta t-talba ma tiġix irrispettata sal-perjodu speċifikat, il-komunikazzjoni għandha titqies li ma tkunx waslet.

Artikolu 64

Annessi għall-komunikazzjonijiet bil-posta jew bil-kurrier

1. L-annessi għall-komunikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati fuq trasportaturi tad-dejta skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti mid-Direttur Eżekuttiv.

2. Meta komunikazzjoni bl-annessi tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 63(1)(b) minn parti fi proċediment li jinvolvi iktar minn parti waħda, il-parti trid tippreżenta kopji tal-annessi daqs kemm ikun hemm partijiet għall-proċedimenti. L-annessi għandhom ikunu indiċjati skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 55(2).

Artikolu 65

Formoli

1. L-Uffiċċju għandu jqiegħed formoli għad-dispożizzjoni tal-pubbliku bla ħlas, li jistgħu jimtlew online, għall-finijiet ta':

(a) preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal trademark tal-UE, inklużi, fejn xieraq, talbiet għal rapporti ta' riċerki;

(b) reġistrazzjoni ta' oppożizzjoni;

(c) applikazzjoni għal revoka tad-drittijiet;

(d) applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità jew iċ-ċessjoni ta' trademark tal-UE;

(e) applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment u l-formola jew id-dokument tat-trasferiment imsemmijin fl-Artikolu 13(3)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431;

(f) applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' liċenzja;

(g) applikazzjoni għat-tiġdid ta' trademark tal-UE;

(h) preżentazzjoni ta' appell;

(i) awtorizzazzjoni ta' rappreżentant, fil-forma ta' awtorizzazzjoni individwali jew awtorizzazzjoni ġenerali;

(j) preżentazzjoni ta' applikazzjoni internazzjonali jew denominazzjoni sussegwenti skont il-Protokoll għall-Ftehim ta' Madrid dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' marki, adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989 ([1]) lill-Uffiċċju.

2. Il-partijiet għall-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju jistgħu jużaw ukoll:

(a) formoli stabbiliti taħt it-Trattat tal-Liġi dwar it-Trademark jew skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Assemblea tal-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali;

(b) bl-eċċezzjoni tal-formola msemmija fil-punt (i) tal-paragrafu 1, formoli bl-istess kontenut u format bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu 1.

3. L-Uffiċċju għandu jqiegħed il-formoli msemmijin fil-paragrafu 1 għad-dispożizzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Artikolu 66

Komunikazzjonijiet mir-rappreżentanti

Kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lill-Uffiċċju mir-rappreżentant debitament awtorizzat ikollha l-istess effett bħal li kieku oriġinat mill-persuna rappreżentata.

TITOLU IX

SKADENZI

Artikolu 67

Kalkolu u durata tal-iskadenzi

1. Il-kalkolu tal-iskadenzi għandu jibda mill-għada li jseħħ l-avveniment rilevanti, jew stadju proċedurali jew inkella l-għeluq ta' skadenza oħra. Meta l-istadju proċedurali jkun notifika, l-avveniment għandu jkun il-wasla tad-dokument notifikat, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor.

2. Meta skadenza tiġi espressa bħala sena jew ċertu numru ta' snin, għandu jiskadi fis-sena sussegwenti rilevanti fix-xahar li jkollu l-istess isem u fil-jum li jkollu l-istess numru bħax-xahar u l-jum li fihom seħħ l-avveniment rilevanti. Meta x-xahar rilevanti ma jkollu ebda jum bl-istess numru, l-iskadenza għandha tagħlaq fl-aħħar jum tax-xahar.

3. Meta skadenza tiġi espressa bħala xahar jew ċertu numru ta' xhur, għandha tagħlaq fix-xahar sussegwenti rilevanti fil-jum li jkollu l-istess numru bħall-jum li fih seħħ l-avveniment rilevanti. Meta x-xahar sussegwenti rilevanti ma jkollu ebda jum bl-istess numru, l-iskadenza għandha tagħlaq fl-aħħar jum tax-xahar.

([1]) ĠU L 296, 14.11.2003, p. 22.

4. Meta skadenza tiġi espressa bħala ġimgħa jew ċertu numru ta' ġimgħat, għandha tagħlaq fil-ġimgħa sussegwenti rilevanti fil-jum li jkollu l-istess isem bħall-jum li fih seħħ l-avveniment rilevanti.

Artikolu 68

Estensjoni ta' skadenzi

Soġġett għal skadenza massima jew speċifika stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 207/2009, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431 jew dan ir-Regolament, l-Uffiċċju jista' jagħti estensjoni ta' skadenza fuq talba raġunata. Din it-talba għandha tiġi ppreżentata mill-parti kkonċernata qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien inkwistjoni. Meta dawn ikunu żewġ partijiet jew iktar, l-Uffiċċju jista' jissoġġetta l-estensjoni tal-iskadenza għall-qbil tal-partijiet l-oħrajn.

Artikolu 69

Għeluq ta' skadenzi f'każijiet speċjali

1. Meta skadenza tagħlaq f'jum meta l-Uffiċċju ma jkunx miftuħ sabiex jirċievi d-dokumenti jew meta, għal raġunijiet għajr dawk imsemmijin fil-paragrafu 2, il-posta normali ma tasalx fil-lokalità fejn jinsab l-Uffiċċju, l-iskadenza għandha tiġi estiża sal-ewwel jum li jmiss meta l-Uffiċċju jkun miftuħ sabiex jirċievi dokumenti u meta tasal il-posta normali.

2. Meta skadenza tagħlaq dakinhar li jkun hemm interruzzjoni ġenerali fil-kunsinna tal-posta fl-Istat Membru fejn jinsab l-Uffiċċju, jew, jekk u sal-grad li d-Direttur Eżekuttiv ikun awtorizza li jintbagħtu komunikazzjonijiet b'mezzi elettroniċi skont l-Artikolu 79b(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, meta jkun hemm interruzzjoni attwali fil-konnessjoni tal-Uffiċċju ma' dawk il-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, l-iskadenza għandha tiġi estiża sal-ewwel jum li jmiss meta l-Uffiċċju jkun miftuħ sabiex jirċievi dokumenti u meta tasal il-posta normali jew meta l-konnessjoni tal-Uffiċċju ma' dawk il-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni terġa' lura għan-normal.

TITOLU X

REVOKA TA' DEĊIŻJONI

Artikolu 70

Revoka ta' deċiżjoni jew reġistrazzjoni fir-Reġistru

1. Meta l-Uffiċċju jiskopri fuq mozzjoni tiegħu jew wara li jirċievi informazzjoni korrispondenti mingħand il-partijiet fil-proċedimenti li deċiżjoni jew reġistrazzjoni fir-Reġistru huma soġġetti għal revoka skont l-Artikolu 80 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandu jinforma lill-parti affettwata dwar ir-revoka ppjanata.

2. Il-parti affettwata għandha tippreżenta osservazzjonijiet dwar ir-revoka ppjanata sal-iskadenza speċifikata mill-Uffiċċju.

3. Meta l-parti affettwata taqbel fuq ir-revoka ppjanata jew ma tippreżenta ebda osservazzjoni sal-iskadenza, l-Uffiċċju għandu jirrevoka d-deċiżjoni jew ir-reġistrazzjoni. Jekk il-parti affettwata ma taqbilx mar-revoka ppjanata, l-Uffiċċju għandu jieħu deċiżjoni dwar ir-revoka ppjanata.

4. Meta r-revoka ppjanata aktarx taffettwa iktar minn parti waħda, il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. F'dawk il-każijiet, l-osservazzjonijiet ippreżentati minn waħda mill-partijiet skont il-paragrafu 3 dejjem għandhom ikunu kkomunikati lill-parti jew lill-partijiet l-oħra bi stedina sabiex jippreżentaw osservazzjonijiet.

5. Meta r-revoka ta' deċiżjoni jew reġistrazzjoni fir-Reġistru tolqot deċiżjoni jew reġistrazzjoni li ġiet ippubblikata, ir-revoka għandha tiġi ppubblikata wkoll.

6. Il-kompetenza għar-revoka skont il-paragrafi 1 sa 4 għandha tkun tad-dipartiment jew tal-unità li ħadu d-deċiżjoni.

TITOLU XI

SOSPENSJONI TAL-PROĊEDIMENTI

Artikolu 71

Sospensjoni tal-proċedimenti

1. Rigward l-oppożizzjoni, ir-revoka u d-dikjarazzjoni ta' invalidità u l-proċedimenti ta' appell, id-dipartiment kompetenti jew il-Bord tal-Appell jista' jissospendi l-proċedimenti:

(a) minn jeddu meta sospensjoni tkun xierqa fiċ-ċirkustanzi tal-każ;

(b) fuq talba raġunata ta' parti minnhom fi proċedimenti *inter partes* meta sospensjoni tkun xierqa fiċ-ċirkustanzi tal-każ, filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-partijiet u l-istadju tal-proċedimenti.

2. Fuq it-talba taż-żewġ partijiet fi proċedimenti *inter partes*, id-dipartiment kompetenti jew il-Bord tal-Appell jista' jissospendi l-proċedimenti għal perjodu li ma għandux ikun itwal minn sitt xhur. Dik is-sospensjoni tista' tiġi estiża fuq talba taż-żewġ partijiet sa massimu totali ta' sentejn.

3. Kwalunkwe skadenza marbuta mal-proċedimenti inkwistjoni, għajr l-iskadenzi għall-ħlas tat-tariffa applikabbli, għandha tkun interrotta mid-data tas-sospensjoni. Minbarra ħsara għall-Artikolu 137a(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-iskadenzi għandhom jerġgħu jiġu kkalkolati sabiex jibdew mill-ġdid dakinhar li jissoktaw il-proċedimenti.

4. Meta jkun xieraq fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-partijiet jistgħu jkunu mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fir-rigward tas-sospensjoni jew l-issoktar tal-proċedimenti.

TITOLU XII

INTERRUZZJONI TA' PROĊEDIMENTI

Artikolu 72

Issoktar tal-proċedimenti

1. Meta l-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju jkunu ġew interrotti skont l-Artikolu 82a(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Uffiċċju għandu jkun informat dwar l-identità tal-persuna awtorizzata sabiex tkompli l-proċedimenti skont l-Artikolu 82a(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. L-Uffiċċju għandu jikkomunika lil dik il-persuna u lil kwalunkwe parti terza interessata li l-proċedimenti għandhom jitkomplew minn data li jistabbilixxi l-Uffiċċju.

2. Meta, tliet xhur wara li tibda l-interruzzjoni tal-proċedimenti skont l-Artikolu 82a(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Uffiċċju ma jkunx ġie informat dwar il-ħatra ta' rappreżentant ġdid, dan għandu jinforma lill-applikant għat-trademark tal-UE jew lis-sid tagħha li:

(a) meta japplika l-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-applikazzjoni għat-trademark tal-UE għandha titqies li ġiet irtirata jekk l-informazzjoni ma tiġix ippreżentata fi żmien xahrejn minn meta tiġi notifikata l-komunikazzjoni;

(b) meta ma jkunx japplika l-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-proċedimenti jitkomplew mal-applikant għat-trademark tal-UE jew ma' sidha mid-data li fiha tiġi nnotifikata din il-komunikazzjoni.

3. Il-limiti ta' żmien fis-seħħ fir-rigward tal-applikant għat-trademark tal-UE jew sidha fid-data tal-interruzzjoni tal-proċedimenti, għajr l-iskadenza għall-ħlas tat-tariffi tat-tiġdid, għandhom jibdew mill-ġdid mill-jum li fih jissoktaw il-proċedimenti.

TITOLU XIII

RAPPREŻENTANZA

Artikolu 73

Ħatra ta' rappreżentant komuni

1. Meta jkun hemm iktar minn applikant wieħed u l-applikazzjoni għal trademark tal-UE ma ssemmix rappreżentant komuni, l-ewwel applikant imsemmi fl-applikazzjoni b'domiċilju jew sede prinċipali jew stabbiliment industrijali jew kummerċjali reali u effettiv fiż-ŻEE, jew ir-rappreżentant tiegħu jekk jinħatar, għandu jitqies li huwa r-rappreżentant komuni. Meta l-applikanti kollha jkunu obbligati jaħtru rappreżentant professjonali, ir-rappreżentant professjonali li jissemma l-ewwel fl-applikazzjoni għandu jitqies li huwa r-rappreżentant komuni. Dan għandu japplika *mutatis mutandis* għal partijiet terzi li jaġixxu b'mod komuni fil-preżentazzjoni ta' notifika ta' oppożizzjoni jew li japplikaw għal revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità u għal sidien konġunti ta' trademark tal-UE.

2. Meta, matul il-proċedimenti, it-trasferiment isir għal iktar minn persuna waħda u dawk il-persuni ma jkunux ħatru rappreżentant komuni, għandu japplika l-paragrafu 1. Meta dik il-ħatra ma tkunx possibbli, l-Uffiċċju għandu jitlob lil dawk il-persuni sabiex jaħtru rappreżentant komuni fi żmien xahrejn. Jekk dik it-talba ma tiġix irrispettata, l-Uffiċċju għandu jagħżel ir-rappreżentant komuni.

Artikolu 74

Awtorizzazzjonijiet

1. Impjegati li jirrappreżentaw lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, kif ukoll ġuristi u rappreżentanti professjonali mdaħħlin fil-lista miżmuma mill-Uffiċċju skont l-Artikolu 93(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandhom jippreżentaw awtorizzazzjoni ffirmata mal-Uffiċċju għal inseriment fil-fajls skont l-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 biss meta l-Uffiċċju jeħtieġ dan b'mod espliċitu jew meta jkun hemm diversi partijiet fil-proċedimenti li fihom ir-rappreżentant jaġixxi quddiem l-Uffiċċju u l-parti l-oħra titlob dan b'mod espliċitu.

2. Meta, skont l-Artikolu 92(3) jew l-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, ikun meħtieġ li tiġi ppreżentata awtorizzazzjoni ffirmata, awtorizzazzjoni bħal din tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Tista' tkopri applikazzjoni jew trademark irreġistrata waħda jew iktar jew tista' tkun fil-forma ta' awtorizzazzjoni ġenerali li tawtorizza lir-rappreżentant sabiex jaġixxi fir-rigward tal-proċedimenti kollha quddiem l-Uffiċċju li għalihom hija parti l-persuna li tagħti l-awtorizzazzjoni.

3. L-Uffiċċju għandu jispeċifika skadenza sa meta trid tiġi ppreżentata awtorizzazzjoni. Meta l-awtorizzazzjoni ma tiġix ippreżentata fil-ħin, il-proċedimenti għandhom jissoktaw mal-persuna rappreżentata. Kwalunkwe stadju proċedurali mwettaq mir-rappreżentant għajr il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għandu jitqies li ma twettaqx jekk il-persuna rappreżentata ma tkunx approvathom sal-iskadenza li jispeċifika l-Uffiċċju.

4. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dokument li jirtira awtorizzazzjoni.

5. Kwalunkwe rappreżentant li ma jibqax awtorizzat għandu jkompli jitqies bħala r-rappreżentant sakemm it-terminazzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' dak ir-rappreżentant tiġi kkomunikata lill-Uffiċċju.

6. Soġġetta għal kwalunkwe dispożizzjoni li tgħid bil-kontra li tkun tinstab fiha, awtorizzazzjoni ma għandhiex issir invalida b'mod awtomatiku fil-konfront tal-Uffiċċju mal-mewt tal-persuna li tkun tatha.

7. Meta l-ħatra ta' rappreżentant tiġi kkomunikata lill-Uffiċċju, l-isem u l-indirizz tan-negozju tar-rappreżentant għandhom ikunu indikati skont l-Artikolu 2(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/1431. Meta rappreżentant li diġà jkun inħatar jidher quddiem l-Uffiċċju, dak ir-rappreżentant għandu jindika l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni attribwit lir-rappreżentant mill-Uffiċċju. Meta jinħatru diversi rappreżentanti mill-istess parti, minkejja xi dispożizzjonijiet kontra fl-awtorizzazzjonijiet tagħhom, dawn jistgħu jaġixxu jew flimkien jew individwalment.

8. Il-ħatra jew l-awtorizzazzjoni ta' assoċjazzjoni ta' rappreżentanti għandha titqies li hija ħatra jew awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe rappreżentant li jipprattika fi ħdan dik l-assoċjazzjoni.

Artikolu 75

Emenda tal-lista ta' rappreżentanti professjonali

1. Skont l-Artikolu 93(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, ir-reġistrazzjoni ta' rappreżentant professjonali għandha titħassar b'mod awtomatiku:

(a) fil-każ tal-mewt jew ta' inkapaċità legali tar-rappreżentant professjonali;

(b) meta r-rappreżentant professjonali ma jkunx għadu ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri taż-ŻEE, sakemm id-Direttur Eżekuttiv ma jkunx ta eżenzjoni skont l-Artikolu 93(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(c) meta r-rappreżentant professjonali ma jkunx għad għandu s-sede tan-negozju jew l-impjieg tiegħu fiż-ŻEE;

(d) meta r-rappreżentant professjonali ma jkunx għad għandu l-intitolament imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 93(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

2. Ir-reġistrazzjoni ta' rappreżentant professjonali għandha tkun sospiża fuq mozzjoni tal-Uffiċċju stess meta jiġi sospiż l-intitolament tar-rappreżentant sabiex jirrappreżenta persuni fiżiċi jew ġuridiċi quddiem l-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali jew l-uffiċċju ċentrali tal-proprjetà industrijali ta' Stat Membru kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 93(2)(c) (KE) Nru 207/2009.

3. Meta ma jibqgħux jeżistu l-kundizzjonijiet għat-tħassir, persuna li r-reġistrazzjoni tagħha tkun tħassret għandha, fuq talba, flimkien ma' ċertifikat skont l-Artikolu 93(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, terġa' tiddaħħal fil-lista ta' rappreżentanti professjonali.

4. L-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali u l-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri kkonċernati għandhom, meta jkunu jafu b'xi każ imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, jinformaw lill-Uffiċċju dwar dan minnufih.

TITOLU XIV

PROĊEDURI LI JIKKONĊERNAW IR-REĠISTRAZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-MARKI

Artikolu 76

Marki kollettivi u ta' ċertifikazzjoni

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 154 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, meta reġistrazzjoni internazzjonali li tiddenomina lill-Unjoni tkun indirizzata bħala marka kollettiva tal-UE jew bħala marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE skont l-Artikolu 154a(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandha tinħareġ ukoll notifika ta' ċaħda provviżorja *ex officio* skont l-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1431 fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta tkun teżisti waħda mir-raġunijiet għaċ-ċaħda pprovduti fl-Artikolu 68(1) jew (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 flimkien mal-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu, jew fl-Artikolu 74c(1) jew (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 flimkien mal-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu;

(b) meta r-regolamenti li jirregolaw l-użu tal-marka ma jkunux ġew ippreżentati skont l-Artikolu 154a(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

2. Notifika tal-emendi għar-regolamenti li jirregolaw l-użu tal-marka skont l-Artikoli 71 u 74f tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tiġi ppubblikata fil-Bulettin tat-Trademarks tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 77

Proċedimenti ta' oppożizzjoni

1. Meta titressaq oppożizzjoni kontra reġistrazzjoni internazzjonali li tiddenomina lill-Unjoni skont l-Artikolu 156 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, in-notifika ta' oppożizzjoni għandu jkun fiha:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni internazzjonali li kontriha titressaq l-oppożizzjoni;

(b) indikazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi elenkati fir-reġistrazzjoni internazzjonali li kontriha titressaq l-oppożizzjoni;

(c) l-isem tad-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(d) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(2)(b) sa (h) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Artikolu 2(1), (3) u (4) u l-Artikoli 3 sa 10 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-finijiet tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni marbutin mar-reġistrazzjonijiet internazzjonali li jiddenominaw lill-Unjoni, soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe referenza għal applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE għandha tinqara bħala referenza għal reġistrazzjoni internazzjonali;

(b) kwalunkwe referenza għal irtirar tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE għandha tinqara bħala referenza għal rinunzja tar-reġistrazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-Unjoni;

(c) kull referenza għall-applikant għandha tinqara bħala referenza għad-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

3. Meta n-notifika ta' oppożizzjoni tiġi ppreżentata qabel ma jagħlaq il-perjodu ta' xahar imsemmi fl-Artikolu 156(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, in-notifika tal-oppożizzjoni għandha titqies li ġiet ippreżentata fl-ewwel jum wara li jiskadi l-perjodu ta' xahar.

4. Meta d-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali jkun obbligat li jkun rappreżentat fi proċedimenti quddiem l-Uffiċċju skont l-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, u meta d-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali ma jkunx diġà ħatar rappreżentant skont it-tifsira tal-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-komunikazzjoni tal-oppożizzjoni lid-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament għandu jkun fiha talba għall-ħatra ta' rappreżentant skont it-tifsira tal-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 sa skadenza ta' xahrejn mid-data ta' notifika tal-komunikazzjoni.

Meta d-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali jonqos milli jaħtar rappreżentant sa dik l-iskadenza, l-Uffiċċju għandu jieħu deċiżjoni ta' ċaħda tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

5. Il-proċedura ta' oppożizzjoni għandha titwaqqaf meta tinħareġ ċaħda provviżorja *ex officio* skont l-Artikolu 154 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Meta ċ-ċaħda provviżorja *ex officio* tkun wasslet għal deċiżjoni ta' ċaħda tal-protezzjoni tal-marka li saret finali, l-Uffiċċju ma għandux jipproċedi għal deċiżjoni u jrodd lura t-tariffa tal-oppożizzjoni u ma għandha tittieħed ebda deċiżjoni dwar it-tqassim tal-ispejjeż.

Artikolu 78

Notifika taċ-ċaħdiet provviżorji bbażati fuq oppożizzjoni

1. Meta notifika ta' oppożizzjoni kontra reġistrazzjoni internazzjonali tiġi ppreżentata lill-Uffiċċju skont l-Artikolu 156(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, jew meta oppożizzjoni titqies li tressqet skont l-Artikolu 77(3) ta' dan ir-Regolament, l-Uffiċċju għandu joħroġ notifika taċ-ċaħda provviżorja tal-protezzjoni fuq il-bażi ta' oppożizzjoni lill-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali ("il-Bureau Internazzjonali").

2. In-notifka ta' ċaħda provviżorja tal-protezzjoni bbażata fuq oppożizzjoni għandha tinkludi:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(b) l-indikazzjoni li ċ-ċaħda hija bbażata fuq il-fatt li ġiet ippreżentata oppożizzjoni, flimkien ma' referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 li fuqhom hija bbażata l-oppożizzjoni;

(c) l-isem u l-indirizz tal-parti li qed topponi.

3. Meta l-oppożizzjoni tkun ibbażata fuq applikazzjoni jew reġistrazzjoni ta' trademark, in-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandu jkun fiha l-indikazzjonijiet li ġejjin:

(a) id-data tal-preżentazzjoni, id-data tar-reġistrazzjoni u d-data ta' prijorità, jekk teżisti;

(b) in-numru tal-preżentazzjoni u n-numru tar-reġistrazzjoni, jekk ikunu differenti;

(c) l-isem u l-indirizz tas-sid;

(d) riproduzzjoni tal-marka;

(e) lista tal-prodotti jew tas-servizzi li fuqhom hija bbażata l-oppożizzjoni.

4. Meta ċ-ċaħda provviżorja tkun marbuta biss ma' parti mill-prodotti jew mis-servizzi, in-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tindika dawk il-prodotti jew servizzi.

5. L-Uffiċċju għandu jinforma lill-Bureau Internazzjonali dwar dawn li ġejjin:

(a) meta minħabba l-proċedimenti ta' oppożizzjoni tiġi rtirata ċ-ċaħda provviżorja, il-fatt li l-marka hija protetta fl-Unjoni;

(b) meta deċiżjoni ta' ċaħda tal-protezzjoni tal-marka ssir finali wara appell skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jew azzjoni skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-fatt li l-protezzjoni tal-marka hija miċħuda fl-Unjoni;

(c) meta ċ-ċaħda msemmija fil-punt (b) tikkonċerna biss parti mill-prodotti jew is-servizzi, il-prodotti jew is-servizzi li għalihom il-marka hija protetta fl-Unjoni.

6. Meta tinħareġ iktar minn ċaħda provviżorja waħda għal reġistrazzjoni internazzjonali waħda skont l-Artikolu 154(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jew il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandha tkun marbuta maċ-ċaħda totali jew parzjali tal-protezzjoni tal-marka skont l-Artikoli 154 u 156 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Artikolu 79

Stqarrija tal-għoti ta' protezzjoni

1. Meta l-Uffiċċju ma jkunx ħareġ notifika provviżorja *ex officio* taċ-ċaħda skont l-Artikolu 154 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u l-Uffiċċju ma jirċievi ebda oppożizzjoni sal-perjodu tal-oppożizzjoni msemmi fl-Artikolu 156(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u l-Uffiċċju ma jkunx ħareġ ċaħda provviżorja *ex officio* bħala riżultat tal-osservazzjonijiet ippreżentati tal-partijiet terzi, l-Uffiċċju għandu jibgħat stqarrija tal-għoti ta' protezzjoni lill-Bureau Internazzjonali li fiha jindika li l-marka hija protetta fl-Unjoni.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 151(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-istqarrija ta' għoti tal-protezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkollha l-istess effett bħal dikjarazzjoni mill-Uffiċċju li ġie rtirat notifika ta' ċaħda.

TITOLU XV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 80

Tħassir

Ir-Regolamenti (KE) Nru 2868/95 u (KE) Nru 216/96 huma mħassra. Madankollu, għandhom jibqgħu japplikaw għall-proċedimenti li għaddejjin fejn dan ir-Regolament ma japplikax skont l-Artikolu 81 tiegħu, sa meta jiġu konklużi dawn il-proċedimenti.

Artikolu 81

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2017, soġġett għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) L-Artikoli 2 sa 6 ma għandhomx japplikaw għan-notifiki ta' oppożizzjoni mdaħħla qabel id-data msemmija hawn fuq;

(b) L-Artikoli 7 u 8 ma għandhomx japplikaw għall-proċedimenti ta' oppożizzjoni, fejn il-parti avversarjali bdiet qabel id-data msemmija hawn fuq;

(c) L-Artikolu 9 ma għandux japplika għas-sospensjonijiet li saru qabel id-data msemmija hawn fuq;

(d) L-Artikolu 10 ma għandux japplika għat-talbiet għall-prova tal-użu li saru qabel id-data msemmija hawn fuq;

(e) It-Titolu III ma għandux japplika għat-talbiet għal emenda mdaħħla qabel id-data msemmija hawn fuq;

(f) L-Artikoli 12 sa 15 ma għandhomx japplikaw għal applikazzjonijiet għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità jew talbiet għal ċessjoni mdaħħla qabel id-data msemmija hawn fuq;

(g) L-Artikoli 16 u 17 ma għandhomx japplikaw għall-proċedimenti, fejn il-parti avversarjali bdiet qabel id-data msemmija hawn fuq;

(h) L-Artikolu 18 ma għandux japplika għas-sospensjonijiet li saru qabel id-data msemmija hawn fuq;

(i) L-Artikolu 19 ma għandux japplika għat-talbiet għall-prova tal-użu li saru qabel id-data msemmija hawn fuq;

(j) It-Titolu V ma għandux japplika għall-appelli mdaħħla qabel id-data msemmija hawn fuq;

(k) It-Titolu VI ma għandux japplika għall-proċedimenti orali mibdija qabel id-data msemmija hawn fuq jew għal evidenza bil-miktub fejn il-perjodu għall-preżentazzjoni tagħha beda qabel dik id-data;

(l) It-Titolu VII ma għandux japplika għan-notifiki li saru qabel id-data msemmija hawn fuq;

(m) It-Titolu VIII ma għandux japplika għall-komunikazzjonijiet riċevuti u għall-forom disponibbli qabel id-data msemmija hawn fuq;

(n) It-Titolu IX ma għandux japplika għall-iskadenzi stabbiliti qabel id-data msemmija hawn fuq;

(o) It-Titolu X ma għandux japplika għar-revoki ta' deċiżjonijiet meħuda jew entrati fir-Reġistru magħmula qabel id-data msemmija hawn fuq;

(p) It-Titolu XI ma għandux japplika għas-sospensjonijiet mitluba mill-partijiet jew imposti mill-Uffiċċju qabel id-data msemmija hawn fuq;

(q) It-Titolu XII ma għandux japplika għall-proċedimenti interrotti qabel id-data msemmija hawn fuq;

(r) L-Artikolu 73 ma għandux japplika għall-applikazzjonijiet għat-trademarks tal-UE riċevuti qabel id-data msemmija hawn fuq;

(s) L-Artikolu 74 ma għandux japplika għar-rappreżentanti maħtura qabel id-data msemmija hawn fuq;

(t) L-Artikolu 75 ma għandux japplika għall-entrati fil-lista ta' rappreżentanti professjonali li saru qabel id-data msemmija hawn fuq;

(u) It-Titolu XIV ma għandux japplika għad-denominazzjonijiet ta' trademark tal-UE li saru qabel id-data msemmija hawn fuq;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1431

tat-18 ta' Mejju 2017

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(5b), l-Artikolu 26(4), l-Artikolu 30(2), l-Artikolu 33(4), l-Artikolu 34(5), l-Artikolu 39(5), l-Artikolu 44(9), l-Artikolu 45(3), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 48(3), l-Artikolu 48a(1), l-Artikolu 49(8), l-Artikolu 50(5), l-Artikolu 67(3), l-Artikolu 74b(3), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 85(1a), l-Artikolu 89(4), l-Artikolu 90(3), l-Artikolu 113(6), l-Artikolu 119(10), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 132(2), l-Artikolu 147(9), l-Artikolu 148a(2), l-Artikolu 149(2), l-Artikolu 153a(6), l-Artikolu 154(8), l-Artikolu 158(4), l-Artikolu 159(10) u l-Artikolu 161(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ([2]), li ġie kkodifikat bħala r-Regolament (KE) Nru 207/2009, ħoloq sistema speċifika għall-Unjoni għall-protezzjoni tat-trademarks li trid tinkiseb fil-livell tal-Unjoni abbażi ta' applikazzjoni lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("l-Uffiċċju").

(2) Ir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jallinja s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 207/2009 mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jikkonformaw mal-qafas legali ġdid li jirriżulta minn dan l-allinjament, jeħtieġ li jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. Ir-regoli l-ġodda jeħtieġ li jieħdu post ir-regoli eżistenti li huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 ([4]) u jimmiraw li jimplimentaw ir-Regolament (KE) Nru 207/2009.

(3) Għal raġunijiet ta' ċarezza, ċertezza tad-dritt u effiċjenza, u bl-għan li tiġi ffaċilitata l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal trademark tal-UE, huwa ta' importanza essenzjali li d-dettalji obbligatorji u fakultattivi li jridu jiġu inklużi f'applikazzjoni għal trademark tal-UE jiġu speċifikati b'mod ċar u eżawrjenti, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 207/2009 ma jirrikjedix aktar li r-rappreżentazzjoni ta' marka tkun grafika, sakemm tkun tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw b'mod ċar u preċiż is-suġġett tal-protezzjoni. Għaldaqstant jenħtieġ, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt, li jiġi ddikjarat biċ-ċar li s-suġġett tad-dritt esklużiv mogħti mir-reġistrazzjoni huwa definit mir-rappreżentazzjoni. Fejn xieraq, ir-rappreżentazzjoni għandu jkollha magħha indikazzjoni tat-tip tal-marka kkonċernata. F'każijiet xierqa jista' jkollha magħha deskrizzjoni tas-sinjal. Tali indikazzjoni jew deskrizzjoni għandha tkun adattata għar-rappreżentazzjoni.

(5) Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fil-proċess tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal trademark tal-UE u sabiex tissaħħaħ l-effikaċja tar-riċerki għall-ikklerjar, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali li magħhom trid tikkonforma r-rappreżentazzjoni ta' kull marka, kif ukoll ir-regoli u r-rekwiżiti speċifiċi għar-rappreżentazzjoni ta' ċerti tipi ta' trademark, b'konformità man-natura u mal-attributi speċifiċi tat-trademark.

(6) L-introduzzjoni ta' alternattivi tekniċi għar-rappreżentazzjoni grafika, f'konformità mat-teknoloġiji ġodda, toriġina mill-ħtieġa ta' modernizzazzjoni, sabiex il-proċess ta' reġistrazzjoni joqrob lejn l-iżviluppi tekniċi. Fl-istess ħin,

([1]) ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trademark Komunitarja (ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1).
([3]) Ir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trademark Komunitarja u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trademark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) (ĠU L 341, 24.12.2015, p. 21).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trademark tal-Komunità (ĠU L 303, 15.12.1995, p. 1).

jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex tiġi ppreżentata rappreżentazzjoni tat-trademark, inklużi r-rappreżentazzjonijiet ippreżentati elettronikament, bl-għan li jiġi żgurat li s-sistema tat-trademarks tal-UE tibqa' interoperabbli mas-sistema stabbilita mill-Protokoll li għandu x'jaqsam mal-Ftehim ta' Madrid dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trademarks, adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989 ([1]) (il-Protokoll ta' Madrid). Skont ir-Regolament (KE) Nru 207/2009, u għal raġunijiet ta' flessibbiltà akbar u adattament aktar rapidu għall-avvanzi teknoloġiċi, jeħtieġ li jitħalla f'idejn id-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-marki ppreżentati elettronikament.

(7) Jixraq li jiġu ssimplifikati l-proċeduri sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fil-preżentazzjoni u fl-ipproċessar ta' pretensjonijiet ta' prijorità u anzjanità. Għalhekk ma għandhiex tibqa' aktar meħtieġa s-sottomissjoni ta' kopji attestati tar-reġistrazzjoni jew tal-applikazzjoni preċedenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Uffiċċju ma jibqax obbligat li jinkludi kopja tal-applikazzjoni preċedenti għal trademark fil-fajl fil-każ ta' pretensjoni ta' prijorità.

(8) Wara t-tneħħija tar-rekwiżit ta' rappreżentazzjoni grafika ta' trademark, ċerti tipi ta' trademarks jistgħu jiġu rrappreżentati f'format elettroniku u, għaldaqstant, il-pubblikazzjoni tagħhom bl-użu ta' mezzi konvenzjonali ma għadhiex xierqa. Sabiex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni kollha dwar applikazzjoni, li tkun meħtieġa għal raġunijiet ta' trasparenza u ċertezza tad-dritt, l-aċċess għar-rappreżentazzjoni tat-trademark permezz ta' ħolqa għar-reġistru elettroniku tal-Uffiċċju jeħtieġ li jkun rikonoxxut bħala forma valida ta' rappreżentazzjoni tas-sinjal għal finijiet ta' pubblikazzjoni.

(9) Għall-istess raġunijiet, jeħtieġ li l-Uffiċċju jkun awtorizzat joħroġ ċertifikati ta' reġistrazzjoni li fihom ir-riproduzzjoni tat-trademark tiġi mibdula b'ħolqa elettronika. Barra minn hekk, għaċ-ċertifikati maħruġa wara r-reġistrazzjoni, u sabiex jiġu indirizzati t-talbiet li saru fi żmien meta d-dettalji tar-reġistrazzjoni setgħu nbidlu, jixraq li tiġi prevista l-possibbiltà li jinħarġu verżjonijiet aġġornati taċ-ċertifikat, fejn jiġu indikati l-entrati sussegwenti rilevanti fir-reġistru.

(10) L-esperjenza prattika fl-applikazzjoni tar-reġim preċedenti żvelat il-ħtieġa li jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet, b'mod partikolari b'rabta mat-trasferimenti parzjali u maċ-ċessjonijiet parzjali, sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza tad-dritt.

(11) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza tad-dritt, filwaqt li jinżamm ċertu livell ta' flessibbiltà, jenħtieġ li jiġi stabbilit kontenut minimu tar-regolamenti li jirregolaw l-użu tal-marki kollettivi tal-UE u tal-marki ta' ċertifikazzjoni tal-UE ppreżentati skont ir-Regolament (KE) Nru 207/2009, bl-għan li jippermettu lill-operaturi tas-suq biex jużaw dan it-tip ġdid ta' protezzjoni tat-trademarks.

(12) Ir-rati massimi għall-ispejjeż tar-rappreżentazzjoni mġarrba mill-parti rebbieħa fil-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju jeħtieġ li jiġu speċifikati filwaqt li jitqies il-bżonn li jiġi żgurat li l-obbligu li tħallas l-ispejjeż ma jistax jintuża b'mod ħażin *inter alia* għal raġunijiet tattiċi mill-parti l-oħra.

(13) Għal raġunijiet ta' effiċjenza, għandhom ikunu permessi l-pubblikazzjonijiet elettroniċi mill-Uffiċċju.

(14) Jeħtieġ li jiġi żgurat l-iskambju effettiv u effiċjenti tal-informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-kuntest tal-kooperazzjoni amministrattiva, filwaqt li jitqiesu kif xieraq ir-restrizzjonijiet li għalihom hija soġġetta l-ispezzjoni tal-fajls.

(15) Jenħtieġ li r-rekwiżiti li jikkonċernaw it-talbiet għal konverżjoni jiżguraw li l-interfaċċja bejn is-sistema tat-trademark tal-UE u s-sistemi tat-trademark nazzjonali tkun effettiva u bla xkiel.

(16) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi limitata l-preżentazzjoni ta' traduzzjonijiet għal dawk il-partijiet tad-dokumenti li huma rilevanti għall-proċedimenti. Għall-istess fini, jenħtieġ li l-Uffiċċju jkun awtorizzat li jirrikjedi prova li t-traduzzjoni tikkorrispondi mat-test oriġinali f'każ ta' dubju biss.

(17) Għar-raġunijiet ta' effiċjenza, ċerti deċiżjonijiet tal-Uffiċċju b'rabta mal-oppożizzjonijiet jew mal-applikazzjonijiet għar-revoka jew mad-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trademark tal-UE jeħtieġ li jittieħdu minn membru wieħed.

(18) Minħabba l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Protokoll ta' Madrid, jeħtieġ li r-rekwiżiti dettaljati li jirregolaw il-proċeduri li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni internazzjonali tal-marki jkunu kompletament konsistenti mar-regoli ta' dan il-Protokoll.

([1]) ĠU L 296, 14.11.2003, p. 22.

(19) Ir-regoli dettaljati stabbiliti f'dan ir-Regolament jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 li ġew emendati bir-Regolament (UE) 2015/2424 b'effett mill-1 ta' Ottubru 2017. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikabbiltà ta' dawk ir-regoli tiġi differita sal-istess data. Fl-istess waqt, ċerti proċedimenti li nbdew qabel dik id-data jenħtieġ li jkomplu jiġu rregolati sal-konklużjoni tagħhom mid-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (KE) Nru 2868/95.

(20) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar ir-Regoli ta' Implimentazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jispeċifikaw:

(a) id-dettalji li jridu jkunu inklużi f'applikazzjoni għal trademark tal-UE li trid tiġi ppreżentata fl-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ("l-Uffiċċju");

(b) id-dokumentazzjoni meħtieġa għal pretensjoni ta' prijorità ta' applikazzjoni preċedenti u għal pretensjoni ta' anzjanità, u l-evidenza li trid tiġi ppreżentata għall-pretensjoni ta' prijorità ta' wirja;

(c) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fil-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal trademark tal-UE;

(d) il-kontenut ta' dikjarazzjoni tad-diviżjoni ta' applikazzjoni, kif l-Uffiċċju għandu jipproċessa dikjarazzjoni bħal din, u d-dettalji li jridu jkunu inklużi fil-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni diviżjonali;

(e) il-kontenut u l-forma taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni;

(f) il-kontenut ta' dikjarazzjoni tad-diviżjoni ta' reġistrazzjoni u kif l-Uffiċċju għandu jipproċessa dikjarazzjoni bħal din;

(g) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fit-talbiet ta' modifika u għall-bidla fl-isem jew l-indirizz;

(h) il-kontenut tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment, id-dokumentazzjoni meħtieġa biex jiġi stabbilit trasferiment, u kif għandhom jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għal trasferimenti parzjali;

(i) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fid-dikjarazzjoni ta' ċessjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa biex jiġi stabbilit il-qbil ta' parti terza;

(j) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fir-regolamenti li jirregolaw l-użu ta' marka kollettiva tal-UE u dawk li jirregolaw l-użu ta' marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE;

(k) ir-rati massimi għall-ispejjeż essenzjali għal finijiet proċedurali u li realment iġġarrbu;

(l) ċerti dettalji dwar il-pubblikazzjonijiet fil-Bulettin tat-Trademarks tal-Unjoni Ewropea u fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Uffiċċju;

(m) l-arranġamenti ddettaljati dwar kif l-Uffiċċju u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jaqsmu l-informazzjoni bejniethom u jifthu l-fajls għall-ispezzjoni;

(n) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fit-talbiet għal konverżjoni u fil-pubblikazzjoni ta' talba għal konverżjoni;

(o) il-punt sa fejn id-dokumenti ta' sostenn li jridu jintużaw fil-proċedimenti bil-miktub quddiem l-Uffiċċju jistgħu jiġu ppreżentati bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni, il-ħtieġa li tiġi pprovduta traduzzjoni u l-istandards meħtieġa tat-traduzzjonijiet;

(p) id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu minn membru wieħed tad-diviżjonijiet ta' oppożizzjoni u ta' kanċellazzjoni;

(q) fir-rigward tar-reġistrazzjoni internazzjonali tal-marki:

(i) il-formola li trid tintuża biex tiġi ppreżentata applikazzjoni internazzjonali;

(ii) il-fatti u d-deċiżjonijiet ta' invalidità li jridu jiġu nnotifikati lill-Bureau Internazzjonali u l-waqt rilevanti ta' din in-notifika;

(iii) ir-rekwiżiti dettaljati fir-rigward tat-talbiet għal estensjoni territorjali sussegwenti għar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(iv) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fil-pretensjoni ta' anzjanità għal reġistrazzjoni internazzjonali u d-dettalji tal-informazzjoni li jridu jiġu nnotifikati lill-Bureau Internazzjonali;

(v) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fin-notifika tar-rifjut provviżorju ex officio tal-protezzjoni li trid tintbagħat lill-Bureau Internazzjonali;

(vi) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fl-għoti jew fir-rifjut finali tal-protezzjoni;

(vii) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fin-notifika ta' invalidazzjoni;

(viii) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fit-talbiet għal konverżjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali u fil-pubblikazzjoni ta' talbiet bħal dawn;

(ix) id-dettalji li jridu jkunu inklużi fl-applikazzjoni għal trasformazzjoni.

TITOLU II

IL-PROĊEDURA TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 2

Kontenut tal-applikazzjoni

1. L-applikazzjoni għal trademark tal-UE għandu jkun fiha:

(a) talba għar-reġistrazzjoni tat-trademark bħala trademark tal-UE;

(b) l-isem u l-indirizz tal-applikant u l-Istat fejn dak l-applikant huwa ddomiċiljat jew fejn għandu sede jew stabbiliment. L-ismijiet ta' persuni fiżiċi għandhom jiġu indikati bil-kunjom jew il-kunjomijiet u l-isem jew l-ismijiet tal-persuna. L-ismijiet tal-entitajiet ġuridiċi, kif ukoll tal-korpi li jaqgħu taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandhom jiġu indikati bid-dežinjazzjoni uffiċjali tagħhom u jinkludu l-forma ġuridika tal-entità, li tista' tiġi mqassra bħas-soltu. In-numru tal-identifikazzjoni nazzjonali tal-kumpanija jista' wkoll jiġi speċifikat jekk ikun disponibbli. L-Uffiċċju jista' jitlob lill-applikant jipprovdi n-numri tat-telefown jew dettalji oħra ta' kuntatt għall-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, kif iddefinit mid-Direttur Eżekuttiv. Bħala prinċipju, għandu jiġi indikat indirizz wieħed biss għal kull applikant. Fejn jiġu indikati għadd ta' indirizzi, għandu jitqies biss l-indirizz li jissemma l-ewwel, ħlief fejn l-applikant jindika wieħed mill-indirizzi bħala l-indirizz għas-servizz. Meta numru tal-identifikazzjoni jkun diġà ngħata mill-Uffiċċju, għandu jkun biżżejjed għall-applikant li jindika dak in-numru u l-isem tal-applikant.

(c) il-lista tal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom trid tiġi rreġistrata t-trademark, skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009. Din il-lista tista' tintgħażel, kollha kemm hi jew f'parti minnha, minn bażi ta' dejta ta' termini aċċettati ipprovduti mill-Uffiċċju;

(d) rappreżentazzjoni tat-trademark skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;

(e) meta l-applikant ikun ħatar rappreżentant, l-isem u l-indirizz tan-negozju ta' dak ir-rappreżentant jew in-numru tal-identifikazzjoni skont il-punt (b); meta r-rappreżentant ikollu aktar minn indirizz tan-negozju wieħed jew meta kkun hemm żewġ rappreżentanti jew aktar b'indirizzi tan-negozju differenti, l-indirizz li jissemma l-ewwel biss għandu jitqies bħala l-indirizz għas-servizz sakemm l-applikazzjoni ma tindikax liema indirizz irid jintuża bħala indirizz għas-servizz;

(f) meta ssir pretensjoni ta' prijorità ta' applikazzjoni preċedenti skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, dikjarazzjoni f'dak is-sens, li tindika d-data meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni preċedenti u l-pajjiż li fih jew li għalih ġiet ippreżentata din l-applikazzjoni;

(g) meta ssir pretensjoni ta' prijorità ta' wirja skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, dikjarazzjoni f'dak is-sens, li tindika l-isem tal- wirja u d-data li fiha ġew esebiti għall-ewwel darba l-oġġetti jew is-servizzi;

(h) meta flimkien mal-applikazzjoni ssir pretensjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, ta' trademark jew trademarks preċedenti rreġistrati fi Stat Membru, inkluża trademark irreġistrata fil-pajjiżi tal-Benelux jew irreġistrati skont arranġamenti internazzjonali li għandhom effett fi Stat Membru, dikjarazzjoni f'dak is-sens, li tindika l-Istat Membru jew l-Istati Membri li fihom jew li għalihom ġiet irreġistrata t-trademark preċedenti, id-data minn meta r-reġistrazzjoni rilevanti saret effettiva, in-numru tar-reġistrazzjoni rilevanti, u l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata t-trademark. Tali dikjarazzjoni tista' ssir ukoll fil-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 34(1a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(i) fejn applikabbli, dikjarazzjoni li l-applikazzjoni hija għar-reġistrazzjoni ta' marka kollettiva tal-UE skont l-Artikolu 66 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jew għar-reġistrazzjoni ta' marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE skont l-Artikolu 74a tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(j) speċifikazzjoni tal-lingwa li biha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni, u tat-tieni lingwa skont l-Artikolu 119(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(k) il-firma tal-applikant jew tar-rappreżentant tal-applikant skont l-Artikolu 63(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1430 ([1]);

(l) fejn applikabbli, it-talba għal rapport ta' riċerka msemmi fl-Artikolu 38(1) jew (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

2. L-applikazzjoni tista' tinkludi pretensjoni li skontha s-sinjal kiseb karattru distintiv permezz tal-użu fis-sens tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, kif ukoll indikazzjoni dwar jekk din il-pretensjoni hijiex maħsuba bħala waħda prinċipali jew sussidjarja. Tali pretensjoni tista' ssir ukoll fil-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni sentenza tal-Artikolu 37(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

3. L-applikazzjoni għal marka kollettiva tal-UE jew marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE tista' tinkludi r-regolamenti li jirregolaw l-użu tagħha. Meta tali regolamenti ma jkunux inklużi mal-applikazzjoni, dawn għandhom jiġu ppreżentati fil-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 67(1) u fl-Artikolu 74b(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

4. Jekk ikun hemm iżjed minn applikant wieħed, l-applikazzjoni jista' jkun fiha l-ħatra ta' applikant jew rappreżentant wieħed bħala rappreżentant komuni.

Artikolu 3

Rappreżentazzjoni tat-trademark

1. It-trademark għandha tiġi rrappreżentata fi kwalunkwe forma adattata bl-użu tat-teknoloġija ġeneralment disponibbli, sakemm din tkun tista' tiġi riprodotta fuq ir-reġistru b'mod li jkun ċar, preċiż, komplut fih innifsu, faċilment aċċessibbli, intelliġibbli, durabbli u oġġettiv b'mod li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw b'mod ċar u preċiż is-suġġett tal-protezzjoni mogħtija lill-propjetarju tagħha.

2. Ir-rappreżentazzjoni tat-trademark għandha tiddefinixxi s-suġġett tar-reġistrazzjoni. Meta r-rappreżentazzjoni tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni skont il-paragrafu 3(d), (e), (f)(ii), (h) jew il-paragrafu 4, din id-deskrizzjoni għandha taqbel mar-rappreżentazzjoni u ma għandhiex testendi l-ambitu tagħha.

3. Meta l-applikazzjoni tkun tikkonċerna kwalunkwe waħda mit-trademarks elenkati fil-punti (a) sa (j), din għandha tinkludi indikazzjoni dwar dan. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, it-tip tat-trademark u r-rappreżentazzjoni tagħha għandhom jaqblu ma' xulxin kif ġej:

(a) fil-każ ta' trademark magħmula esklużivament minn kliem jew ittri, numri, karattri tipografiċi standard oħrajn jew taħlita tagħhom (il-marka ta' kelma), il-marka għandha tkun irrappreżentata permezz ta' riproduzzjoni tas-sinjal b'kitba u lejawt standard, mingħajr ebda riproduzzjoni grafika jew kulur;

(b) fil-każ ta' trademark meta jintużaw karattri, stilizzazzjoni jew lejawt mhux standard, jew riproduzzjoni grafika jew kulur (il-marka figurattiva), inklużi l-marki li jikkonsistu esklużivament minn elementi figurattivi jew ta' taħlita ta' elementi verbali u figurattivi, il-marka għandha tkun irrappreżentata permezz ta' riproduzzjoni tas-sinjal li turi l-elementi kollha tagħha u, fejn applikabbli, il-kuluri tagħha;

([1]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1430 tat-18 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trademark Komunitarja u li jirrevoka r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 u (KE) Nru 216/96 (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(c) fil-każ ta' trademark magħmula minn forma tridimensjonali jew li tkun tinkludi tali forma, inklużi l-kontenituri, l-imballaġġ, il-prodott innifsu jew id-dehra tagħhom (il-marka ta' forma), il-marka għandha tkun irrappreżentata billi tiġi sottomessa riproduzzjoni grafika tal-forma, inklużi immaġnijiet iġġenerati permezz tal-kompjuter, jew riproduzzjoni fotografika. Ir-riproduzzjoni grafika jew fotografika tista' tinkludi perspettivi differenti. Meta r-rappreżentazzjoni ma tkunx ipprovduta b'mod elettroniku, din jista' jkun fiha sa sitt perspettivi differenti;

(d) fil-każ ta' trademark li tkun tikkonsisti fil-mod speċifiku kif il-marka titqiegħed jew titwaħħal fuq il-prodott (il-marka ta' pożizzjoni), il-marka għandha tkun irrappreżentata permezz ta' riproduzzjoni li tidentifika b'mod xieraq il-pożizzjoni tal-marka u d-daqs jew il-proporzjon tagħha fil-konfront tal-oġġetti rilevanti. L-elementi li ma jiffurmawx parti mis-suġġett tar-reġistrazzjoni għandhom jiġu eskluži b'mod viżiv preferibbilment permezz ta' linji miksurin jew bit-tikek. Ir-rappreżentazzjoni tista' tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni li tispjega kif is-sinjal huwa mwaħħal fuq l-oġġetti;

(e) fil-każ ta' trademark magħmula esklużivament minn sett ta' elementi li huma ripetuti regolarment (il-marka ta' motif), il-marka għandha tkun irrappreżentata permezz ta' riproduzzjoni li turi l-iskema ta' ripetizzjoni. Ir-rappreżentazzjoni tista' tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni li tispjega kif l-elementi tagħha jiġu ripetuti regolarment;

(f) fil-każ ta' marka ta' kulur,

(i) meta t-trademark tkun tikkonsisti esklużivament minn kulur wieħed mingħajr kontorni, il-marka għandha tkun irrappreżentata permezz ta' riproduzzjoni tal-kulur u indikazzjoni ta' dak il-kulur b'referenza għal kodiċi tal-kulur rikonoxxut b'mod ġenerali.

(ii) meta t-trademark tkun tikkonsisti esklużivament minn taħlita ta' kuluri mingħajr kontorni, il-marka għandha tkun irrappreżentata permezz ta' riproduzzjoni li turi l-arranġament sistematiku tat-taħlita ta' kuluri b'mod uniformi u prestabbilit u indikazzjoni ta' dawk il-kuluri b'referenza għal kodiċi tal-kulur rikonoxxut b'mod ġenerali. Tista' tiġi miżjuda wkoll deskrizzjoni li tispjega l-arranġament sistematiku tal-kuluri;

(g) fil-każ ta' trademark magħmula esklużivament minn ħoss jew taħlita ta' ħsejjes (il-marka tal-ħoss), il-marka għandha tkun irrappreżentata billi jiġi ppreżentat fajl awdjo li jirriproduċi l-ħoss jew permezz ta' rappreżentazzjoni preċiża tal-ħoss f'notazzjoni mużikali;

(h) fil-każ ta' trademark li tikkonsisti f'moviment jew f'bidla fil-pożizzjoni tal-elementi tal-marka, jew li tkun estiża għal tali moviment jew bidla (il-marka ta' moviment), il-marka għandha tkun irrappreżentata permezz ta' fajl vidjo jew permezz ta' serje ta' immaġnijiet statiċi sekwenzjali li juru l-moviment jew il-bidla tal-pożizzjoni. Meta jintużaw immaġnijiet statiċi, dawn jistgħu jkunu numerati jew akkumpanjati minn deskrizzjoni li tispjega s-sekwenza;

(i) fil-każ ta' trademark li tikkonsisti f'taħlita ta' immaġni u ħoss, jew li tkun estiża għal tali immaġni u ħoss (il-marka multimedjali), il-marka għandha tkun irrappreżentata billi jiġi ppreżentat fajl awdjoviżiv li jkun fih it-taħlita tal-immaġni u tal-ħoss;

(j) fil-każ ta' trademark li tikkonsisti minn elementi b'karatteristiċi olografiċi (marka olografika), il-marka għandha tkun irrappreżentata permezz ta' fajl vidjo jew ta' riproduzzjoni grafika jew fotografika li jinkludu l-perspettivi li huma meħtieġa biex jiġi identifikat biżżejjed l-effett olografiku fl-intier tiegħu.

4. Meta t-trademark ma tkun koperta mill-ebda wieħed mit-tipi elenkati fil-paragrafu 3, ir-rappreżentazzjoni tagħha għandha tikkonforma mal-istandards stabbiliti fil-paragrafu 1 u tista' tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni.

5. Meta r-rappreżentazzjoni tiġi pprovduta b'mod elettroniku, id-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju għandu jiddetermina l-formati u d-daqs tal-fajl elettroniku kif ukoll kwalunkwe speċifikazzjoni teknika rilevanti oħra.

6. Meta r-rappreżentazzjoni ma tkunx ipprovduta b'mod elettroniku, it-trademark għandha tkun riprodotta fuq folja ta' karta waħda separata mill-folja li fuqha jidher it-test tal-applikazzjoni. Il-folja waħda li fuqha tiġi riprodotta l-marka għandha tinkludi l-perspettivi jew l-immaġnijiet kollha rilevanti u ma għandhiex taqbeż il-qies DIN A4 (għoli ta' 29,7 cm, wisa' ta' 21 cm). Madwarha għandu jitħalla marġni ta' mill-inqas 2,5 cm.

7. Meta l-orjentazzjoni korretta tal-marka ma tkunx evidenti, għandha tkun indikata billi tiżdied il-kelma "fuq" ma' kull riproduzzjoni.

8. Ir-riproduzzjoni tal-marka għandha tkun ta' kwalità tali li tkun tista':

(a) titnaqqas għal daqs ta' mhux inqas minn 8 cm wiesgħa u 8 cm għolja; jew

(b) titkabbar għal daqs ta' mhux aktar minn 8 cm wiesgħa u 8 cm għolja.

9. Il-preżentazzjoni ta' kampjun jew mudell ma għandhiex tikkostitwixxi rappreżentazzjoni xierqa ta' trademark.

Artikolu 4

Pretensjoni ta' prijorità

1. Meta l-prijorità ta' applikazzjoni jew applikazzjonijiet preċedenti flimkien mal-applikazzjoni skont Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-applikant għandu jindika n-numru tal-fajl tal-applikazzjoni preċedenti u jippreżenta kopja tagħha fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni. Dik il-kopja għandha tindika d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni preċedenti.

2. Jekk il-lingwa tal-applikazzjoni preċedenti li għaliha tkun saret pretensjoni ta' prijorità ma tkunx waħda mil-lingwi tal-Uffiċċju, l-applikant għandu, jekk ikun mitlub mill-Uffiċċju, jipprovdi lill-Uffiċċju bi traduzzjoni tal-applikazzjoni preċedenti fil-lingwa tal-Uffiċċju użata bħala l-ewwel jew it-tieni lingwa tal-applikazzjoni, fil-perjodu ta' żmien speċifikat mill-Uffiċċju.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta l-pretensjoni ta' prijorità tkun relatata ma' reġistrazzjoni preċedenti waħda jew aktar.

Artikolu 5

Prijorità ta' wirja

Meta ssir pretensjoni ta' prijorità ta' wirja flimkien mal-applikazzjoni skont l-Artikolu 33(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-applikant għandu, fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni, jippreżenta ċertifikat maħruġ waqt il-wirja mill-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali. Dan iċ-ċertifikat għandu jiddikjara li l-marka ntużat għall-oġġetti jew għas-servizzi koperti mill-applikazzjoni. Għandu jindika wkoll id-data tal-ftuħ tal-wirja u d-data tal-ewwel użu pubbliku, jekk din tkun differenti mid-data tal-ftuħ tal-wirja. Iċ-ċertifikat għandu jkun akkumpanjat minn identifikazzjoni tal-użu attwali tal-marka, iċċertifikata kif xieraq mill-awtorità.

Artikolu 6

Pretensjoni ta' prijorità ta' trademark nazzjonali qabel ir-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE

Meta ssir pretensjoni, skont l-Artikolu 34(1a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, tal-anzjanità ta' trademark preċedenti rreġistrata, kif imsemmi fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-applikant għandu jissottometti kopja tar-reġistrazzjoni rilevanti fi żmien tliet xhur minn meta tkun waslet il-pretensjoni ta' anzjanità mill-Uffiċċju.

Artikolu 7

Kontenut tal-pubblikazzjoni ta' applikazzjoni

Il-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għandu jkun fiha:

(a) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

(b) fejn applikabbli, l-isem u l-indirizz tan-negozju tar-rappreżentant maħtur mill-applikant li mhuwiex rappreżentant li jissemma fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 92(3) tar- Regolament (KE) Nru 207/2009. Jekk ikun hemm iżjed minn rappreżentant wieħed bl-istess indirizz tan-negozju, għandhom jiġu ppubblikati biss l-isem u l-indirizz tan-negozju tar-rappreżentant li jissemma l-ewwel u għandhom ikunu segwiti bil-kliem "u oħrajn". Meta jkun hemm żewġ rappreżentanti jew aktar b'indirizzi tan-negozju differenti, għandu jiġi ppubblikat biss l-indirizz għas-servizz iddeterminat skont l-Artikolu 2(1)(e) ta' dan ir-Regolament. Meta tinħatar assoċjazzjoni ta' rappreżentanti skont l-Artikolu 74(8) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430, għandhom jiġu ppubblikati biss l-isem u l-indirizz tan-negozju tal-assoċjazzjoni;

(c) ir-rappreżentazzjoni tal-marka, flimkien mal-elementi u d-deskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 fejn applikabbli. Meta r-rappreżentazzjoni tiġi pprovduta fil-forma ta' fajl elettroniku, għandha tkun aċċessibbli permezz ta' ħolqa għal dak il-fajl;

(d) il-lista tal-oġġetti jew is-servizzi, miġbura skont il-klassijiet tal-Klassifikazzjoni ta' Nizza, b'kull grupp ikun ippreċedut min-numru tal-klassi ta' dik il-klassifikazzjoni li għaliha jappartjeni dak il-grupp ta' oġġetti jew servizzi, u ppreżentata fl-ordni tal-klassijiet ta' dik il-klassifikazzjoni;

(e) id-data tal-preżentazzjoni u n-numru tal-fajl;

(f) fejn applikabbli, id-dettalji tal-pretensjoni ta' prijorità ppreżentata mill-applikant skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(g) fejn applikabbli, id-dettalji tal-pretensjoni ta' prijorità ta' wirja ppreżentata mill-applikant skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(h) fejn applikabbli, id-dettalji tal-pretensjoni ta' anzjanità ppreżentata mill-applikant skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(i) fejn applikabbli, dikjarazzjoni skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 li l-marka tkun saret distintiva fir-rigward tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom tkun qiegħda tintalab ir-reġistrazzjoni minħabba l-użu li jkun sar ta' din it-trademark;

(j) fejn applikabbli, dikjarazzjoni li l-applikazzjoni hija għal marka kollettiva tal-UE jew għal marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE;

(k) indikazzjoni tal-lingwa li biha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni u tat-tieni lingwa li l-applikant ikun indika skont l-Artikolu 119(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(l) fejn applikabbli, dikjarazzjoni li l-applikazzjoni tirriżulta minn trasformazzjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja l-Unjoni skont l-Artikolu 161(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, flimkien mad-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 3(4) tal-Protokoll ta' Madrid jew id-data meta ġiet irreġistrata fir-reġistru internazzjonali l-estensjoni territorjali għall-Unjoni li saret sussegwentement għar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 3 ter (2) tal-Protokoll ta' Madrid u, fejn applikabbli, id-data ta' prijorità tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

Artikolu 8

Diviżjoni tal-applikazzjoni

1. Id-dikjarazzjoni tad-diviżjoni tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi:

(a) in-numru tal-fajl tal-applikazzjoni;

(b) l-isem u l-indirizz tal-applikant skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-Regolament;

(c) il-lista tal-oġġetti jew is-servizzi li tkun soġġetta għall-applikazzjoni diviżjonali, jew, meta tintalab id-diviżjoni f'iktar minn applikazzjoni diviżjonali waħda, il-lista tal-oġġetti jew is-servizzi għal kull applikazzjoni diviżjonali;

(d) il-lista tal-oġġetti jew is-servizzi li għandhom jibqgħu fl-applikazzjoni oriġinali.

2. L-Uffiċċju għandu jistabbilixxi fajl separat għal kull applikazzjoni diviżjonali, li għandu jikkonsisti f'kopja kompluta tal-fajl tal-applikazzjoni oriġinali, inkluża d-dikjarazzjoni tad-diviżjoni u l-korrispondenza marbuta magħha. L-Uffiċċju għandu jassenja numru ġdid tal-applikazzjoni għal kull applikazzjoni diviżjonali.

3. Il-pubblikazzjoni ta' kull applikazzjoni diviżjonali għandha tinkludi l-indikazzjonijiet u l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 7.

TITOLU III

IL-PROĊEDURA TA' REĠISTRAZZJONI

Artikolu 9

Ċertifikat ta' reġistrazzjoni

Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ skont l-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandu jkun fih l-entrati fir-Reġistru elenkati fl-Artikolu 87(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u dikjarazzjoni li dawk l-entrati ġew

irreġistrati fir-Reġistru. Meta r-rappreżentazzjoni tal-marka tiġi pprovduta fil-forma ta' fajl elettroniku, l-entrata rilevanti għandha tkun aċċessibbli permezz ta' ħolqa għal dak il-fajl. Iċ-ċertifikat għandu jkollu miegħu, fejn applikabbli, estratt li juri l-entrati kollha li jridu jiġu rreġistrati fir-Reġistru skont l-Artikolu 87(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u dikjarazzjoni li dawk l-entrati ġew irreġistrati fir-Reġistru.

Artikolu 10

Kontenut tat-talba għal modifika tar-reġistrazzjoni

It-talba għal modifika tar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 48(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE;

(b) l-isem u l-indirizz tal-propjetarju tat-trademark tal-UE skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-Regolament;

(c) l-indikazzjoni tal-element fir-rappreżentazzjoni tat-trademark tal-UE li jrid jiġi mmodifikat u dak l-element fil-verżjoni mmodifikata tiegħu skont l-Artikolu 48(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(d) rappreżentazzjoni tat-trademark tal-UE kif immodifikata, skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Dikjarazzjoni tad-diviżjoni ta' reġistrazzjoni

1. Id-dikjarazzjoni tad-diviżjoni ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 49(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE;

(b) l-isem u l-indirizz tal-propjetarju tat-trademark tal-UE skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-Regolament;

(c) il-lista tal-oġġetti jew is-servizzi li jkunu jifformaw ir-reġistrazzjoni diviżjonali, jew, fejn tintalab id-diviżjoni f'aktar minn reġistrazzjoni diviżjonali waħda, il-lista tal-oġġetti jew is-servizzi għal kull reġistrazzjoni diviżjonali;

(d) il-lista tal-oġġetti jew is-servizzi li għandhom jibqgħu fir-reġistrazzjoni oriġinali.

2. L-Uffiċċju għandu jistabbilixxi fajl separat għar-reġistrazzjoni diviżjonali, li għandu jikkonsisti f'kopja kompluta tal-fajl tar-reġistrazzjoni oriġinali, inkluża d-dikjarazzjoni tad-diviżjoni u l-korrispondenza marbuta magħha. L-Uffiċċju għandu jassenja numru ġdid ta' reġistrazzjoni lir-reġistrazzjoni diviżjonali.

Artikolu 12

Kontenut ta' talba għall-bidla fl-isem jew fl-indirizz tal-propjetarju ta' trademark tal-UE jew tal-applikant għal trademark tal-UE

It-talba għall-bidla fl-isem jew fl-indirizz tal-propjetarju ta' trademark irreġistrata tal-UE skont l-Artikolu 48a(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE;

(b) l-isem u l-indirizz tal-propjetarju tat-trademark tal-UE kif irreġistrat fir-Reġistru, sakemm l-Uffiċċju ma jkunx diġà ta numru tal-identifikazzjoni lill-propjetarju, f'liema każ għandu jkun biżżejjed għall-applikant li jindika dak in-numru u l-isem tal-propjetarju;

(c) l-indikazzjoni tal-isem ġdid jew tal-indirizz ġdid tal-propjetarju tat-trademark tal-UE, skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-Regolament.

Il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-finijiet ta' talba biex jinbidel l-isem jew l-indirizz tal-applikant għal trademark tal-UE. Din it-talba għandha tinkludi wkoll in-numru tal-applikazzjoni.

TITOLU IV

IT-TRASFERIMENT

Artikolu 13

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment

1. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment skont l-Artikolu 17(5a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE;

(b) id-dettalji tal-propjetarju ġdid skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-Regolament;

(c) meta fit-trasferiment ma jkunux inklużi l-oġġetti jew is-servizzi kollha rreġistrati, id-dettalji tal-oġġetti jew tas-servizzi rreġistrati li magħhom huwa marbut it-trasferiment;

(d) l-evidenza li tistabbilixxi kif xieraq it-trasferiment skont l-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(e) fejn applikabbli, l-isem u l-indirizz tan-negozju tar-rappreżentant tal-propjetarju l-ġdid, li jrid jiġi stabbilit skont l-Artikolu 2(1)(e) ta' dan ir-Regolament;

2. Il-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-finijiet ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' applikazzjoni għat-trademark tal-UE.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(d), kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin għandha tkun evidenza biżżejjed tat-trasferiment:

(a) l-iffirmar tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment mill-propjetarju rreġistrat jew rappreżentant ta' dan il-propjetarju, u mis-suċċessur fit-titolu jew minn rappreżentant ta' dak is-suċċessur;

(b) meta l-applikazzjoni titressaq mill-propjetarju rreġistrat jew minn rappreżentant ta' dak il-propjetarju, dikjarazzjoni ffirmata mis-suċċessur fit-titolu jew mir-rappreżentant ta' dak is-suċċessur fejn jaqbel mar-reġistrazzjoni tat-trasferiment;

(c) meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiġi ppreżentata mis-suċċessur fit-titolu, dikjarazzjoni, iffirmata mill-propjetarju rreġistrat jew minn rappreżentant tiegħu, li l-propjetarju rreġistrat jaqbel mar-reġistrazzjoni tas-suċċessur fit-titolu;

(d) l-iffirmar ta' formola jew dokument ta' trasferiment mimlija, kif stabbilit fl-Artikolu 65(1)(e) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430, mill-propjetarju rreġistrat jew rappreżentant ta' dak il-propjetarju, u mis-suċċessur fit-titolu jew minn rappreżentant ta' dak is-suċċessur.

Artikolu 14

Proċessar tal-applikazzjonijiet għal trasferiment parzjali

1. Meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment ikollha x'taqsam biss ma' wħud mill-oġġetti jew mis-servizzi li għalihom il-marka hija rreġistrata, l-applikant għandu jiddistribwixxi l-oġġetti jew is-servizzi fir-reġistrazzjoni oriġinali bejn ir-reġistrazzjoni li tibqa' u l-applikazzjoni għal trasferiment parzjali sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-oġġetti jew is-servizzi fir-reġistrazzjoni li tibqa' u ta' dawk fir-reġistrazzjoni l-ġdida.

2. L-Uffiċċju għandu jistabbilixxi fajl separat għar-reġistrazzjoni l-ġdida, li għandu jikkonsisti f'kopja kompluta tal-fajl tar-reġistrazzjoni oriġinali, inkluża l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment parzjali u l-korrispondenza marbuta magħha. L-Uffiċċju għandu jassenja numru ġdid ta' reġistrazzjoni lir-reġistrazzjoni l-ġdida.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-finijiet ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' applikazzjoni għat-trademark tal-UE. L-Uffiċċju għandu jassenja numru ġdid tal-applikazzjoni lill-applikazzjoni ġdida għat-trademark tal-UE.

TITOLU V

IĊ-ĊESSJONI

Artikolu 15

Ċessjoni

1. Id-dikjarazzjoni ta' ċessjoni skont l-Artikolu 50(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE;

(b) l-isem u l-indirizz tal-propjetarju skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-Regolament;

(c) meta ċ-ċessjoni tiġi ddikjarata biss għal uħud mill-oġġetti jew mis-servizzi li għalihom il-marka hija reġistrata, indikazzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom il-marka trid tibqa' rreġistrata.

2. Meta jiddaħħal fir-reġistru dritt ta' parti terza marbut mat-trademark tal-UE, id-dikjarazzjoni ta' kunsens għaċ-ċessjoni, iffirmata mill-propjetarju ta' dak id-dritt jew minn rappreżentant ta' dak il-propjetarju, għandha tikkostitwixxi prova suffiċjenti tal-kunsens tal-parti terza maċ-ċessjoni.

TITOLU VI

IL-MARKI KOLLETTIVI U L-MARKI TA' ĊERTIFIKAZZJONI TAL-UE

Artikolu 16

Kontenut tar-regolamenti li jirregolaw l-użu tal-marki kollettivi tal-UE

Ir-regolamenti li jirregolaw il-marki kollettivi tal-UE msemmija fl-Artikolu 67(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandhom jispeċifikaw:

(a) isem l-applikant;

(b) l-iskop tal-assoċjazzjoni jew l-iskop li għalih hija kkostitwita l-persuna ġuridika rregolata mil-liġi pubblika;

(c) il-korpi awtorizzati li jirrappreżentaw l-assoċjazzjoni jew il-persuna ġuridika rregolata mil-liġi pubblika;

(d) fil-każ ta' assoċjazzjoni, il-kondizzjonijiet għal sħubija;

(e) ir-rappreżentazzjoni tal-marka kollettiva tal-UE;

(f) il-persuni awtorizzati li jużaw il-marka kollettiva tal-UE;

(g) fejn xieraq, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-marka kollettiva tal-UE, inklużi s-sanzjonijiet;

(h) l-oġġetti jew is-servizzi koperti mill-marka kollettiva tal-UE, inkluża, fejn xieraq, kwalunkwe limitazzjoni introdotta bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Artikoli 7(1)(j), (k) jew (l) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(i) fejn xieraq, l-awtorizzazzjoni msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 67(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

Artikolu 17

Kontenut tar-regolamenti li jirregolaw l-użu tal-marki ta' ċertifikazzjoni tal-UE

Ir-regolamenti li jirregolaw l-użu tal-marki ta' ċertifikazzjoni tal-UE msemmija fl-Artikolu 74b tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandhom jispeċifikaw:

(a) isem l-applikant;

(b) dikjarazzjoni li l-applikant jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 74a(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(c) ir-rappreżentazzjoni tal-marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE;

(d) l-oġġetti jew is-servizzi koperti mill-marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE;

(e) il-karatteristiċi tal-oġġetti jew tas-servizzi li jridu jiġu ċċertifikati mill-marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE, bħall-materjal, il-metodu ta' manifattura tal-oġġetti jew il-prestazzjoni tas-servizzi, il-kwalità jew il-preċiżjoni.

(f) il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE, inklużi s-sanzjonijiet;

(g) il-persuni awtorizzati li jużaw il-marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE;

(h) kif il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jittestja dawk il-karatteristiċi u jissorvelja l-użu tal-marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE.

TITOLU VII

L-ISPEJJEŻ

Artikolu 18

Rati massimi għall-ispejjeż

1. L-ispejjeż imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 85(1a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandhom jitħallsu mill-parti telliefa fuq il-bażi tar-rati massimi li ġejjin:

(a) meta l-parti rebbieħa ma tkunx irrappreżentata, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza ta' dik il-parti għal persuna waħda għall-vjaġġ tat-tluq u tar-ritorn bejn il-post tar-residenza jew il-post tan-negozju u l-post fejn iseħħu l-proċedimenti orali skont l-Artikolu 49 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430, kif ġej:

(i) l-ispiża tal-vjaġġ bil-ferrovija fl-ewwel klassi inklużi s-supplimenti normali tat-trasport fejn id-distanza totali bil-ferrovija ma taqbiżx it-800 km jew l-ispiża tal-vjaġġ bl-ajru fil-klassi turistika fejn id-distanza totali bil-ferrovija taqbeż it-800 km jew ir-rotta tinkludi qsim bil-baħar;

(ii) l-ispejjeż ta' sussistenza kif stabbiliti fl-Artikolu 13 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]);

(b) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tar-rappreżentanti skont l-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, bir-rati stipulati fil-punt (a)(i) ta' dan il-paragrafu;

(c) l-ispejjeż tar-rappreżentazzjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, imġarrba mill-parti rebbieħa, kif ġej:

(i) fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni: EUR 300;

(ii) fil-proċedimenti li għandhom x'jaqsmu mar-revoka jew mal-invalidità ta' trademark tal-UE: EUR 450;

(iii) fil-proċedimenti ta' appell: EUR 550;

(iv) meta jseħħu proċedimenti orali li għalihom ikunu ġew imsejħa l-partijiet skont l-Artikolu 49 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430, l-ammont imsemmi fil-punti (i), (ii) jew (iii) miżjud b'EUR 400.

2. Meta jkun hemm diversi applikanti jew propjetarji tal-applikazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE jew fejn hemm diversi partijiet li qed jopponu jew applikanti għar-revoka jew għad-dikjarazzjoni ta' invalidità li ppreżentaw b'mod konġunt l-oppożizzjoni jew l-applikazzjoni għar-revoka jew għad-dikjarazzjoni ta' invalidità, il-parti telliefa għandha tħallas l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 1(a) għal persuna waħda biss.

3. Meta l-parti rebbieħa tkun irrappreżentata minn aktar minn rappreżentant wieħed skont it-tifsira tal-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-parti telliefa għandha tħallas l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 1(b) u (c) ta' dan l-Artikolu għal persuna waħda biss.

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

4. Il-parti telliefa ma għandhiex tkun obbligata li tirrimborża lill-parti rebbieħa għal xi spejjeż, nefiqet u tariffi relatati mal-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju, ħlief dawk imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3.

TITOLU VIII

IL-PUBBLIKAZZJONIJIET PERJODIĊI

Artikolu 19

Pubblikazzjonijiet perjodiċi

1. Meta d-dettalji jiġu ppubblikati fil-Bullettin tat-Trademarks tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 207/2009, ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1430 jew dan ir-Regolament, id-data tal-ħruġ murija fuq il-Bulettin għandha titqies bħala d-data tal-pubblikazzjoni tad-dettalji.

2. Sa fejn l-entrati dwar ir-reġistrazzjoni ta' trademark ma jkunx fihom tibdiliet meta mqabbla mal-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni, il-pubblikazzjoni ta' dawn l-entrati għanda ssir b'referenza għad-dettalji inklużi fil-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni.

3. L-Uffiċċju jista' jqiegħed l-edizzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Uffiċċju għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mezzi elettroniċi.

TITOLU IX

IL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 20

Skambju ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-awtoritajiet tal-Istati Membri

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 123c tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Uffiċċju u l-uffiċċji ċentrali li jittrattaw il-proprjetà industrijali tal-Istati Membri, inkluż l-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali, għandhom, fuq talba, jikkomunikaw lil xulxin informazzjoni rilevanti dwar il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal trademarks tal-UE jew għal marki nazzjonali u dwar il-proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma dawn l-applikazzjonijiet u l-marki rreġistrati b' riżultat ta' dawn.

2. L-Uffiċċju u l-qrati jew l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jaqsmu l-informazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, direttament jew permezz tal-uffiċċji ċentrali li jittrattaw il-proprjetà industrijali tal-Istati Membri.

3. L-ispejjeż fir-rigward tal-komunikazzjonijiet skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom jitħallsu mill-awtorità li tkun qed twettaq il-komunikazzjonijiet. Tali komunikazzjonijiet għandhom ikunu eżentati minn kwalunkwe tariffa.

Artikolu 21

Ftuħ tal-fajls għall-ispezzjoni

1. L-ispezzjoni, mill-qrati jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, tal-fajls marbuta mat-trademarks tal-UE li għalihom tkun tressqet applikazzjoni jew twettqet reġistrazzjoni, għandha tkun tad-dokument oriġinali, jew ta' kopji tiegħu, jew tal-mezzi tekniċi ta' ħażna jekk il-fajls ikunu nħażnu b'dan il-mod.

2. Fil-waqt tat-trażmissjoni tal-fajls marbuta mat-trademarks tal-UE li għalihom tkun tressqet applikazzjoni jew saret reġistrazzjoni, jew tal-kopji tagħhom, lill-qrati jew lill-Uffiċċju tal-Prosekuturi Pubbliċi tal-Istati Membri, l-Uffiċċju għandu jindika r-restrizzjonijiet li għalihom hija soġġetta l-ispezzjoni ta' dawk il-fajls skont l-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

3. Il-qrati jew l-Uffiċċji tal-Prosekuturi Pubbliċi tal-Istati Membri jistgħu, matul il-proċedimenti quddiemhom, iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' partijiet terzi għall-fini ta' konsultazzjoni, il-fajls trażmessi lilhom jew kopji tagħhom. Tali spezzjoni għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

TITOLU X

KONVERŻJONI

Artikolu 22

Kontenut ta' talba għal konverżjoni

It-talba għal konverżjoni ta' applikazzjoni għal trademark tal-UE jew ta' trademark tal-UE rreġistrata, f'applikazzjoni għal trademark nazzjonali skont l-Artikolu 112 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandha tinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-applikant għall-konverżjoni skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-Regolament;

(b) in-numru tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal trademark tal-UE jew in-numru ta' reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE;

(c) indikazzjoni tal-bażi għall-konverżjoni skont l-Artikolu 112(1)(a) jew (b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(d) l-ispeċifikazzjoni tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri li għalihom tintalab il-konverżjoni;

(e) meta it-talba ma jkollhiex x'taqsam mal-oġġetti jew mas-servizzi kollha li għalihom tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni jew li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark, indikazzjoni tal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom tintalab il-konverżjoni, u, fejn il-konverżjoni tintalab fir-rigward ta' aktar minn Stat Membru wieħed u l-lista tal-oġġetti jew is-servizzi mhijiex l-istess għall-Istati Membri kollha, indikazzjoni tal-oġġetti jew is-servizzi rispettivi għal kull Stat Membru;

(f) meta tintalab konverżjoni, skont l-Artikolu 112(6) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għar-raġuni li trademark tal-UE tkun waqfet milli jkollha effett b'konsegwenza ta' deċiżjoni ta' qorti għat-trademarks tal-UE, indikazzjoni tad-data li fiha d-deċiżjoni saret finali, u kopja tad-deċiżjoni, li tista' tiġi sottomessa bil-lingwa li biha tkun ingħatat id-deċiżjoni.

Artikolu 23

Kontenut tal-pubblikazzjoni ta' talba għal konverżjoni

Il-pubblikazzjoni ta' talba għall-konverżjoni skont l-Artikolu 113(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi:

(a) in-numru tal-preżentazzjoni jew in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE li tagħha tkun qed tintalab il-konverżjoni;

(b) referenza għall-pubblikazzjoni preċedenti tat-talba jew għar-reġistrazzjoni fil-Bulettin tat-Trademarks tal-UE;

(c) indikazzjoni tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri li fir-rigward tagħhom tkun intalbet il-konverżjoni;

(d) meta t-talba ma tkunx marbuta mal-oġġetti jew mas-servizzi kollha li għalihom tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni jew li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark tal-UE, indikazzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom tkun intalbet il-konverżjoni;

(e) meta l-konverżjoni tintalab fir-rigward ta' aktar minn Stat Membru wieħed u l-lista tal-oġġetti jew is-servizzi ma tkunx l-istess għall-Istati Membri kollha, indikazzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi rispettivi għal kull Stat Membru;

(f) id-data tat-talba għal konverżjoni.

TITOLU XI

LINGWI

Artikolu 24

Preżentazzjoni tad-dokumenti ta' sostenn fil-proċedimenti bil-miktub

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan ir-Regolament jew fir-Regolament Delegat (UE) 2017/1430, id-dokumenti ta' sostenn li jridu jintużaw fil-proċedimenti bil-miktub quddiem l-Uffiċċju jistgħu jiġu ppreżentati bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Meta l-lingwa ta' dawn id-dokumenti ma tkunx il-lingwa tal-proċedimenti, kif iddeterminat skont l-Artikolu 119 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, l-Uffiċċju, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba motivata mill-parti l-oħra, jista' jitlob li jingħata traduzzjoni b'dik il-lingwa, f'perjodu ta' żmien speċifikat minnu.

Artikolu 25

Standard tat-traduzzjonijiet

1. Meta tkun trid tiġi ppreżentata traduzzjoni ta' dokument lill-Uffiċċju, it-traduzzjoni għandha tidentifika d-dokument li tkun qed tirreferi għalih u tirriproduċi l-istruttura u l-kontenut tad-dokument oriġinali. Meta parti tkun indikat li ċerti partijiet biss tad-dokument huma rilevanti, it-traduzzjoni tista' tkun limitata għal dawk il-partijiet.

2. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fir-Regolament (KE) Nru 207/2009, fir-Regolament Delegat (UE) 2017/1430 jew f'dan ir-Regolament, dokument li għalih trid tiġi ppreżentata traduzzjoni għandu jitqies li ma wasalx fl-Uffiċċju fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta t-traduzzjoni tasal għand l-Uffiċċju wara li jiskadi l-perjodu rilevanti għas-sottomissjoni tad-dokument oriġinali jew tat-traduzzjoni;

(b) meta ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament ma jiġix ippreżentat fil-perjodu ta' żmien speċifikat mill-Uffiċċju.

Artikolu 26

Awtenticità legali tat-traduzzjonijiet

Fin-nuqqas ta' provi jew indikazzjonijiet kuntrarji, l-Uffiċċju għandu jassumi li traduzzjoni tikkorrispondi mat-test oriġinali rilevanti. F'każ ta' dubju, l-Uffiċċju jista' jirrikjedi li jiġi ppreżentat, f'perjodu ta' żmien speċifiku, ċertifikat li jattesta li t-traduzzjoni tikkorrispondi mat-test oriġinali.

TITOLU XII

L-ORGANIZZAZZJONI TAL-UFFIĊĊJU

Artikolu 27

Deċiżjonijiet ta' Diviżjoni tal-Oppożizzjoni jew ta' Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li jittieħdu minn membru wieħed

Skont l-Artikolu 132(2) jew l-Artikolu 134(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, membru wieħed tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni jew tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni għandu jieħu dawn it-tipi ta' deċiżjonijiet li ġejjin:

(a) id-deċiżjonijiet dwar it-tqassim tal-ispejjeż;

(b) id-deċiżjonijiet biex jiġi ffissat l-ammont tal-ispejjeż li jridu jitħallsu skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 85(6) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(c) id-deċiżjonijiet biex ma jissoktawx il-proċedimenti jew id-deċiżjonijiet li jikkonfermaw li ma hemmx bżonn li wieħed jipproċedi għal deċiżjoni dwar il-merti;

(d) id-deċiżjonijiet biex tiġi rrifjutata oppożizzjoni bħala inammissibbli qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430;

(e) id-deċiżjonijiet biex jiġu sospiżi l-proċedimenti;

(f) id-deċiżjonijiet biex jingħaqdu jew jinfirdu għadd ta' oppożizzjonijiet skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430.

TITOLU XIII

IL-PROĊEDURI FIR-RIGWARD TAR-REĠISTRAZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-MARKI

Artikolu 28

Formola li trid tintuża biex tiġi ppreżentata applikazzjoni internazzjonali

Il-formola li saret disponibbli mill-Uffiċċju għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni internazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 147(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandha tinkludi l-elementi kollha tal-formola uffiċjali pprovduta mill-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali ("il-Bureau Internazzjonali"). L-applikanti jistgħu jużaw ukoll il-formola uffiċjali pprovduta mill-Bureau Internazzjonali.

Artikolu 29

Fatti u deċiżjonijiet dwar l-invalidità li jridu jiġu nnotifikati lill-Bureau Internazzjonali

1. L-Uffiċċju għandu jinnotifika lill-Bureau Internazzjonali f'perjodu ta' ħames snin mid-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-applikazzjoni tat-trademark tal-UE, li fuqha kienet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali tkun ġiet irtirata, titqies li trid tiġi rtirata jew ġiet irrifjutata b'deċiżjoni finali, fir-rigward tal-oġġetti jew tas-servizzi kollha jew ta' xi whud minnhom, elenkati fir-reġistrazzjoni internazzjonali;

(b) meta t-trademark tal-UE li fuqha kienet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali tkun waqfet milli jkollha effett għax tkun ġiet ċeduta, ma ġietx imġedda, ġiet revokata, jew ġiet iddikjarata invalida mill-Uffiċċju b'deċiżjoni finali jew, fuq il-bażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' ksur, minn qorti għat-trademarks tal-UE, fir-rigward tal-oġġetti jew tas-servizzi kollha jew ta' xi whud minnhom, elenkati fir-reġistrazzjoni internazzjonali, fir-rigward tal-oġġetti jew tas-servizzi kollha jew ta' xi whud minnhom, elenkati fir-reġistrazzjoni internazzjonali;

(c) meta l-applikazzjoni tat-trademark tal-UE jew it-trademark tal-UE li fuqha kienet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali, tkun inqasmet f'żewġ applikazzjonijiet jew reġistrazzjonijiet.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(b) l-isem tad-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(c) il-fatti u d-deċiżjonijiet li jaffetwaw l-applikazzjoni bażika jew ir-reġistrazzjoni bażika, kif ukoll id-data effettiva ta' dawk il-fatti u d-deċiżjonijiet;

(d) fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1(a) jew (b), it-talba biex tiġi kkanċellata r-reġistrazzjoni internazzjonali;

(e) meta l-att imsemmi fil-paragrafu 1(a) jew (b) jaffettwa l-applikazzjoni bażika jew ir-reġistrazzjoni bażika biss fir-rigward ta' whud mill-oġġetti jew mis-servizzi, dawk l-oġġetti jew is-servizzi, jew l-oġġetti jew is-servizzi li mhumiex affettwati;

(f) fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1(c), in-numru ta' kull applikazzjoni jew reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE kkonċernata.

3. L-Uffiċċju għandu jinnotifika lill-Bureau Internazzjonali f'perjodu ta' ħames snin mid-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta appell ikun pendenti fil-konfront ta' deċiżjoni tal-eżaminatur li jirrifjuta l-applikazzjoni tat-trademark tal-UE li fuqha kienet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(b) meta oppożizzjoni tkun pendenti fil-konfront tal-applikazzjoni għal trademark tal-UE li fuqha kienet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali;

(c) meta applikazzjoni għal revoka jew applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità tkun pendenti fil-konfront ta' trademark tal-UE li fuqha kienet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali;

(d) meta fir-Reġistru tat-Trademarks tal-UE jkun issemma li ġiet ippreżentata quddiem qorti għat-trademarks tal-UE kontrotalba għar-revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità fil-konfront tat-trademark tal-UE li fuqha kienet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali, iżda fir-Reġistru ma jkun għad issemma xejn rigward id-deċiżjoni tal-qorti għat-trademarks tal-UE dwar il-kontrotalba.

4. Ladarba jiġu konklużi l-proċedimenti msemmija fil-paragrafu 3 permezz ta' deċiżjoni finali jew entrata fir-reġistru, l-Uffiċċju għandu jinnotifika lill-Bureau Internazzjonali skont il-paragrafu 2.

5. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 3, it-trademark tal-UE li fuqha kienet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali għandha tinkludi r-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE li tirriżulta minn applikazzjoni għal trademark tal-UE li fuqha kienet ibbażata l-applikazzjoni internazzjonali.

Artikolu 30

Talba għal estensjoni territorjali sussegwenti għar-reġistrazzjoni internazzjonali

1. It-talba għal estensjoni territorjali ppreżentata fl-Uffiċċju skont l-Artikolu 149(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) din trid tiġi ppreżentata billi tintuża waħda mill-formoli msemmija fl-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament u tkun tinkludi l-indikazzjonijiet u l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-formola użata;

(b) trid tindika n-numru tar-reġistrazzjoni internazzjonali li għaliha tkun qed tirreferi;

(c) il-lista tal-oġġetti jew tas-servizzi tkun koperta mil-lista tal-oġġetti jew tas-servizzi li jkunu jinsabu fir-reġistrazzjoni internazzjonali;

(d) l-applikant ikun intitolat, abbażi tal-indikazzjonijiet magħmula fil-formola internazzjonali, li jifformula d-deżinjazzjoni sussegwentement għar-reġistrazzjoni internazzjonali permezz tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 2(1)(ii) u l-Artikolu 3 ter (2) tal-Protokoll ta' Madrid.

2. Meta t-talba għal estensjoni territorjali ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Uffiċċju għandu jistieden lill-applikant biex jirrimedja n-nuqqasijiet f'limitu ta' żmien speċifikat minnu.

Artikolu 31

Formola li trid tintuża għal talba għal estensjoni territorjali

Il-formola li saret disponibbli mill-Uffiċċju għal talba għall-estensjoni territorjali sussegwentement għar-reġistrazzjoni internazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 149(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, għandha tinkludi l-elementi kollha tal-formola uffiċjali pprovduta mill-Bureau Internazzjonali. L-applikanti jistgħu jużaw ukoll il-formola uffiċjali pprovduta mill-Bureau Internazzjonali.

Artikolu 32

Pretensjonijiet tal-anzjanità quddiem l-Uffiċċju

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34(6) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-pretensjoni ta' anzjanità skont l-Artikolu 153a(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(b) l-isem u l-indirizz tad-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-Regolament;

(c) indikazzjoni tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri li fihom jew għalihom ġiet irreġistrata t-trademark preċedenti;

(d) in-numru u d-data tal-preżentazzjoni tar-reġistrazzjoni rilevanti;

(e) indikazzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata t-trademark preċedenti u dawk li fir-rigward tagħhom saret pretensjoni ta' anzjanità;

(f) kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni rilevanti.

2. Meta d-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali jkun obbligat li jiġi rrappreżentat fil-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju skont l-Artikolu 92(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-pretensjoni ta' anzjanità għandha tinkludi l-ħatra ta' rappreżentant skont it-tifsira tal-Artikolu 93(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009.

3. Meta l-Uffiċċju jaċċetta l-pretensjoni ta' anzjanità, hu għandu jinforma b'dan lill-Bureau Internazzjonali billi jikkomunika dan li ġej:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni internazzjonali kkonċernata;

(b) l-isem tal-Istat Membru jew l-Istati Membri li fihom jew li għalihom ġiet irreġistrata t-trademark preċedenti;

(c) in-numru tar-reġistrazzjoni rilevanti;

(d) id-data minn meta saret effettiva r-reġistrazzjoni rilevanti.

Artikolu 33

Notifika tar-rifjuti provviżorji ex officio lill-Bureau Internazzjonali

1. In-notifika ta' rifjut provviżorju *ex officio* tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali sħiħa jew parzjali li trid tinħareġ lill-Bureau Internazzjonali skont l-Artikolu 154(2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 154(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(b) referenza għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 li huma rilevanti għar-rifjut provviżorju;

(c) indikazzjoni li r-rifjut provviżorju tal-protezzjoni se jiġi kkonfermat b'deċiżjoni tal-Uffiċċju jekk id-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali ma jeħlibx ir-raġunijiet għar-rifjut billi jissottometti l-osservazzjonijiet lill-Uffiċċju fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-Uffiċċju joħroġ ir-rifjut provviżorju;

(d) meta r-rifjut provviżorju jkollu x'jaqsam biss ma' parti mill-oġġetti jew mis-servizzi, indikazzjoni ta' dawn l-oġġetti jew is-servizzi.

2. Fir-rigward ta' kull notifika ta' rifjut provviżorju *ex officio* lill-Bureau Internazzjonali, u bil-kundizzjoni li jkun skada l-limitu ta' żmien biex tiġi ppreżentata l-oppożizzjoni u li ma tkun inħarġet l-ebda notifika ta' rifjut provviżorju bbażata fuq oppożizzjoni skont l-Artikolu 78(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430, l-Uffiċċju għandu jinforma lill-Bureau Internazzjonali b'dan li ġej:

(a) meta b'riżultat tal-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju jkun ġie rtirat ir-rifjut provviżorju, il-fatt li l-marka hija protetta fl-Unjoni;

(b) meta d-deċiżjoni li tiġi rrifjutata l-protezzjoni tal-marka ssir finali, jekk applikabbli, wara li jsir appell skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jew tittieħed azzjoni skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, il-fatt li l-protezzjoni tal-marka hija rrifjutata fl-Unjoni;

(c) meta r-rifjut skont il-punt (b) jikkonċerna biss parti mill-oġġetti jew is-servizzi, l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom il-marka hija protetta fl-Unjoni.

Artikolu 34

Notifika lill-Bureau Internazzjoni dwar l-invalidazzjoni tal-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali

In-notifika msemmija fl-Artikolu 158(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandu jkollha fuqha data u għandha tinkludi:

(a) l-indikazzjoni li l-invalidazzjoni ġiet iddikjarata mill-Uffiċċju, jew l-indikazzjoni tal-qorti għat-trademarks tal-UE li tkun iddikjarat l-invalidazzjoni;

(b) indikazzjoni dwar jekk l-invalidazzjoni ġietx iddikjarata fil-forma ta' revoka tad-drittijiet tad-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali, ta' dikjarazzjoni li t-trademark hija invalida minħabba raġunijiet assoluti, jew ta' dikjarazzjoni li t-trademark hija invalida minħabba raġunijiet relattivi;

(c) dikjarazzjoni li skontha l-invalidazzjoni ma għadhiex soġġetta għal appell;

(d) in-numru tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(e) l-isem tad-detentur tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(f) jekk l-invalidazzjoni ma tikkonċernax l-oġġetti jew is-servizzi kollha, indikazzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom ġiet iddikjarata l-invalidazzjoni jew dawk li għalihom ma ġietx iddikjarata l-invalidazzjoni;

(g) id-data meta tkun ġiet iddikjarata l-invalidazzjoni, flimkien ma' indikazzjoni tad-data minn meta l-invalidazzjoni ssir effettiva.

Artikolu 35

Talba għal konverżjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali f'applikazzjoni għal trademark nazzjonali jew f'nomina tal-Istati Membri

1. It-talba għal konverżjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja lill-Unjoni f'applikazzjoni għal trademark nazzjonali jew f'nomina tal-Istati Membri skont l-Artikoli 112 u 159 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha, minħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 159(4) sa (7) ta' dak ir-Regolament, tinkludi:

(a) in-numru ta' reġistrazzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali;

(b) id-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali jew id-data tad-deżinjazzjoni tal-Unjoni li saret sussegwentement għar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 3 ter (2) tal-Protokoll ta' Madrid u, fejn applikabbli, id-dettalji tal-pretensjoni ta' prijorità għar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 159(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, u d-dettalji tal-pretensjoni ta' anzjanità skont l-Artikoli 34, 35 jew 153 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009;

(c) l-indikazzjonijiet u l-elementi msemmija fl-Artikolu 113(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 u l-Artikolu 22(a), (c) u (d) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-pubblikazzjoni ta' talba għal konverżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi d-dettalji stabbiliti fl-Artikolu 23.

Artikolu 36

Trasformazzjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja l-Unjoni f'applikazzjoni ta' trademark tal-UE

L-applikazzjoni għal trasformazzjoni skont l-Artikolu 161(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 għandha tinkludi, flimkien mal-indikazzjonijiet u l-elementi msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, dan li ġej:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni internazzjonali li ġiet ikkanċellata;

(b) id-data li fiha r-reġistrazzjoni internazzjonali ġiet ikkanċellata mill-Bureau Internazzjonali;

(c) kif xieraq, id-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 3(4) tal-Protokoll ta' Madrid jew id-data tar-reġistrazzjoni tal-estensjoni territorjali għall-Unjoni li saret sussegwentement għar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 3ter(2) tal-Protokoll ta' Madrid;

(d) fejn applikabbli, id-data tal-prijorità li tagħha saret pretensjoni fl-applikazzjoni internazzjonali kif imdaħħla fir-Reġistru Internazzjonali miżmum mill-Bureau Internazzjonali.

TITOLU XIV

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 37

Miżuri tranżizzjonali

Minkejja l-Artikolu 80 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 għandhom ikomplu japplikaw għall-proċedimenti li għadhom għaddejjin f'każijiet fejn dan ir-Regolament ma japplikax b'konformità mal-Artikolu 38 tiegħu, sakemm jiġu konklużi tali proċedimenti.

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2017, soġġett għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) it-titolu II ma għandux japplika għall-applikazzjonijiet għal trademark tal-UE li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq, u għar-reġistrazzjonijiet internazzjonali li għalihom in-nomina tal-Unjoni tkun saret qabel dik id-data;

(b) l-Artikolu 9 ma għandux japplika għal trademarks tal-UE rreġistrati qabel id-data msemmija hawn fuq;

(c) l-Artikolu 10 ma għandux japplika għal talbiet għal tibdil li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(d) l-Artikolu 11 ma għandux japplika għal dikjarazzjonijiet ta' diviżjoni li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(e) l-Artikolu 12 ma għandux japplika għat-talbiet għal tibdil fl-isem jew fl-indirizz li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(f) it-titolu IV ma għandux japplika għall-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' trasferiment li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(g) it-titolu V ma għandux japplika għad-dikjarazzjonijiet ta' ċessjoni li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(h) it-titolu VI ma għandux japplika għall-applikazzjonijiet għal marki kollettivi tal-UE jew għal marki ta' ċertifikazzjoni tal-UE li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq, u għar-reġistrazzjonijiet internazzjonali li għalihom in-nomina tal-Unjoni tkun saret qabel dik id-data;

(i) it-titolu VII ma għandux japplika għall-ispejjeż li jkunu ntefqu fil-proċedimenti mibdija qabel id-data msemmija hawn fuq;

(j) it-titolu VIII ma għandux japplika għall-pubblikazzjonijiet jkunu saru qabel id-data msemmija hawn fuq;

(k) it-titolu IX ma għandux japplika għat-talbiet għall-informazzjoni jew għall-ispezzjoni li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(l) it-titolu X ma għandux japplika għat-talbiet għal konverżjoni li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(m) it-titolu XI ma għandux japplika għad-dokumenti ta' sostenn jew għat-traduzzjonijiet li jkunu daħlu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(n) it-titolu XII ma għandux japplika għad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu qabel id-data msemmija hawn fuq;

(o) it-titolu XIII ma għandux japplika għal applikazzjonijiet internazzjonali, għal notifiki tal-fatti u tad-deċiżjonijiet dwar l-invalidità tal-applikazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE li fuqha ġiet ibbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali, għal talbiet għal estensjoni territorjali, għal pretensjonijiet ta' anzjanità, għal notifiki ta' rifjut proviżorju *ex officio*, għal notifiki ta' invalidazzjoni tal-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali, għal talbiet għal konverżjoni għal reġistrazzjoni internazzjonali f'applikazzjoni għal trademark nazzjonali u għal applikazzjonijiet għat-trasformazzjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tinnomina lill-Unjoni f'applikazzjoni għal trademark tal-UE, li jkunu daħlu jew ikunu saru qabel id-data msemmija hawn fuq, skont xi jkun il-każ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-18 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1432

tas-7 ta' Awwissu 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fir-rigward tal-kriterji għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) flimkien mal-Artikolu 78(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu l-għan li jkun iffaċilitat it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi b'riskju baxx billi jiġu stabbiliti kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx u sabiex titħaffef il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal prodotti b'riskju baxx.

(2) Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tippromwovi ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara bi prijorità għall-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u metodi mhux kimiċi oħra li jkollhom l-inqas effetti sekondarji fuq is-saħħa tal-bniedem, l-organiżmi mhux fil-mira u l-ambjent. B'mod partikolari, l-Artikolu 12 tiegħu jipprevedi li l-ewwel għandu jiġi kkunsidrat l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx f'każ tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'ċerti żoni speċifiċi bħal dawk użati mill-pubbliku ġenerali.

(3) F'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-punt 5 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament japplika għall-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi b'riskju baxx li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

(4) Il-punt 5 tal-Anness II jirreferi għal għadd ta' kategoriji ta' periklu stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Għal raġunijiet ta' ċarezza u sabiex tiġi riflessa l-applikazzjoni kontemporanja ta' dak ir-Regolament, huwa xieraq li jiġu pprovduti iktar dettalji fir-rigward ta' dawn il-kategoriji ta' periklu.

(5) F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), is-sustanzi li huma ddefiniti bħala sustanzi prijoritarji fil-livell tal-Unjon u li huma mniżżla fl-Anness X ta' dik id-Direttiva huma dawk li jippreżentaw riskju sinifikanti għal jew permezz tal-ambjent akkwatiku. Għalhekk it-tali sustanzi prijoritarji elenkati m'għandhomx jitqiesu bħala sustanzi attivi b'riskju baxx.

(6) Il-kriterji li għandhom x'jaqsmu mal-persistenza u mal-bijokonċentrazzjoni, fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku u tekniku attwali, jistgħu jwaqqfu l-approvazzjoni bħala sustanzi b'riskju baxx, ta' ċerti sustanzi li jeżistu fin-natura li jippreżentaw riskju konsiderevolment iżgħar minn sustanzi attivi oħra, bħal ċerti materjali botaniċi jew minerali. Huwa għalhekk xieraq li jkun hemm spazju għall-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi bħala b'riskju baxx, f'każijiet fejn dawn huma konformi mal-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(7) Is-semjokimiċi, li huma sustanzi emessi minn pjanti, annimali u organiżmi oħra li huma użati għal komunikazzjoni *intra* u *inter*-speċi, għandhom mod ta' azzjoni b'mira speċifika, mhumiex tossiċi u jeżistu fin-natura. Dawn huma ġeneralment effettivi b'rati baxxi ħafna, ta' sikwit komparabbli ma' livelli li jseħħu b'mod naturali ([5]). Fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, huwa xieraq ukoll li jiġi previst li s-semjokimiċi jenħtieġ li jitqiesu bħala sustanzi b'riskju baxx.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).
([4]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).
([5]) OECD Report of the 5TH Biopesticides Steering Group Seminar on application techniques for microbial pest control products and semiochemicals: use scenarios and associated risks ENV/JM/MONO(2015)38.

(8) Is-sustanzi attivi fit-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jinkludu mikrorganiżmi li l-proprjetajiet tagħhom huma differenti minn dawk tas-sustanzi kimiċi. Huwa xieraq li l-kriterji tar-riskju baxx applikabbli għall-mikroorganiżmi jiġu previsti fuq il-bażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali.

(9) Il-mikroorganiżmi li għandhom jiġu inklużi mal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huma vvalutati fil-livell tar-razza f'konformità mar-rekwiżiti tad-dejta speċifiċi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013 ([1]). Konsegwentement, il-mikroorganiżmi jenħtieġ li jiġu identifikati u kkaratterizzati fil-livell tar-razza wkoll meta jiġu vvalutati għall-konformità mal-kriterji li jikkonċernaw is-sustanzi b'riskju baxx billi l-proprjetajiet tossikoloġiċi ta' razez differenti li jappartjenu għall-istess speċi ta' mikro-organiżmu jistgħu jvarjaw ħafna. Mikroorganiżmujista' jitqies bħala b'riskju baxx ħlief jekk fil-livell tar-razza ikun wera reżistenza multipla għal antimikrobjali użati fil-mediċina umana jew veterinarja.

(10) Jenħtieġ li jkun indikat b'mod ċar li *baculoviridae* li jospitaw familja speċifika ta' vajrus li jinfetta esklussivament l-artropodi u li jseħħu b'mod predominanti fl-insetti tal-ordni Lepidoptera għandhom jiġu kkunsidrati bħala sustanzi b'riskju baxx għaliex m'hemm l-ebda evidenza xjentifika li l-*baculoviridae* għandhom xi effett negattiv fuq l-annimali u l-bnedmin ([2]). Baculovirus għandu jkun ikkunsidrat ta' riskju baxx fil-livell tar-razza ħlief jekk dan ikun wera effetti ħżiena fuq insetti mhux fil-mira.

(11) Jenħtieġ għalhekk li l-Punt 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jiġi emendat skont dan.

(12) Il-kriterji emendati jirriflettu l-qagħda preżenti tal-għarfien xjentifiku u tekniku u jiċċaraw il-kriterji eżistenti fil-Punt 5. Jenħtieġ għalhekk li l-kriterji l-ġodda japplikaw kemm jista' jkun malajr, ħlief fejn il-Kumitat rilevanti jkun ivvota fuq l-abbozz tar-Regolament ippreżentat lilu mingħajr ma dak ir-Regolament ikun ġie adottat mill-Kummissjoni sat-28 ta' Awwissu 2017.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-Punt 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, kif emendati permezz tar-Regolament preżenti, għandhom japplikaw mit-28 ta' Awwissu 2017, ħlief għal proċeduri fejn il-Kumitat ivvota fuq l-abbozz tar-Regolament ippreżentat lilu mingħajr ma kien ġie adottat dak l-abbozz tar-Regolament sat-28 ta' Awwissu 2017.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013 tal-1 ta' Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-dejta għas-sustanzi attivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 93, 3.4.2013, p. 1).

([2]) EFSA BIOHAZ Panel (EFSA Panel on Biological Hazards), 2013. Scientific Opinion on the maintenance of the list of QPS biological agents intentionally added to food and feed (2013 update). EFSA Journal 2013;11(11):3449,107 pp. doi:10.2903/j.efsa.2013.3449.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Il-Punt 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Sustanzi attivi b'riskju baxx

5.1. Sustanzi attivi li mhumiex mikroorganiżmi

5.1.1. Sustanza attiva, li mhix mikroorganiżmu, m'għandhiex titqies bħala ta' riskju baxx fejn din tikkorrispondi għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) hija jew għandha tkun ikklassifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

— karċinoġenika tal-kategorija 1 A, 1B jew 2;

— mutaġenika tal-kategorija 1 A, 1B jew 2;

— tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 A, 1B jew 2;

— sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1

— ħsara serja għall-għajnejn tal-kategorija 1;

— sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1

— tossiċità akuta tal-kategorija 1, 2 jew 3;

— Tossikant ta' Organi Speċifiċi tal-kategorija 1 jew 2;

— tossika għall-ħajja akkwatika tal-kategorija 1 akuta u kronika fuq il-bażi ta' testijiet standard xierqa;

— splussiva;

— korrużiva għall-ġilda, tal-kategorija 1 A, 1B jew 1C.

(b) ġiet identifikata bħala sustanza ta' prijorità skont id-Direttiva 2000/60/KE;

(c) titqies li tfixkel is-sistema endokrina;

(d) ikollha effetti newrotossiċi jew immunotossiċi.

5.1.2. Sustanza attiva, li mhix mikroorganiżmu, m'għandhiex titqies bħala ta' riskju baxx fejn hija persistenti (in-nofs ħajja fil-ħamrija tkun ogħla minn 60 jum) jew il-fattur ta' bijokonċentrazzjoni tagħha jkun ogħla minn 100.

Madankollu, sustanza attiva li teżisti fin-natura li ma tikkorrispondix għal xi wieħed mill-punti (a) sa (d) tal-punt 5.1.1 tista' titqies bħala ta' riskju baxx, anki jekk hija persistenti (in-nofs ħajja fil-ħamrija tkun ogħla minn 60 jum) jew il-fattur ta' bijokonċentrazzjoni tagħha jkun ogħla minn 100.

5.1.3. Sustanza attiva, li mhix mikroorganiżmu, emessa u użata minn pjanti, annimali u organiżmi oħra għal komunikazzjoni, għandha tkun meqjusa bħala ta' riskju baxx fejn ma tikkorrispondix għal xi wieħed mill-punti (a) sa (d) tal-punt 5.1.1.

5.2. Mikroorganiżmi

5.2.1. Sustanza attiva li hija mikroorganiżmu tista' titqies bħala ta' riskju baxx ħlief jekk fil-livell tar-razza hija wriet reżistenza multipla għal antimikrobjali użati fil-mediċina umana jew veterinarja.

5.2.2. Il-*Baculoviridae* għandhom jitqiesu bħala ta' riskju baxx sakemm fil-livell tar-razza jkunu wrew effetti negattivi fuq insetti mhux fil-mira."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1433

tas-7 ta' Awwissu 2017

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Štajerski hmelj (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 52(3)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tas-Slovenja biex id-denominazzjoni "Štajerski hmelj" tiddaħħal fir-reġistru bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Id-denominazzjoni "Štajerski hmelj" tirreferi għal pjanta tal-ħops. Dan l-isem ifisser "ħops mir-reġjun ta' Steiermark". Ir-reġjun ta' Steiermark huwa reġjun storiku marbut mat-territorji tal-Awstrija u tal-Slovenja.

(3) Fis-26 ta' Awwissu 2016 il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' oppożizzjoni u dikjarazzjoni raġunata ta' oppożizzjoni mingħand l-Awstrija. Fit-12 ta' Settembru 2016 il-Kummissjoni għaddiet l-avviż ta' oppożizzjoni u d-dikjarazzjoni raġunata ta' oppożizzjoni li rċeviet mingħand l-Awstrija lis-Slovenja. Fl-20 ta' Ottubru 2016 il-Kummissjoni rċeviet dokumenti oħrajn li jikkompletaw id-dikjarazzjoni raġunata ta' oppożizzjoni.

(4) L-Awstrija kienet kontra li d-denominazzjoni "Štajerski hmelj" tiddaħħal fir-reġistru minħabba li dan kien se jhedded l-eżistenza tal-ħops Awstrijak mir-reġjun ta' Steiermark. Id-denominazzjoni "Steirischer Hopfen" ("ħops mir-reġjun ta' Steiermark") tintuża b'rabta mal-proċess tal-produzzjoni tal-birra, u d-denominazzjoni "Steirisches Bier aus steirischem Hopfen" ("birra mir-reġjun ta' Steiermark magħmula mill-ħops mir-reġjun ta' Steiermark") hija marka li l-kumpanija msejħa "Brau Union Österreich AG" ilha tiżviluppa għal għexieren ta' snin kemm fis-suq nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali. Għalhekk, jekk id-denominazzjoni "Štajerski hmelj" tiddaħħal fir-reġistru, dan se jagħmel ħsara kemm lill-interessi ekonomiċi tal-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Produtturi tal-Ħops kif ukoll lill-interessi ekonomiċi tal-birreriji Awstrijaċi.

(5) Il-Kummissjoni kkonkludiet li din l-oppożizzjoni kienet ammissibbli u allura, permezz ta' ittra tat-13 ta' Diċembru 2016, li magħha hemżet ukoll id-dokumenti addizzjonali li l-Awstrija kienet bagħtet biex tikkompleta d-dikjarazzjoni raġunata ta' oppożizzjoni, hija stiednet lis-Slovenja u lill-Awstrija jikkonsultaw lil xulxin, fuq perjodu ta' tliet xhur, biex ifittxu li jilħqu ftehim bejniethom skont il-proċeduri interni tagħhom.

(6) Il-Partijiet laħqu ftehim bejniethom dwar din il-kwistjoni u fis-6 ta' Marzu 2017 is-Slovenja bagħtet ir-riżultati ta' dan il-ftehim lill-Kummissjoni.

(7) Is-Slovenja u l-Awstrija kkonkludew li jenħtieġ li jkomplu jitħallew jintużaw fis-suq it-termini "Hopfen aus der Steiermark" ("ħops mir-reġjun ta' Steiermark") u "Hopfen aus der Südsteiermark" ("ħops min-naħa t'isfel tar-reġjun ta' Steiermark"), li jirreferu għal prodotti mkabbrin f'dawn iż-żewġ reġjuni tal-Awstrija, anke wara li d-denominazzjoni "Štajerski hmelj" tiddaħħal fir-reġistru bħala IĠP. Huma għarfu li t-termini "Hopfen aus der Steiermark" u "Hopfen aus der Südsteiermark" huma marbutin biċ-ċar mal-Awstrija u ma jirrappreżentaw l-ebda nuqqas ta' użu, imitazzjoni jew evokazzjoni tad-denominazzjoni "Štajerski hmelj" u aktarx mhux se jqarrqu bil-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

(8) Fi kwalunkwe każ, sabiex il-konsumaturi ma jitħawdux, is-Slovenja u l-Awstrija qablu li meta t-termini "Hopfen aus der Steiermark" u "Hopfen aus der Südsteiermark" jintużaw fis-suq, jenħtieġ li t-tikketta jew il-preżentazzjoni tal-prodott jirreferu b'mod ċar ukoll għall-oriġini Awstrijaka tal-prodott permezz ta' kliem speċifiku, simboli speċifiċi jew preżentazzjoni speċifika fl-istess kamp viżiv tal-isem. Jenħtieġ li l-produtturi Awstrijaċi ma jużawx elementi li jirreferu għas-Slovenja fuq il-pakketti tal-prodotti tagħhom. Meta l-prodotti msejħin "Hopfen aus der Steiermark" jew "Hopfen aus der Südsteiermark" jiġu esportati, isimhom jista' jiġi tradott biss bħala "ħops

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 194, 1.6.2016, p. 6.

Awstrijak". Meta l-isem "Štajerski hmelj" ikollu jinqaleb għall-Ġermaniż, jenħtieġ li l-kelma "Štajerski" tinżamm kif inhi fit-traduzzjoni u li f'din it-traduzzjoni ma ssir l-ebda referenza għar-reġjun ta' Steiermark jew ta' Südsteiermark.

(9) Il-Kummissjoni tinnota li l-ftehim jirrikonoxxi l-fatt li d-denominazzjoni "Štajerski hmelj" tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tiddaħħal fir-reġistru bħala IĠP u li dan il-ftehim jistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet leġittimi li għandhom l-għan li jiżguraw li d-drittijiet relatati jintużaw b'mod ġust.

(10) Fid-dawl ta' dan kollu, jenħtieġ li d-denominazzjoni "Štajerski hmelj" tiddaħħal fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Štajerski hmelj" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tirreferi għal prodott tal-Klassi 1.8. Prodotti oħrajn elenkati fl-Anness I għat-Trattat (ħwawar eċċ.), imsemmija fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([1]).

Artikolu 2

It-termini "Hopfen aus der Steiermark" u "Hopfen aus der Südsteiermark", li jirreferu għall-ħops imkabbar fir-reġjuni Awstrijaċi ta' Steiermark u ta' Südsteiermark, jistgħu jkomplu jintużaw fis-suq, dejjem jekk it-tikketta jew il-preżentazzjoni tal-prodott jirreferu b'mod ċar ukoll għall-oriġini Awstrijaka tal-prodott permezz ta' kliem speċifiku, simboli speċifiċi jew preżentazzjoni speċifika fl-istess kamp viżiv tal-isem. Il-produtturi Awstrijaċi ma għandhomx jużaw elementi li jirreferu għas-Slovenja fuq il-pakketti tal-prodotti tagħhom.

Artikolu 3

It-termini "Hopfen aus der Steiermark" u "Hopfen aus der Südsteiermark", li jintużaw biex jiġi kkummerċjalizzat il-ħops imkabbar fir-reġjuni Awstrijaċi ta' Steiermark u ta' Südsteiermark, jistgħu jiġu tradotti biss bħala "ħops Awstrijak". Meta l-isem "Štajerski hmelj" jinqaleb għall-Ġermaniż, il-kelma "Štajerski" għandha tinżamm kif inhi fit-traduzzjoni u f'din it-traduzzjoni ma għandha ssir l-ebda referenza għat-termini "Steiermark" u "Südsteiermark".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1434

tas-7 ta' Awwissu 2017

li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mit-8 ta' Awwissu 2017

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 ([2]) jipprevedi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 11 00, 1001 19 00, dak li kien il-kodiċi ex 1001 91 20 [il-qamħ komuni għaż-żrigħ], dak li kien il-kodiċi ex 1001 99 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ], 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni tagħhom, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni tas-CIF applikabbli għall-kunsinna kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jipprevedi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, kull tant żmien għandhom jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni tas-CIF għall-prodotti kkonċernati.

(3) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, il-prezz tal-importazzjoni li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni tas-CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu previst fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu li jibda fit-8 ta' Awwissu 2017, li jkunu applikabbli sa ma jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda.

(5) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mit-8 ta' Awwissu 2017, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).

ANNESS I

Id-dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 li japplikaw mit-8 ta' Awwissu 2017

Il-Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Dazju tal-importazzjoni [1] (EUR/t)
1001 11 00	QAMĦ durum għaż-żrigħ	0,00
1001 19 00	QAMĦ durum ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ	0,00
	ta' kwalità medja minbarra dak għaż-żrigħ	0,00
	ta' kwalità baxxa minbarra dak għaż-żrigħ	0,00
ex 1001 91 20	QAMĦ komuni għaż-żrigħ	0,00
ex 1001 99 00	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ	0,00
1002 10 00	SEGALA għaż-żrigħ	5,16
1002 90 00	SEGALA minbarra dik għaż-żrigħ	5,16
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra l-qamħirrum ibridu	5,16
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak għaż-żrigħ [2]	5,16
1007 10 90	SORGU tal-qamħ minbarra dak ibridu għaż-żrigħ	5,16
1007 90 00	SORGU tal-qamħ minbarra dak għaż-żrigħ	5,16

[1] Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fid-dazji ta':
— EUR 3 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fil-Baħar Mediterran (lil hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,
— EUR 2 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fid-Danimarka, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fir-Renju Unit jew mal-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku.

[2] L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 għal kull tunnellata jekk jitħarsu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

ANNESS II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji stabbiliti fl-anness I

1. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

(EUR/t)

	Qamħ komuni [1]	Qamħirrum
Il-Borża	ta' Minneapolis	ta' Chicago
Kwotazzjoni	241,54	123,83
Primjum fuq il-Golf	—	11,46
Primjum fuq l-Għadajjar il-Kbar	31,54	—

[1] Primjum pożittiv ta' 14-il euro għal kull tunnellata inkorporata (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

2. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam	16,58 EUR/t
Spejjeż għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam	39,83 EUR/t

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1435

tas-17 ta' Lulju 2017

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim"), ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) F'konformità mal-Artikolu 436(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jadotta rakkomandazzjonijiet, bil-għan li jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim.

(3) Sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-Ftehim, il-Partijiet qablu li jistabbilixxu Aġenda ta ' Assoċjazzjoni bil-għan li jipprovdu lista ta' prijoritajiet għall-ħidma konġunta tagħhom skont is-settur.

(4) Il-partijiet qablu dwar Aġenda ta' Assoċjazzjoni biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim. L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni ser tiġi adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-adozzjoni ta' Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-2017-2019 għandha tiġi adottata mill-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-2017-2019, għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

ABBOZZ

RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2017 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

ta'

dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) F'konformità mal-Artikolu 436(1) tal-Ftehim il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jadotta rakkomandazzjonijiet, bil-għan li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim.

(3) Skont l-Artikolu 453(1) tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-Ftehim.

(4) Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ippropona fażi ġdida ta' involviment mal-imsieħba, li tippermetti sens akbar ta' sjieda miż-żewġ naħat.

(5) L-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova qablu li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi qablu fuq sett ta' prijoritajiet għall-perijodu 2017-2019 bil-għan li jappoġġaw u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Moldova, filwaqt li jfittxu assoċjazzjoni politika aktar mill-qrib u integrazzjoni ekonomika aktar profonda.

(6) Il-Partijiet għall-Ftehim qablu fuq it-test tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, li ser tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'enfasi fuq il-kooperazzjoni fir-rigward tal-interessi kondiviżi identifikati b'mod komuni;

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet jimplimentaw l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova kif tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, kif tinsab fl-Anness, għandha tissostitwixxi l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova li ġiet adottata fis-26 ta' Ġunju 2014.

Artikolu 3

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, [jum xahar 2017].

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-President

[1] ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1436

tal-1 ta' Diċembru 2015

dwar l-għajnuna mill-istat għall-Konverżjoni għall-Bijomassa tal-Impjant tal-Enerġija ta' Lynemouth SA.38762 (2015/C) li r-Renju Unit qed jippjana li jimplimenta

(notifikata bid-dokument C(2015) 8441)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom ([1]) skont id-dispożizzjoni(jiet) imsemmija aktar 'il fuq u wara li kkunsidrat dawn il-kummenti,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Wara kuntatti ta' qabel in-notifika, fis-17 ta' Diċembru 2014 ir-Renju Unit innotifika, skont l-Artikolu 108(3) TFUE, l-appoġġ għall-Proġett ta' Konverżjoni għall-Bijomassa tal-Impjant tal-Enerġija ta' Lynemouth. Fil-5 ta' Frar 2015, ir-Renju Unit ipprovda aktar evidenza lill-Kummissjoni.

(2) Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni infurmat lir-Renju Unit li hija kienet iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat rigward din l-għajnuna (id-"Deċiżjoni tal-Ftuħ").

(3) Ir-Renju Unit ipprovda l-kummenti tiegħu fit-23 ta' Marzu 2015.

(4) Fl-10 ta' April 2015, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ara n-nota 1 ta' qiegħ il-paġna). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet mingħand 30 parti interessata. Hija bagħtithom lir-Renju Unit fl-20 ta' Mejju 2015, li ngħata l-opportunità li jwieġeb. Ir-Renju Unit wieġeb għal dawn il-kummenti fit-12 ta' Ġunju 2015.

(6) Fit-23 ta' Lulju 2015 il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni, li fid-29 ta' Lulju 2015 ir-Renju Unit tahielha. Fis-7 ta' Ottubru 2015 ir-Renju Unit bagħat aktar informazzjoni.

2. DESKRIZZJONI DDETTALJATA TAL-MIŻURA

2.1. Il-proġett tal-konverżjoni għall-bijomassa ta' Lynemouth u l-benefiċjarju

(7) Ir-Renju Unit għażel tmien proġetti rinnovabbli taħt il-proċess tad-Deċiżjoni Finali dwar l-Investiment għall-Abilitazzjoni tal-Enerġija Rinnovabbli (Final Investment Decision Enabling for Renewables — FIDeR) ([2]). L-appoġġ lil dawn il-proġetti magħżula se jingħata abbażi ta' Kuntratti ta' Investiment. Il-proġett innotifikat huwa parti minn tmien proġetti magħżula permezz tal-FIDeR.

([1]) ĠU C 116, 10.4.2015, p. 52.

([2]) Il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar sitta minn dawn it-tmien proġetti. Fit-23 ta' Lulju 2014 ġiet adottata deċiżjoni dwar li ma nstabet l-ebda oġġezzjoni għal ħames proġetti eoliċi fuq il-baħar (il-Każijiet SA.38758, SA.38759, SA.38761, SA.38763 u SA.38812 (ĠU C 393, 7.11.2014, p. 7) u fit-22 ta' Jannar 2015 ġiet adottata deċiżjoni dwar li ma nstabet l-ebda oġġezzjoni għall-proġett tal-bijomassa CHP ta' Teesside (SA. 38796), deċiżjoni li għadha ma ġietx ippubblikata).

(8) Il-miżura tal-għajnuna nnotifikata tikkonċerna għajnuna għall-konverżjoni tal-impjant tal-enerġija ta' Lynemouth li jaħdem bil-faħam sabiex jopera għal kollox bil-bijomassa. L-impjant tal-enerġija jinsab f'Northumberland fuq il-kosta tal-Grigal tal-Ingilterra. L-impjant tal-enerġija huwa proprjetà ta' u mħaddem minn Lynemouth Power Limited, sussidjarja ppossedut a kollha minn RWE Supply & Trading GmbH.

(9) Lynemouth hija impjant tal-enerġija ta' 420 MW li jaħdem bil-faħam li beda jopera fuq livell kummerċjali fl-1972. Skont il-proposta attwali, l-impjant tal-enerġija se jkun immodifikat sabiex jopera għal kollox bil-bijomassa. Minħabba l-karatteristiċi tal-proċess ta' kombustjoni, l-impjant se jkun kapaċi jaħraq biss pelits tal-injam ta' kwalità industrijali. L-impjant se jipprovdi l-elettriku lill-Grilja tal-Enerġija tat-Tramuntana li tforni l-elettriku lill-Grigal tal-Ingilterra. Ir-Renju Unit jistma li l-proġett se jiġġenera 0,7 % tal-konsum tal-elettriku finali futur tar-Renju Unit.

(10) Skont l-istimi tar-Renju Unit, il-proġett se jiffranka madwar 17,7 miljun tunnellata ta' CO_2 matul iċ-ċiklu ta' ħajja tiegħu ta' 12-il sena u se jipprovdi madwar 2,3 TWh ta' elettriku kull sena. L-impjant se jopera b'tagħbija bażi, u b'hekk jipprovdi elettriku b'karbonju baxx li jista' jiġi skedat.

(11) Skont l-awtoritajiet tar-Renju Unit, l-impjant huwa ddisinjat sabiex jopera b'enerġija elettrika nominali ta' 420 MW b'fattur medju ta' tagħbija ta' 77 % ([3]). L-impjant se juża madwar 1,44–1,56 miljun tunnellata mnixxfa ta' pelits tal-injam fis-sena, li l-parti l-kbira tagħhom tiġi importata mix-Xlokk tal-Istati Uniti ([60 %–80 %] tal-fjuwil kollu meħtieġ). Madwar [5 %–20 %] tal-fjuwil se jinxtara mill-Ewropa u l-bqija mill-Kanada. Il-konverżjoni tal-impjant mhix se tkun imfassla biex tikkonforma mar-regolamenti tal-inċinerazzjoni tal-iskart, u għaldaqstant l-impjant mhux se jkun jista' jaħraq l-iskart tal-injam.

(12) It-tabella turi l-parametri operattivi mistennija tal-impjant ta' Lynemouth. Skont l-awtoritajiet tar-Renju Unit, il-fattur tat-tagħbija huwa l-prodott tal-ammont ta' żmien li fih l-impjant huwa teknikament disponibbli sabiex jiġġenera l-elettriku (bit-tnaqqis, pereżempju, taż-żmien meħtieġ għall-manutenzjoni u t-tiswijiet) u ż-żmien li l-impjant huwa effettivament skedat li jiġġenera (bit-tnaqqis, pereżempju, taż-żmien li fih l-Operatur tan-Netwerk tad-Distribuzzjoni jillimita l-impjant minħabba konġestjoni fin-netwerk; xi drabi dan jissejjaħ il-fattur tat-tagħbija gross). Il-fattur tat-tagħbija netta muri fit-tabella jinkiseb bil-multiplikazzjoni ta' disponibbiltà teknika medja ta' 80,77 % u fattur ta' tagħbija gross ta' 95,51 %.

Il-parametri operattivi ta' Lynemouth

Kost tal-fjuwil (GBP/GJ)	Effiċjenza termali (%)	Fattur medju tat-tagħbija netta (%)
7,17	36,9	77

2.2. **Bażi legali nazzjonali, finanzjament u baġit**

(13) Il-bażi ġuridika nazzjonali hija l-Att dwar l-Enerġija tal-2013.

(14) Il-baġit totali għal dan il-proġett huwa stmat għal GBP 0,8 biljun. Ir-Renju Unit ikkonferma li mhi ser titħallas ebda għajnuna lill-benefiċjarju qabel id-data ta' kummissjonar.

(15) L-għajnuna se titħallas minn kontroparti tal-gvern iffinanzjata permezz ta' taxxa statutorja imposta fuq kull fornitur tal-elettriku liċenzjat, abbażi tas-sehem mis-suq tal-fornituri, definit skont l-użu tal-elettriku mkejjel. Il-fornituri se jkollhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom mir-riżorsi proprji iżda se jkunu liberi li jgħaddu l-ispejjeż fuq il-konsumaturi bħala parti mill-istrateġiji ġenerali ta' pprezzar tagħhom.

([3]) Il-fattur tat-tagħbija kien stmat għal 75,3 % fin-notifika oriġinali u sussegwentement ġie aġġornat mir-Renju Unit.

2.3. **Il-forma tal-għajnuna, it-tul ta' żmien u l-ispejjeż ta' produzzjoni**

(16) L-għajnuna lill-proġett se tingħata fil-forma ta' primjum varjabbli (l-hekk imsejjaħ Kuntratt għal Differenza (Contract for Difference — CfD) ikkalkulat bħala l-ħlas tad-differenza bejn prezz iffissat minn qabel (il-prezz tal-eżerċitar) u kejl tal-prezz tas-suq għall-elettriku (il-prezz ta' referenza). Il-prezz ta' referenza huwa prezz ibbażat fuq prezzijiet forward tas-suq tal-elettriku bl-ingrossa f'perjodu speċifiku. Il-benefiċjarju se jaqla' l-flus mill-bejgħ tal-elettriku tiegħu lis-suq, iżda meta l-prezz bl-ingrossa medju tal-elettriku jkun taħt il-prezz tal-eżerċitar, il-benefiċjarju se jirċievi ħlas supplimentari minn kontroparti li hi ta' proprjetà tal-Gvern tar-Renju Unit (Low Carbon Contracts Company Ltd — il-"Kontroparti CfD") biex jagħmel tajjeb għad-differenza. Il-benefiċjarju madankollu se jieħu r-riskji li ma jiksibx il-prezz ta' referenza, u r-riskju ta' volum li ma jiksibx il-volum ta' bejgħ imbassar ([4]).

(17) Għaldaqstant l-appoġġ lill-proġett tal-bijomassa huwa ddeterminat fuq il-bażi ta' prezz tal-eżerċitar stabbilit b'mod amministrattiv. Il-prezzijiet tal-eżerċitar kienu stabbiliti f'tali livelli li l-appoġġ permezz tal-FIDeR huwa ġeneralment ekwivalenti għal dak ipprovdut taħt l-iskema attwali tal-Obbligu tal-Enerġija Rinnovabbli ([5]), sabiex tittaffa t-tranżizzjoni bejn l-iskemi ta' appoġġ.

(18) Biex ikkalkula l-prezz tal-eżerċitar għall-impjanti apposta għall-konverżjoni għall-bijomassa (applikabbli għall-impjant ta' Lynemouth), ir-Renju Unit ikkunsidra b'mod partikolari l-firxiet ta' kostijiet livellati tal-elettriku fil-medda ta' GBP 105/MWh sa GBP 115/MWh. Ir-Renju Unit spjega kif il-livell tal-prezz tal-eżerċitar għall-proġetti ta' konverżjoni tal-bijomassa ġie kkalkulat billi tqieset firxa ta' rati hurdle ([6]) ta' 8,8–12,7 %.

(19) Il-prezz tal-eżerċitar applikabbli għal dan il-proġett huwa ta' GBP 105/MWh (Prezzijiet tal-2012 — indiċizzati kull sena mal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur). L-istess ammont għal kull MWh ikun il-prezz tal-eżerċitar massimu offrut lill-impjanti ta' konverżjoni għall-bijomassa taħt l-Iskema CfD. Il-kostijiet livellati jinkludi l-kostijiet ta' finanzjament ta' impjanti ġodda tal-enerġija bbażati fuq rata ta' skont ta' 10 % għat-teknoloġiji kollha. Ir-Renju Unit ippreżenta d-dettalji ta' kif ġew ikkalkulati dawn il-kostijiet, is-sorsi tad-dejta użata u r-rati hurdle kkunsidrati ([7]).

(20) Is-suppożizzjonijiet ewlenin użati għall-kalkolu tal-prezzijiet tal-eżerċitar, inkluż għall-kostijiet livellati, tal-prezzijiet tal-fjuwils fossili, ir-rati ta' taxxa effettiva u s-suppożizzjonijiet ta' żvilupp massimu huma elenkati fir-rapport tal-kost livellat tal-Gvern tar-Renju Unit ([8]) u fir-rapporti mid-Dipartiment tal-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima ([9]). Għal dan l-għan, il-prezz fil-livell ta' operatur tal-elettriku huwa stmat li huwa ta' madwar GBP 55/MWh f'termini reali li għandu jiżdied għal GBP 65/MWh fl-2020.

(21) Skont dan il-prezz tal-eżerċitar, ir-Rata ta' Redditu Interna (IRR) għall-proġett kienet stmata għal 9,7 % fuq bażi reali ta' qabel it-taxxa. Il-kuntratt ta' investiment propost se jintemm fil-31 ta' Marzu 2027 irrispettivament mid-data tal-bidu tiegħu.

2.4. **Kumulazzjoni**

(22) Ir-Renju Unit iċċara li l-proġetti li ngħataw Kuntratti ta' Investiment mhumiex se jkunu jistgħu jirċievu CfD għall-istess ġenerazzjoni tal-elettriku taħt l-iskema tal-għajnuna l-ġdida. Barra minn hekk, l-ebda proġett li jirċievi pagamenti taħt il-Kuntratti ta' Investiment mhu se jkun jista' jirċievi Ċertifikati ta' Obbligu għall-Enerġija Rinnovabbli għall-istess ġenerazzjoni tal-elettriku. Fl-aħħar nett, il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li tingħata għajnuna permezz ta' Kuntratt ta' Investiment mhix se tkun tista' tipparteċipa fis-Suq tal-Kapaċità jew tirċievi għajnuna ta' investiment waqt it-terminu tal-Kuntratt ta' Investiment.

([4]) Għal aktar dettalji dwar il-mekkaniżmu ta' remunerazzjoni tas-CfD, ara l-premessa minn 17 sa 31 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-Każ SA.36196 Riforma tas-Suq tal-Elettriku — Kuntratt għad-Differenza tal-Enerġija Rinnovabbli (C(2014) 5079 final).

([5]) L-iskema kienet approvata oriġinarjament mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fit-28 ta' Frar 2001 fil-Każ N504/2000 u mbagħad ġiet emendata diversi drabi. Fil-forma attwali tagħha, l-iskema kienet approvata mill-Kummissjoni fit-2 ta' April 2013 fil-Każ SA.35565 (ĠU C 167, 13.6.2013, p. 5). Ċerti elementi speċifiċi mbagħad ġew approvati għall-Irlanda ta' Fuq (il-Każ SA.36084) u għall-Iskozja (Każ SA.37453).

([6]) Ir-rata hurdle hija definita bħala r-rata ta' redditu minima meħtieġa biex jitwettaq proġett ta' dan it-tip.

([7]) Dawn l-elementi kollha ġew ippubblikati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit fid-dokument "Electricity Generation Costs" (L-ispejjeż tal-Ġenerazzjoni tal-Elettriku), disponibbli fuq https://www.gov.uk/government/publications/electricity-generation-costs.

([8]) "Electricity Generation Costs December 2013" DECC (2013), disponibbli fuq https://www.gov.uk/government/publications/electricity-generation-costs

([9]) Disponibbli fuq https://www.gov.uk/government/publications/electricity-market-reform-delivery-plan

(23) Abbażi tal-prinċipji deskritti fil-premessa 22, ir-Renju Unit ikkonferma li la l-ġeneratur u l-ebda wieħed mill-partijiet interessati diretti jew indiretti tiegħu ma rċevew, ingħataw jew applikaw għal xi għajnuna oħra mingħand ir-Renju Unit jew mingħand xi Stat Membru ieħor.

2.5. **L-użu u d-disponibbiltà tal-bijomassa**

(24) Kif spjegat fil-premessa 9 aktar 'il fuq, il-proġett ta' Lynemouth se jkun jista' jaħraq biss pelits tal-injam. Il-pelits tal-injam użati fl-impjant ta' Lynemouth se jkollhom jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà tar-Renju Unit inkluż minimu ta' tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' 60 % meta mqabbel mal-intensità medja tal-grilja tal-fossili fl-Unjoni (jiġifieri, imqabbel mal-medja tal-faħam u l-gass fl-Unjoni, mkejla bil-metodu stabbilit fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli). Dawn il-miri se jissaħħu sa minimu ta' tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' 72 % minn April 2020, u mbagħad sa minimu ta' tnaqqis ta' 75 % minn April 2025. Il-kriterji ta' sostenibbiltà tar-Renju Unit jinkludu wkoll dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-bijodiversità u biex jiġu evitati prattiki insostenibbli ([10]).

(25) Il-kummerċ globali tal-laqx tal-injam kien stmat fl-2011 għal 22 miljun tunnellata fis-sena. Id-domanda fl-Unjoni hija ogħla mill-produzzjoni li tfisser li l-pelits tal-injam jiġu importati fl-Unjoni. L-importazzjonijiet netti tal-pelits tal-injam fl-UE fl-istess sena kienu stmati għal 3,2 miljun tunnellata fis-sena u żdiedu għal madwar 4 miljun tunnellata fis-sena fl-2012.

(26) Il-konsum globali tal-pelits tal-injam kien stmat għal 22,4 sa 24,5 miljun tunnellata ([11]) fl-2012, li madwar 15,1-il miljun tunnellata kienu kkunsmati fl-Unjoni. L-Istati Membri li l-aktar jikkunsmaw pelits tal-injam fl-impjanti tal-enerġija huma r-Renju Unit (1,3 miljun tunnellata fl-2013) ([12]), il-Belġju (1,3 miljun tunnellata), in-Netherlands (1,2 miljun tunnellata), id-Danimarka (1 miljun tunnellata) u l-Isvezja (1 miljun tunnellata).

2.6. **Trasparenza**

(27) Fir-rigward tar-rapportar u t-trasparenza, ir-Renju Unit indika li kull Kuntratt ta' Investiment mogħti permezz tal-proċess FIDeR ġie ppubblikat online fil-forma li fiha ġie ffirmat ([13]).

2.7. **Id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-investigazzjoni formali**

(28) Fid-19 ta' Frar 2015 il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali rigward il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tal-proporzjonalità tal-għajnuna u r-riskju ta' distorsjoni tas-suq.

(29) B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma setgħetx teskludi r-riskju ta' kumpens żejjed. Il-Kummissjoni nnutat li l-IRR kienet affettwata b'mod konsiderevoli mis-suppożizzjonijiet inizjali użati fil-kalkoli finanzjarji u li l-valuri tal-parametri operattivi stmati inizjalment mir-Renju Unit ma kinux għal kollox konsistenti mal-informazzjoni dispponibbli tas-suq.

(30) Il-Kummissjoni għamlet kalkolu ta' sensittività sabiex tevalwa l-impatt tal-bidliet fl-effiċjenza termali medja tal-impjant, il-fattur tat-tagħbija u l-kost tal-fjuwil fuq l-IRR. Skont dawn il-kalkoli, kieku l-effiċjenza termali u l-fattur tat-tagħbija kellhom jiżdiedu b'5 % u l-kostijiet tal-fjuwil jonqsu b'5 %, l-IRR (fuq bażi reali qabel it-taxxa) kienet tiżdied minn 9,7 % għal 23,1 %. Varjazzjoni simili ta' 10 % tat-tliet parametri kienet iżżid l-IRR għal 31,7 %. Il-Kummissjoni kkunsidrat għalhekk li inċertezzi fis-suppożizzjonijiet użati fil-kalkolu tal-kost jistgħu jirriżultaw f'kumpens żejjed.

(31) Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet tħassib li l-ammont ta' materja prima meħtieġ biex Lynemouth titħaddem għal kollox fuq il-bijomassa huwa sostanzjali meta mqabbel kemm mal-Unjoni Ewropea kif ukoll mas-suq globali. Fuq il-bażi tad-dejta tal-2012, l-impjant tal-enerġija ta' Lynemouth jammonta għal madwar 7,4 % tal-konsum dinji tal-pelits tal-injam, 11,2 % tal-konsum Ewropew u 88,2 % tal-konsum tar-Renju Unit b'żidiet fl-importazzjoni.

([10]) Għal iktar informazzjoni, ara: www.gov.uk/government/consultations/ensuring-biomass-affordability-and-value-for-money-under-the-renewables-obligation
([11]) AEBIOM European Bioenergy Outlook 2013.
([12]) AEBIOM European Bioenergy Outlook 2013.
([13]) Disponibbli fis-sit web https://www.gov.uk/government/publications/final-investment-decision-fid-enabling-for-renewables-investment-contracts

(32) Il-Kummissjoni esprimiet dubji kemm tali żieda fid-domanda fi żmien qasir tista' tkun issodisfata mis-suq tal-pelits tal-injam mingħajr distorsjonijiet sinifikanti fis-suq. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-bijomassa tal-injam tintuża bħala materja prima f'għadd ta' industriji (bħall-manifattura tal-polpa u tal-karta jew tal-kartunċin) u ma setgħetx teskludi distorsjonijiet fis-suq.

3. **KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI**

(33) Il-Kummissjoni rċeviet 30 kumment mingħand partijiet ikkonċernati. Il-kummenti mingħand l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ ([14]) u l-Membri tal-Parlament tar-Renju Unit enfasizzaw l-importanza ekonomika u soċjali tal-proġett. Lynemouth Power LTD u l-Grupp Spencer ukoll ippreżentaw ittri ta' appoġġ mingħand diversi partijiet interessati.

(34) Erba' organizzazzjonijiet mhux governattivi saħqu wkoll fuq ir-riskji ambjentali tal-proġett ([15]). B'mod partikolari, is-sottomissjonijiet iddubitaw l-iffrankar ta' CO_2 miksub bl-iġġenerar tal-elettriku minn bijomassa importata u esprimew thassib dwar il-possibbiltà ta' impatti negattivi ta' tniġġis tal-arja u fuq il-bijodiversità.

(35) Sitt organizzazzjonijiet ressqu argument favur l-opinjoni li l-proġett ta' Lynemouth jista' joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq tal-materja prima għall-fibra tal-injam. Is-sottomissjonijiet li daħlu kienu jkopru: l-effett ta' użu akbar ta' bijomassa għall-enerġija fuq is-suq globali tal-fibra tal-injam (UK Wood Panel Industries Federation, WPF) u fuq il-prezz Ewropew għall-materja prima (European Panel Federation, EPF); l-effetti fuq is-suq tal-injam artab fix-Xlokk tal-Istati Uniti (l-American Forest & Paper Association, Steptoe & Johnson f'isem parti kkonċernata mix-Xlokk tal-Istati Uniti u utent tal-injam artab ibbażat fl-Istati Uniti) u l-effetti fis-suq għar-residwi tal-injam fl-Amerka ta' Fuq (Mulch & Soil Council).

(36) Utent tal-injam artab ibbażat fl-Istati Uniti u Steptoe & Johnson isostnu li, għalkemm is-siti ta' manifattura kkonċernati jinsabu fl-Istati Uniti, materja nofsha lesta tiġi esportata lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, il-possibbiltà ta' distorsjoni fis-suq tista' taffettwa lill-operazzjonijiet fl-Unjoni. Il-kontribuzzjonijiet ippreżentati mid-WPF u mill-EPF jargumentaw li l-proġett ta' konverżjoni ta' Lynemouth jista' joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq għall-fibra tal-injam tar-Renju Unit u tal-Unjoni Ewropea. Biex tissostanzja d-dikjarazzjoni tagħha, id-WPF ipprovdiet dejta bbażata fuq stħarriġ li turi żieda fil-prezzijiet għaċ-ċana, għal-laqx tal-injam u għall-injam tond fis-suq tar-Renju Unit. Id-dejta (graff) turi żieda fil-prezzijiet ta' madwar 80 % (dejta mhux aġġustata għall-inflazzjoni). L-EPF issottomettiet graff dwar il-prezzijiet tal-injam tond, taċ-ċana u tal-laqx tal-injam fl-Ewropa meħuda minn studju tal-konsulent Ecofys ([16]). Id-dejta turi żieda ta' madwar 40 % mill-2009. Madankollu, id-dejta turi li ż-żieda fil-prezzijiet hija limitata għal ċerti pajjiżi (l-Awstrija, Franza, l-Italja, l-Isvezja, ir-Renju Unit) filwaqt li l-prezzijiet baqgħu relattivament l-istess f'oħrajn (il-Belġju, il-Litwanja, is-Slovakkja, Spanja).


(37) Is-sottomissjonijiet ta' utent tal-injam artab ibbażat fl-Istati Uniti, l-American Forest & Paper Association ("AFPA") u Steptoe & Johnson jargumentaw li, peress li l-parti l-kbira tal-pelits tal-injam se jkunu importanti mix-Xlokk tal-Istati Uniti, il-miżura proposta tista' toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq tal-Istati Uniti.

(38) Utent tal-injam artab ibbażat fl-Istati Uniti u l-AFPA ssottomettew li l-produzzjoni totali tal-injam fix-Xlokk tal-Istati Uniti fl-2011 kienet tammonta għal 230 miljun Tunnellati b'Kontenut ta' Ndewwa ("TKN", ekwivalenti għal 107 tunnellati mnixxfa, peress li minħabba l-kontenut ta' ndewwa, ikun hemm bżonn ta' 2,15 TKN għal kull tunnellata mnixxfa ([17])). Minn dan it-total madwar 115-il miljun TKN kienu injam artab. L-Illustrazzjoni 1 turi l-ħsad totali fix-Xlokk tal-Istati Uniti għal kull tip ta' prodott ([18]).

([14]) North East Local Enterprise Partnership; North East Chamber of Commerce; UK Trade & Investment.
([15]) Friends of the Earth; Natural Resources Defense Council; Fern u Biofuel watch.
([16]) Ecofys (2014), Valutazzjoni dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-European Panel Federation — L-industrija tal-pannelli tal-injam u l-kriterji għal-lista tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-2015-2019.
([17]) Għal raġunijiet ta' konsistenza d-dejta kollha rigward is-suq tal-injam artab u s-suq tax-Xlokk tal-Istati Uniti hija ppreżentata f'Tunnellati b'Kontenut ta' Ndewwa. Il-fattur ta' konverżjoni ta' 2,15 TKN għal kull tunnellata mnixxfa jintuża b'mod konsistenti.
([18]) Karen Lee Abt, Robert C. Abt, Christopher S. Galik, u Kenneth E. Skogn. 2014. "Effect of Policies on Pellet Production and Forests in the U.S. South" (L-Effett tal-Politiki fuq il-Produzzjoni tal-Pelits u l-Foresti fix-Xlokk tal-Istati Uniti). Dan huwa disponibbli mis-sit web li ġej: http://www.srs.fs.usda.gov/pubs/47281. Dan ir-rapport ġie ppreżentat fil-kuntest tal-fażi inizjali tal-investigazzjoni minn diversi partijiet.

Illustrazzjoni 1

L-assorbiment tal-produzzjoni tal-injam (Timber Product Output — TPO) għax-Xlokk tal-Istati Uniti għall-1995–2011 (Abt et al., 2014)



(39) Id-dejta ppreżentata fir-rapport turi żieda fil-produzzjoni tal-pelits mix-Xlokk tal-Istati Uniti f'dawn l-aħħar snin u żieda fl-esportazzjonijiet tal-pelits mix-Xlokk tal-Istati Uniti fl-istess perjodu. Skont l-istess rapport, il-kapaċità ta' produzzjoni tal-pelits tal-injam fix-Xlokk tal-Istati Uniti żdiedet minn żewġ miljun TKN fl-2010 għal sitt miljun TKN fl-2011. Kważi din il-kapaċità l-ġdida kollha ġiet żviluppata sabiex jiġu prodotti pelits għall-esportazzjoni lejn l-Istati Membri tal-UE.

(40) Skont dejta sottomessa minn Steptoe & Johnson, il-prezz tal-injam abjad tal-arżnu fix-Xlokk tal-Istati Uniti żdied b'25 % bejn l-2011 u l-2014 u l-prezz tal-polpa tal-injam mill-iebes żdied b'60 %. Skont l-AFPA, il-prezzijiet tal-injam artab tal-arżnu mhux maqtugħ fix-Xlokk tal-Istati Uniti żdied bi 11 % fl-2013 u b'10 % fl-2014. Dawn il-partijiet iddikjaraw li ż-żieda hija kkawżata minn żieda fil-produzzjoni tal-pelits tal-injam. L-utent tal-injam artab imsemmi fil-punt 36 aktar 'il fuq ma jipprovdix dejta dwar il-kost, iżda jagħmel dikjarazzjonijiet simili dwar ir-riskju ta' żieda fil-prezz tal-materja prima minħabba użu ssussidjat ta' pelits tal-injam.

(41) Skont dejta sottomessa minn Steptoe & Johnson, il-prezz tal-injam abjad tal-arżnu fix-Xlokk tal-Istati Uniti żdied b'25 % bejn l-2011 u l-2014 u l-prezz tal-polpa tal-injam mill-iebes żdied b'60 %. Il-partijiet imsemmija ddikjaraw li ż-żieda hija kkawżata minn żieda fil-produzzjoni tal-pelits tal-injam.

(42) B'appoġġ għal din id-dikjarazzjoni, utent tal-injam artab ibbażat fl-Istati Uniti u l-AFPA ppreżentaw studju teoretiku li janalizza l-impatt ekonomiku ta' żieda kbira fil-produzzjoni tal-pelits fuq is-suq tal-fibra tal-injam fix-Xlokk tal-Istati Uniti ([19]). Dan l-istudju jagħti mudelli ta' xenarji b'penetrazzjoni għolja ta' bijomassa. L-awturi stmaw id-domanda futura tal-pelits tal-injam billi kkunsidraw penetrazzjoni għolja ta' bijoenerġija (inklużi xejriet ta' politika interna u internazzjonali u t-tbassir fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli tal-UE). Il-mudell jassumi li sal-2020 daqs 44 miljun TKN ta' pelits u laqx tal-injam fis-sena se jkunu prodotti fix-Xlokk tal-Istati Uniti għall-użu fl-enerġija. Skont il-mudell użat, dan il-volum għoli ta' domanda addizzjonali jikkawża żieda konsiderevoli fil-prezz tal-materja prima fuq żmien qasir (fil-medda ta' medja ta' 70 % għas-suq kollu). Madankollu, fuq żmien twil ir-riżorsi tal-forestrija se jiżdiedu sabiex jilħqu d-domanda u l-prezzijiet jinżlu.

(43) Steptoe & Johnson innutaw li ż-żriegħ ta' siġar kummerċjali fix-Xlokk tal-Istati Uniti ilu jonqos għal dawn l-aħħar tletin sena. Flimkien ma' żieda fil-produzzjoni tal-pelits, dan jista' jwassal għal rati ta' tkabbir negattivi fir-reġjun li jwasslu għal prattiki ambjentali insostenibbli u telf tal-bijodiversità.

([19]) Abt et al., 2014.

(44) Utent tal-injam artab ibbażat fl-Istati Uniti, l-EPF u Steptoe & Johnson esprimew tħassib dwar l-impatt akkumulat ta' proġetti kbar oħrajn (b'mod partikolari dawk tal-impjant tal-enerġija ta' Drax fir-Renju Unit) u tal-politika Ewropea dwar il-bijomassa inġenerali.

(45) Il-Mulch & Soil Council qajjem tħassib dwar distorsjoni possibbli fis-suq tal-Amerika ta' Fuq għar-residwi tal-injam.

(46) Id-WPF, Steptoe & Johnson u l-Mulch & Soil Council iddubitaw dwar l-iffrankar ta' CO_2 miksub bl-iġġenerar tal-elettriku mill-bijomassa importata mill-Amerika ta' Fuq. Steptoe & Johnson qajmu wkoll dubji dwar il-proporzjonalità tal-għajnuna u pprovdew aktar dejta dwar is-sors tal-injam użat għall-manifattura tal-pelits u l-ħtiġijiet ta' materja prima tal-industrija tal-ippakkjar.


(47) Tnax-il ([20]) kumpanija u assoċjazzjoni tal-industrija ssottomettew argumenti tekniċi li jenfasizzaw is-solidità u l-impatt pożittiv tal-proġett. Is-sottomissjonijiet ikopru suġġetti li jinkludu (fost oħrajn): l-IRR tal-proġett; id-disponibbiltà u s-sostenibbiltà tal-bijomassa; ir-rwol tal-enerġija tal-bijomassa biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli fir-Renju Unit; il-parametri operattivi mistennija tal-impjant u l-loġistika tal-provvista tal-fjuwil.

(48) B'mod partikolari l-Assoċjazzjoni tal-Pelits Industrijali tal-Istati Uniti enfasizzat it-tnaqqis tal-emissjonijiet assoċjat mal-bijoenerġija u s-sostenibbiltà tal-pelits prodotti fl-Istati Uniti. Ipprovdiet ukoll dejta dwar il-prezz tal-materja prima fix-Xlokk tal-Istati Uniti (ara l-Illustrazzjoni 2 aktar 'l isfel).

(49) L-Assoċjazzjoni tal-Pelits tal-Injam tal-Kanada rrapportat dejta dwar id-disponibbiltà tal-pelits tal-injam. B'mod partikolari s-sottomissjoni tikkwota studju mill-konsulent Poyry ([21]) li jgħid li r-reġjuni ta' provvista tax-Xlokk tal-Istati Uniti, tal-Punent tal-Kanada, u tar-Russja, flimkien għandhom 50 miljun tunnellata mnixxfa ta' materja prima żejda tal-bijomassa.

Illustrazzjoni 2

Il-prezzijiet tal-injam mhux maqtugħ fix-Xlokk tal-Istati Uniti




([20]) il-Grupp RWE; EDF; Lynemouth Power LTD; l-Assoċjazzjoni tal-Enerġija Rinnovabbli; il-Port of Tyne; Dong Energy; Energy UK; l-assoċjazzjoni tal-pelits tal-Istati Uniti; l-assoċjazzjoni tal-pelits tal-Kanada; Enviva; Doosan; il-Kunsill Ewropew tal-Pelits.

([21]) Pöyry. The Risk of Indirect Wood Use Change (Ir-Riskju ta' Tibdil fl-Użu Indirett tal-Injam), Rapport Finali mħejji għal Energie Nederland. Lulju 2014.

(50) Enviva ppreżentat dejta dwar id-domanda u l-provvista proġettati għall-pelits tal-injam. Skont Enviva, fl-ewwel kwart tal-2015 kienu qegħdin jiġu żviluppati proġetti tal-pelits tal-injam li, ladarba jitlestew, kienu se jżidu komplessivament 18,1-il miljun tunnellata mnixxfa mal-kapaċità ta' produzzjoni globali. Is-sottomissjoni pprovdiet ukoll dejta dwar il-produzzjoni tat-travi tal-injam fl-Istati Uniti (ara l-Illustrazzjoni 3).

Illustrazzjoni 3

Proġetti residenzjali ġodda u l-konsum tal-injam fl-Istati Uniti, 2004-2014



(51) Il-Kunsill Ewropew tal-Pelits ipprovda dejta dwar il-prezz u d-disponibbiltà tal-pelits tal-injam u dwar il-prezzijiet tal-materja prima fl-Unjoni u fl-Istati Uniti. Skont il-Kunsill Ewropew tal-Pelits, iż-żieda qawwija tad-domanda tal-pelits bejn l-2012 u l-2014 ma wasslitx għal żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-pelits. Biex jissostanzja dan l-argument, il-Kunsill Ewropew tal-Pelits issottometta dejta dwar il-prezz tal-pelits tal-injam fl-Istati Uniti minn Diċembru 2013 sa April 2015 u fl-Unjoni minn Jannar 2011 sa Marzu 2015. Fiż-żewġ każijiet ma kienet osservata l-ebda żieda fil-prezzijiet.

(52) Skont din id-dejta, iż-żieda qawwija tad-domanda għall-pelits bejn l-2012 u l-2014 ma wasslitx għal żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-pelits.

(53) Fl-aħħar nett, kien hemm kontribuzzjoni oħra (Société Générale) li ssottomettiet dejta dwar il-profittabbiltà tal-proġett.

4. KUMMENTI MIR-RENJU UNIT

(54) Ir-Renju Unit ipprovda informazzjoni addizzjonali dwar il-parametri operattivi tal-impjant tal-enerġija ta' Lynemouth. Wara analiżi ta' impjanti oħrajn tal-bijomassa, il-fattur tat-tagħbija tal-impjant ittella' minn 75,3 % għal 77 % (kif irrapportat fit-tabella, ara wkoll in-nota 3 ta' qiegħ il-paġna). Barra minn hekk, ir-Renju Unit wera li l-effiċjenza termali ta' impjanti tal-enerġija bil-faħam mitħun hija madwar 36 % għall-impjanti tal-faħam tar-Renju Unit għall-perjodu ta' bejn l-2009 u l-2013. Finalment, ir-Renju Unit ipprovda tqassim tal-kostijiet tal-fjuwil u spjega li l-parametri operattivi kollha huma sodi peress li huma mqabbla ma' impjanti oħrajn u riveduti minn esperti indipendenti ([22]).

(55) Ir-Renju Unit jgħid li l-ekonomija tal-proġett ta' Lynemouth inbidlet sostanzjalment min-notifika 'l hawn. B'mod partikolari, il-proġett kien imbassar li se jiġi kkummissjonat fit-tielet kwart tal-2016, iżda r-Renju Unit iqis li l-proġett issa se jkun ikkummissjonat sat-tieni nofs tal-2017. Peress li l-għajnuna lill-konverżjoni għall-bijomassa se tintemm f'Marzu 2027 irrispettivament mid-dejta ta' tnedija, il-proġett tilef madwar sena sussidju. Il-proġett kien żied ukoll l-ispejjeż kapitali. Barra minn hekk, minħabba bidla fil-politika, minn Awwissu tal-2015 is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli tal-elettriku mhumiex se jkunu eżenti mill-Imposta fuq it-Tibdil fil-Klima (taxxa fuq il-karbonju). Fl-aħħar nett, id-deprezzament tal-Lira Sterlina meta mqabbla mad-Dollaru Amerikan kompla naqqas il-profittabbiltà tal-proġett.


([22]) Oxera, Parsons, Brinckerhoff u Ramboll.

(56) Skont l-awtoritajiet tar-Renju Unit, dawn l-iżviluppi naqqsu sostanzjalment il-profittabbiltà tal-proġett. L-IRR stmata issa hija madwar [3 %–8 %] fuq bażi reali qabel it-taxxa.

(57) Fl-2014, is-suq globali tal-pelits tal-injam kiber tant li laħaq is-27 miljun tunnellata mnixxfa. Ir-Renju Unit ipprovda wkoll dejta dwar il-kummerċ fis-suq globali tal-pelits tal-injam (ara l-Illustrazzjoni 4). Il-konsum tal-pelits tal-injam fl-Unjoni kważi rdoppja minn madwar tmien miljun tunnellata mnixxfa fl-2009 għal madwar 16-il miljun tunnellata mnixxfa fl-2013 ([23]).

Illustrazzjoni 4


Il-kummerċ fl-importazzjoni tal-pelits tal-injam fl-UE f'tunnellati mnixxfa



(58) L-Illustrazzjoni 5 turi kif l-importazzjonijiet tal-pelits fl-Unjoni żdiedu minn 1,8 miljun tunnellata mnixxfa fl-2009 għal 3,2 miljun tunnellata mnixxfa fl-2011. Fl-2012 l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni kienu jammontaw għal madwar erba' miljun tunnellata mnixxfa u l-importazzjonijiet huma mistennija li jiżdiedu fis-snin li ġejjin. Fl-2014 l-importazzjonijiet tal-pelits tal-injam mix-Xlokk tal-Istati Uniti lejn l-Unjoni kienu jammontaw għal madwar 7,3 miljun tunnellata mnixxfa ([24]).

Illustrazzjoni 5

L-importazzjoni ta' pelits tal-injam fl-UE f'tunnellati mnixxfa



(*sors:* Dejta tar-Renju Unit)

([23]) AEBIOM, 2013.
([24]) Dejta tar-Renju Unit.

(59) Ir-Renju Unit iċċara wkoll li l-parti l-kbira tal-provvista ta' pelits disponibbli attwalment tinxtara taħt kuntratti nnegozjati b'mod individwali (li normalment idumu bejn ħames u għaxar snin). Is-suq spot tal-pelits tal-injam jirrappreżenta proporzjon vera limitat tal-provvista globali ta' pelits tal-injam. L-imtieħen tal-pelits jistgħu jinbnew fi 18 sa 30 xahar u, potenzjalment, appoġġjati minn kuntratt ta' forniment fit-tul. Minħabba l-ftit ostakoli għall-parteċipanti ġodda fis-suq, l-awtoritajiet tar-Renju Unit isostnu li s-suq tal-pelits tal-injam jista' jakkomoda ż-żieda fid-domanda meħtieġa għall-provvista lil Lynemouth.

(60) Biex isostni dan il-punt, ir-Renju Unit qabbel il-konsum tal-pelits fl-Unjoni mal-prezz spot fix-Xlokk tal-Istati Uniti. Kif jidher fl-Illustrazzjoni 5, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mix-Xlokk tal-Istati Uniti rduppjaw mill-2009 sal-2011. Matul dan il-perjodu, il-prezzijiet fuq is-suq spot ma nbidlux sostanzjalment minkejja ż-żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni kif muri fl-Illustrazzjoni 6.

Illustrazzjoni 6

Il-Konsum tal-Pelits tal-Injam u l-Prezzijiet Spot tal-Pelits tal-Injam tax-Xlokk tal-Istati Uniti FOB (2009-2013)

(…) (*)

(61) Ir-Renju Unit ipprovda wkoll dejta dwar il-katina ta' provvista proposta. Lynemouth qed jippjana li jġib madwar [60 %–80 %] tal-pelits meħtieġa mix-Xlokk tal-Istati Uniti. Madwar [5 %–20 %] se jiġu minn Stati Membri oħra, u l-bqija mill-Punent tal-Kanada. Lynemouth identifika […] fornituri possibbli, li minnhom […] fi […] Stati differenti fix-Xlokk tal-Istati Uniti u […] fl-Ewropa. Lynemouth ma għandux intenzjoni li jġib xi bijomassa mir-Renju Unit.

(62) Skont ir-Renju Unit, l-ispjegazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima hija n-nuqqas ta' residwi tas-segeriji. Ir-Renju Unit spjega li r-residwi tal-imtieħen huma prodotti fi kwantitajiet kbar waqt l-ipproċessar tal-injam għat-tqattigħ u jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-pelits tal-injam kif ukoll għal użi oħrajn. Madankollu, id-disponibbiltà tar-residwi tas-segeriji hija limitata u marbuta mal-produzzjoni tal-injam għat-tqattigħ. Skont ir-Renju Unit, is-settur tal-bini tal-Istati Uniti ma rkuprax għal kollox mill-kriżi finanzjarja. Tnaqqis fil-proġetti residenzjali ġodda u fil-produzzjoni tal-injam għat-tqattigħ inaqqas il-provvista disponibbli ta' residwi tal-imtieħen li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-polpa u tal-pelits tal-injam. Fil-fehma tar-Renju Unit, l-iskarsezza ta' residwi tas-segeriji tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima.

(63) Biex isostnu dan l-argument, l-awtoritajiet tar-Renju Unit jgħidu li ż-żieda fil-prezz tal-materja prima fis-swieq lokali mhijiex korrelatata maż-żieda fil-produzzjoni tal-pelits. Il-Illustrazzjoni 7 turi ż-żieda fil-prezz fis-swieq lokali tal-Istati Uniti mit-tieni kwart tal-2013 sal-ewwel kwart tal-2015, u tindika liema swieq raw żieda sinifikanti fil-produzzjoni tal-pelits.

Illustrazzjoni 7

Żieda fil-prezzijiet tal-injam tal-arżnu mhux maqtugħ fis-swieq lokali tal-Istati Uniti, mit-tieni trimestru tal-2013 sal-ewwel trimestru tal-2015

(…) (*)

(64) Fl-aħħar nett, ir-Renju Unit ikkonferma li, permezz ta' emenda fid-dispożizzjonijiet tal-kuntratt, l-impjant ta' Lynemouth jista' jkun meħtieġ jemenda l-kriterji ta' sostenibbiltà deskritti fil-premessa 24, pereżempju f'każ ta' xi kriterji ta' sostenibbiltà Ewropej obbligatorji fil-futur għall-bijomassa solida.

5. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA

(65) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri".

(*) Sigriet kummerċjali.

(66) Kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tad-19 ta' Frar 2015, il-benefiċjarju se jirċievi għajnuna operattiva fil-forma ta' primjum varjabbli (ara l-premessi 16 sa 19 aktar 'il fuq) mill-kontroparti li hi proprjetà tal-Gvern tar-Renju Unit, il-Low Carbon Contracts Company Ltd, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. Il-miżura tiffavorixxi l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (f'dan il-każ mill-bijomassa) mill-benefiċjarju magħżul. L-elettriku huwa nnegozjat b'mod wiesa' bejn l-Istati Membri. Din il-miżura notifikata tista' għalhekk toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-impjant se jikkompeti għall-fjuwil mill-bijomassa fis-suq tal-materja prima. B'mod aktar speċifiku, minħabba nuqqas ta' riżorsi ta' forestrija lokali suffiċjenti, il-parti l-kbira tal-bijomassa meħtieġa sabiex jitħaddem l-impjant se tkun importata minn barra l-pajjiż (ara l-premessa 61).

(67) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura nnotifikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107 tat-Trattat ([25]).

5.1. **Il-legalità tal-għajnuna**

(68) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, il-Kummissjoni tinnota li ma ttieħdet ebda deċiżjoni finali ta' investiment. Mhux se jsiru pagamenti qabel ma tinkiseb l-approvazzjoni tal-għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni tikkunsidra għalhekk li r-Renju Unit issodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 108(3) TFUE.

5.2. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna**

(69) Il-Kummissjoni tinnota li l-miżura notifikata għandha l-għan li tippromwovi l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, partikolarment mill-bijomassa. Il-miżura notifikata taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014–2020 (EEAG) ([26]). Għaldaqstant il-Kummissjoni vvalutat il-miżura nnotifikata abbażi tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' kompatibbiltà tal-EEAG (stipulati fit-Taqsima 3.2 tal-EEAG) u abbażi tal-kriterji speċifiċi ta' kompatibbiltà għall-għajnuna operattiva mogħtija għall-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (it-Taqsima 3.3.2.1 tal-EEAG).

5.2.1. *Għan ta' interess komuni*

(70) Kif ikkonkludiet fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni tinnota li l-għan tal-miżura ta' għajnuna notifikata huwa li tgħin lir-Renju Unit jilħaq il-miri ta' enerġija rinnovabbli u l-objettivi ta' tnaqqis ta' CO_2 stipulati mill-UE bħala parti mill-istrateġija tal-UE għall-2020 ([27]). Kif deskritt fil-premessa 10 aktar 'il fuq, skont l-istimi mir-Renju Unit, l-impjant huwa mistenni li jiġġenera madwar 2,3 TWh ta' elettriku rinnovabbli b'iffrankar ta' 17,7-il miljun tunnellata ta' CO_2. Għaldaqstant, f'konformità mal-paragrafi 30, 31 u 33(a) tal-EEAG, ir-Renju Unit ipprovda b'mod espliċitu l-iffrankar mistenni ta' CO_2 u l-enerġija rinnovabbli mistennija mill-proġett. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ta' għajnuna nnotifikata hija mmirata lejn objettiv ta' interess komuni skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

(71) L-organizzazzjonijiet ambjentali u Steptoe & Johnson qajmu tħassib dwar l-effetti ambjentali tal-proġett. Ir-Renju Unit ikkonferma li l-għajnuna tingħata biss għall-bijomassa li tissodisfa d-definizzjonijiet stipulati fl-EEAG (ara l-premessa 6 tal-EEAG). Il-Kummissjoni tfakkar li l-għajnuna se tissodisfa l-objettivi ambjentali stipulati fil-premessa 69 u għaldaqstant tissodisfa t-test ambjentali li jrid jittieħed għall-finijiet ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Minbarra li jissodisfa dan it-test rilevanti għall-għajnuna mill-Istat, l-impjant se jkollu jirrispetta l-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli kollha, b'mod partikolari rigward l-impatti fuq it-tniġġis tal-arja. L-impjant huwa suġġett għad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]) li tistabbilixxi l-limiti għall-NO_x, SO_2 u għall-emissjonijiet ta' partiċelli minn impjanti kbar tal-kombustjoni, u jrid ikun ukoll konformi

([25]) Ara wkoll id-deċiżjonijiet għall-każijiet SA.38758, SA.38759, SA.38761, SA.38763 u SA.38812; u l-Każ SA.38796 (id-deċiżjoni għadha ma ġietx ippubblikata) li jibbenefikaw minn għajnuna simili tas-CfD.

([26]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1.

([27]) Ara d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16) u d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32) u l-Komunikazzjoni COM(2011) 885 final.

([28]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

magħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-pelits tal-injam użati minn Lynemouth ikollhom jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà tar-Renju Unit. Skont l-awtoritajiet tar-Renju Unit dawn il-kriterji, inkluż l-iffrankar minimu ta' CO_2 huwa kkalkulat fuq bażi ta' ċiklu tal-ħajja. Il-kriterji ta' sostenibbiltà tar-Renju Unit jinkludu wkoll dispożizzjonijiet sabiex jiġu evitati effetti ambjentali ħżiena oħrajn (bħat-telf tal-bijodiversità).

5.2.2. *Il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat, l-effett ta' inċentiv u l-adegwatezza tal-għajnuna*

(72) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-għajnuna hija meħtieġa, għandha effett ta' inċentiv u hija xierqa. B'mod partikolari, b'referenza għall-paragrafi 38, 107 u 115 tal-EEAG, il-Kummissjoni tinnota li n-nuqqasijiet tas-suq (jiġifieri n-nuqqas li jiġu inklużi esternalitajiet iġġenerati mill-użu ta' fjuwils fossili fil-prezz tal-enerġija) mhumiex indirizzati biżżejjed mill-qafas politiku eżistenti u mingħajr l-għajnuna operatorja li qed tiġi vvalutata, l-proġett ma jkunx finanzjarjament vijabbli.

(73) B'referenza għall-paragrafi 49 u 58 tal-EEAG, ir-Renju Unit wera li l-kostijiet livellati tal-elettriku huma ogħla sew mill-prezz mistenni tas-suq tal-elettriku u l-awtoritajiet tar-Renju Unit ipprovdew analiżi finanzjarja li turi li mingħajr l-għajnuna li qed tiġi vvalutata, l-IRR tal-proġett tkun negattiva. F'sitwazzjoni bħal din, l-atturi tas-suq ma jkunux iridu jinvestu fil-proġett tal-bijomassa. Għaldaqstant l-għajnuna tibdel l-imġiba tal-benefiċjarju. Ir-Renju Unit ikkonferma li l-benefiċjarju kien meħtieġ jissottometti applikazzjonijiet u li dawn kienu sottomessi qabel ma beda x-xogħol fuq il-proġett (il-paragrafu 51 tal-EEAG).

(74) B'referenza b'mod partikolari għall-paragrafi 40 u 116 tal-EEAG, ir-Renju Unit wera li l-għajnuna hija strument xieraq. Kif spjegat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-kostijiet livellati tal-elettriku huma ogħla mill-prezz mistenni tas-suq tal-elettriku u l-IRR mistennija mingħajr l-għajnuna mill-Istat tkun negattiva. Sabiex jirrimedja għan-nuqqas ta' dħul għall-proġett speċifiku, ir-Renju Unit jagħti għajnuna mill-Istat li hija partikolarment immirata lejn il-proġett speċifiku u li tindirizza l-ħtiġijiet biex il-proġett isir mingħajr ma tinqabeż l-IRR mistennija (pereż., fir-rati hurdle deskritti fil-punt 18 hawn fuq). B'mod partikolari, il-proġett ta' Lynemouth intgħażel fost diversi oħrajn bl-iskop li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli (ara l-premessa 7 aktar 'il fuq) u ngħata l-għajnuna operattiva fil-forma ta' CfD. Fid-deċiżjoni tagħha dwar il-Każ SA.36196 ([29]) (Ir-Riforma tas-Suq tal-Elettriku — Kuntratt għad-Differenza tal-Enerġija Rinnovabbli) il-Kummissjoni kkonkludiet li s-CfD huwa strument xieraq biex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni.

(75) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna għall-proġett notifikat hija meħtieġa, għandha effett ta' inċentiv u hija mogħtija permezz ta' strument xieraq.

5.2.3. *Proporzjonalità*

(76) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar kemm l-għajnuna hija proporzjonata (ara l-premessa 28 aktar 'il fuq). Il-Kummissjoni tfakkar li r-Renju Unit ikkalkula l-Kost Livellat Tal-Elettriku (Levelised Cost Of Electricity — LCOE) għal proġett tal-bijomassa bħal dan, fuq il-bażi ta' IRR ta' 10 %, għal mill-inqas 105 GBP/MWh (ara l-premessa 19). Il-Kummissjoni tqis l-LCOE bħala xieraq, kif diġà kien ikkonfermat f'deċiżjonijiet preċedenti ([30]). Ir-Renju Unit wera li l-għajnuna għal kull unità ta' enerġija ma taqbiżx id-differenza bejn l-LCOE u l-prezz mistenni tas-suq tal-elettriku, peress li l-prezz tal-eżerċitar (li jirrifletti l-prezz tas-suq flimkien mal-primjum) ma jaqbiżx l-LCOE ([31]). Barra minn hekk, ir-Renju Unit ikkonferma li l-għajnuna se tingħata sakemm l-investiment huwa deprezzat skont ir-regoli ta' kontabilità normali.

(77) Ir-rata hurdle għall-proġett hija bejn 8,8 % u 12,7 % fuq bażi reali ta' qabel it-taxxa kif deskritta fil-premessa 18 aktar 'il fuq u aċċettata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ. Din kienet konformi mar-rati preċedentement approvati mill-Kummissjoni għall-proġetti ta' bijomassa fir-Renju Unit ([32]). Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk l-IRR tal-proġett tirrispettax ir-rata hurdle.

([29]) ĠU C 393, 7.11.2014, p. 2.
([30]) Ara pereżempju d-deċiżjoni għall-Każijiet SA.38758, SA.38759, SA.38761, SA.38763 u SA.38812; u d-deċiżjonijiet għall-Każ SA.38796 (id-deċiżjonijiet għadhom ma ġewx ippubblikati).
([31]) Ara l-premessa 20 sa 33 tad-deċiżjoni tal-ftuħ għal aktar dettalji dwar l-LCOE tal-proġett.
([32]) Ara pereżempju l-iskema tal-Obbligu tal-Enerġija Rinnovabbli — SA.35565 (ĠU C 167, 13.6.2013, p. 5).

(78) Wara d-Deċiżjoni tal-Ftuħ, ir-Renju Unit ippreżenta informazzjoni aġġornata dwar il-proġett li turi li l-IRR għall-proġett ta' Lynemouth hija konsiderevolment aktar baxxa meta mqabbel man-notifika, minħabba t-telf ta' madwar sena sussidju, spejjeż oħla ta' kapital, it-tneħħija tal-eżenzjoni mill-Imposta tat-Tibdil fil-Klima u żviluppi sfavorevoli fir-rata tal-kambju. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tar-Renju Unit aġġornaw b'mod favorevoli wieħed mill-parametri operattivi, jiġifieri l-fattur tat-tagħbija.

(79) Skont il-kalkolu finanzjarju ppreżentat, l-IRR għall-proġett issa hija madwar [3 %–8 %] fuq bażi reali qabel it-taxxa li hija sew taħt ir-rata hurdle u għalhekk diġà hija indikazzjoni tan-nuqqas ta' kumpens żejjed. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li l-parametri operattivi, bħal pereżempju l-effiċjenza termali medja, il-fattur tat-tagħbija u l-kost tal-fjuwil jistgħu xorta waħda jvarjaw.

(80) Fid-dawl ta' dan, ir-Renju Unit ipprovda dejta li turi li l-effiċjenza termali tal-impjanti tal-faħam miftuħ hija madwar 36 % u l-informazzjoni tas-suq tissuġġerixxi li dan it-tip ta' proġett ta' konverżjoni għall-bijomassa jista' jilħaq effiċjenza termali ta' madwar 38 % sa 39 %. Għaldaqstant ma jidhirx li żieda ta' 10 % tal-effiċjenza termali kif kienet riflessa fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ hija realistika.

(81) Kif stabbilit aktar 'il fuq, il-fattur tat-tagħbija tal-proġett (ara l-premessa 12) ittella' għal 77 % fuq il-bażi ta' analiżi ta' dejta minn impjanti oħrajn tal-bijomassa riveduta mir-Renju Unit wara d-Deċiżjoni tal-Ftuħ. Barra minn hekk, l-informazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit tindika li l-fattur tat-tagħbija nett għal dan it-tip ta' impjant ma jaqbiżx madwar 80 % ([33]).

(82) Rigward il-kost tal-fjuwil, ir-Renju Unit spjega fid-dettall il-kost biex jiġu assigurati provvisti suffiċjenti ta' pelits tal-injam. Id-dokumentazzjoni pprovduta ġiet ivverifikata minn esperti indipendenti u tinkludi tqassim dettaljat tal-elementi ewlenin tal-kost fil-katina ta' forniment ta' Lynemouth fosthom l-ispejjeż tal-manifatturar, it-trasport u l-loġistika (inklużi l-ispejjeż assoċjati mal-immodernizzar tal-faċilitajiet tal-port meħtieġa minn Lynemouth). Abbażi tal-ispjegazzjoni mogħtija, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kost tal-fjuwil ta' 7,17 GBP/GJ huwa stima raġonevoli tal-kost mistenni tal-fjuwil.

(83) L-IRR kienet stmata fuq li kieku l-effiċjenza termali u l-fattur tat-tagħbija kellhom jiżdiedu b'5 %, u l-kost tal-fjuwil kellu jinżel b'5 %. Bidliet ta' dan il-kobor huma meqjusa konsistenti mal-meded realistiċi tal-parametri operattivi kif diskuss fil-premessi 79 sa 81. Bidliet kumulattivi bħal dawn iżidu l-IRR (bażi reali qabel it-taxxa) minn madwar [3 %–8 %] għal […]. Dan il-valur huwa fil-medda tar-rati hurdle previsti mir-Renju Unit.

(84) Fid-dawl ta' dan li ntqal il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna ma twassalx għal kumpens żejjed. Għaldaqstant, il-miżura notifikata hija proporzjonata biex jintlaħaq l-objettiv ta' interess komuni.

5.2.4. *L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ*

(85) Fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi li "l-effetti negattivi tal-miżura ta' għajnuna f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jridu jkunu limitati u ssuperati mill-effetti pożittivi f'termini ta' kontribut lejn l-objettiv ta' interess komuni" (ara l-paragrafu 88 tal-EEAG).

(86) B'referenza għall-pararafi 94-96 tal-EEAG, il-Kummissjoni ssib li l-miżura ma twassalx għal effetti negattivi lampanti, peress li l-għajnuna hija proporzjonata u ma twassalx purament għal rilokazzjoni tal-attività mingħajr effett ambjentali. L-għajnuna se tgħin lill-proġett ta' Lynemouth jikkonverti mill-faħam għall-bijomassa li jwassal għal iffrankar ta' CO_2 (ara l-premessa 10 aktar 'il fuq).

(87) Fl-evalwazzjoni tagħha tal-effetti negattivi tal-miżura ta' għajnuna, il-Kummissjoni tiffoka fuq id-distorsjonijiet li jirriżultaw mill-impatt previst li l-għajnuna għandha fuq il-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti milquta u l-post tal-attività ekonomika (ara l-paragrafu 97 tal-EEAG). Peress li l-għajnuna hija mogħtija għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, is-suq tal-prodott affettwat huwa s-suq tal-elettriku.

([33]) Dawn is-suppożizzjonijiet huma konformi mad-dejta pprovduta minn Société Générale fis-sottomissjoni (ara l-premessa 53 aktar 'il fuq).

(88) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tfakkar is-sehem mis-suq limitat tal-benefiċjarju (0,7 % tas-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tar-Renju Unit). It-tieni, b'referenza għall-paragrafu 101 tal-EEAG, il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-proġett jikkonsisti f'modifika fuq impjant tal-enerġija eżistenti li jaħdem bil-faħam u li għalhekk ma għandux iwassal għal effetti negattivi bħal pereżempju t-tishiħ tal-poter fis-suq tal-benefiċjarju. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ma jkollha l-ebda impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fir-Renju Unit.

(89) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tagħha, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-proġett joħloqx distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq tal-pelits tal-injam u aktar upstream fis-suq tal-materja prima sa punt kuntrarju għall-interess komuni. Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dan il-proġett notifikat separatament, il-Kummissjoni estendiet l-analiżi għall-efetti indiretti fuq is-swieq sekondarji.

5.2.5. *Distorsjoni fis-suq tal-pelits tal-injam*

(90) Il-Kummissjoni tfakkar l-ewwel li l-impjant ta' Lynemouth se jkun jista' juża biss pelits tal-injam ta' kwalità industrijali. Filwaqt li ċerti impjanti jkunu jistgħu parzjalment jissostitwixxu l-pelits tal-injam bi fjuwils oħrajn, mhuwiex mistenni li l-impjant ta' Lynemouth se jkun jista' jissostitwixxi l-pelits tal-injam bi prodott ieħor minħabba kif inhu mfassal. Għall-finijiet tal-analiżi tal-kobor ta' distorsjoni fil-kompetizzjoni tal-proġett, is-suq tal-pelits tal-injam industrijali huwa s-suq tal-prodott adattat.

(91) Dejta pprovduta mir-Renju Unit (ara l-Illustrazzjoni 4) turi li l-pelits tal-injam huma kummerċjalizzati bejn l-oqsma ewlenin ta' produzzjoni u ta' konsum. Barra minn hekk, il-flussi tal-kummerċ żdiedu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin (aktar minn 40 % f'sena). Barra minn hekk, ir-Renju Unit ipprovda dejta li l-importazzjonijiet ta' pelits tal-injam fl-UE mix-Xlokk tal-Istati Uniti rduppjaw mill-2009 sal-2011 (kif jidher fil-Illustrazzjoni 5).

(92) Għaldaqstant, abbażi tal-flussi ta' kummerċ u l-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-suq tal-pelits tal-injam mhuwiex limitat għal Stat Membru wieħed jew għall-Unjoni, iżda jinħtieġ li jiġi meqjus bħala suq globali għall-valutazzjoni tad-distorsjonijiet fis-suq rigward is-suq tal-pelits tal-injam.

(93) Fl-2014, is-suq globali tal-pelits tal-injam kiber tant li laħaq is-27 miljun tunnellata mnixxfa. Il-konsum Ewropew ta' pelits tal-injam irdoppja bejn l-2009 u l-2012 (kif jidher fil-Illustrazzjoni 5). Minkejja din iż-żieda, id-dejta fil-Illustrazzjoni 6 turi li l-prezzijiet fuq is-suq spot ma nbidlux b'mod sinifikanti.

(94) Barra minn hekk, mill-informazzjoni ppreżentata bi tweġiba għad-Deċiżjoni tal-Ftuħ, il-Kummissjoni tinnota li l-parti l-kbira tal-provvista tal-pelits tal-injam hija attwalment mixtrija taħt kuntratti fit-tul innegozjati individwalment. L-imtieħen tal-pelits jistgħu jinbnew fi żmien sentejn ladarba (jew qabel) kuntratti ġodda jiġu ffirmati u l-bejgħ ikun assigurat. Għaldaqstant, l-ostakoli tas-suq għal faċilitajiet ġodda ta' produzzjoni jidhru li huma baxxi. Iż-żieda reċenti fil-kapaċità ta' produzzjoni tal-pelits fix-Xlokk tal-Istati Uniti u l-Unjoni ([34]) tappoġġja din l-osservazzjoni.

(95) L-ammont ta' pelits tal-injam meħtieġa minn Lynemouth jirrappreżenta madwar 5,5 % tas-suq globali tal-pelits tal-injam fl-2014. Dan huwa sostanzjalment inqas mis-7,4 % stmati fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ ibbażati fuq dejta tal-2012. Fid-dawl tal-fatt li l-imtieħen il-ġodda tal-pelits jistgħu jinbnew xi ftit jew wisq b'mod parallel mal-proġett ta' konverżjoni f'termini ta' żmien (ara l-premessi 59 u 60), jista' jkun antiċipat li se tkun disponibbli kapaċità addizzjonali għal domanda addizzjonali kif ikkonfermat mill-katina ta' provvista prevista għall-proġett.

(96) Barra minn hekk, jekk wieħed iħares lejn il-passat, il-livelli ta' importazzjonijiet u ta' konsum żdiedu b'ritmu mgħaġġel fl-Unjoni li huwa indikatur ieħor li s-suq tal-pelits tal-injam jista' jassorbi żidiet kbar fid-domanda għal pelits tal-injam. Wieħed jinnota wkoll li l-prezz spot fix-Xlokk tal-Istati Uniti, iż-żona ewlenija minn fejn il-proġett huwa antiċipat li se jġib l-pelits tal-injam, ma nbidilx b'mod sinifikanti (Illustrazzjoni 6) filwaqt li l-importazzjonijiet fl-Unjoni minn dak ir-reġjun żdiedu (Illustrazzjoni 5).

(97) L-analiżi turi li s-suq għall-pelits tal-injam huwa globali u jista' jissodisfa tkabbir fid-domanda ta' pelits tal-injam kif mistenni li jirriżulta mill-proġett. Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna ma taffettwax ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ fis-suq tal-pelits tal-injam sa punt kuntrarju għall-interess komuni (iffrankar ta' CO_2 u ġenerazzjoni akbar ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli).

([34]) Ara, pereżempju l-Illustrazzjoni 2 fid-deċiżjoni tal-ftuħ (ĠU C 116, 10.4.2015, p. 52).

5.2.6. *Distorsjoni fis-suq tal-materja prima*

(98) Il-Kummissjoni nnutat fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ (ara l-premessa 75 tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ) li żieda fid-domanda għall-pelits tal-injam tista' twassal għal aktar distorsjonijiet fis-suq tal-materja prima (jiġifieri s-suq tal-fibra tal-injam). F'dan ir-rigward huwa mfakkar li l-għajnuna hija mogħtija għall-MWh tal-elettriku prodott mill-impjant ta' Lynemouth. Id-distorsjonijiet potenzjali fis-suq tal-pelits tal-injam u fis-suq tal-materja prima mhumiex ikkawżati minn sussidji diretti għall-pelits tal-injam jew għall-materja prima iżda miż-żieda fid-domanda ta' fjuwil għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. Barra minn hekk, l-effetti fuq is-suq tal-materja prima huma indiretti meta mqabbla mad-distorsjonijiet fis-suq tal-pelits tal-injam.

(99) Filwaqt li l-pelits jistgħu jkunu ttrasportati barra l-pajjiż, għal raġunijiet ekonomiċi, il-materja prima użata mill-industrija tal-pelits tal-injam normalment tista' tiġi ttrasportata biss fuq distanzi limitati. L-impjanti ta' manifattura ta' prodotti tal-injam artab nofshom lesti jġibu l-provvista tal-injam minn distanza medja ta' madwar 100 km sa 150 km (imsejħa l-medda ta' attività tal-impjant). Biex wieħed jivvaluta l-impatt ta' dawk l-impjanti fuq il-kompetizzjoni, għaldaqstant jinħtieġ li jiġi ddeterminat minn liema suq lokali se jinxtraw jew aktarx li jinxtraw il-pelits tal-injam.

(100) Kif spjegat fil-premessa 11 aktar 'il fuq, l-impjant ta' Lynemouth għandu jġib [60 %–80 %] tal-fjuwil kollu ta' pelits tal-injam meħtieġ mix-Xlokk tal-Istati Uniti. Madwar [5 %–20 %] sa 15 % se jinġieb minn Stati Membri oħrajn. Dan jimplika li madwar […] miljun tunnellata mnixxfa fis-sena se jinġiebu mingħand madwar 16-il fornitur differenti minn Stati Membri oħrajn. Dan jammonta għal madwar […] tal-konsum ta' pelits tal-injam fl-UE (ara l-Illustrazzjoni 6). Barra minn hekk, il-proġett ta' Lynemouth ma għandux intenzjoni li jġib pelits mir-Renju Unit. Għaldaqstant huwa improbabbli li l-proġett se jżid il-prezzijiet tal-materja prima fis-suq tar-Renju Unit jew tal-Unjoni Ewropea kif iddikjarat mill-EPF u d-WPF rispettivament. Għaldaqstant, il-miżura mhijiex mistennija li twassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bla bżonn fl-Unjoni. Peress li l-parti l-kbira tal-pelits tal-injam tinxtara minn barra l-Unjoni u s-suq għall-materja prima huwa lokali, l-effetti jseħħu barra l-Unjoni.

(101) Madwar [10 %–30 %] tal-pelits tal-injam meħtieġa se jinxtraw mill-Kanada. Il-provvisti potenzjali mill-Kanada huma meqjusa li huma ferm ogħla milli mill-Ewropa. Id-dejta ppreżentata mill-Assoċjazzjoni Kanadiża tal-Pelits stmat eċċess ta' 14-il miljun tunnellata mnixxfa ta' bijomassa fil-Punent tal-Kanada. Ix-xiri mill-Kanada jammonta għal […] tal-eċċess stmat. Għaldaqstant, il-proġett mhuwiex mistenni li se jikkawża impatt bla bżonn fuq is-suq Kanadiż fir-rigward tal-materja prima għall-pelits tal-injam.

(102) Il-parti l-kbira tal-provvista għall-proġett se tkun importata mix-Xlokk tal-Istati Uniti. Għaldaqstant, l-investigazzjoni tad-distorsjonijiet potenzjali tas-suq fis-suq tal-materja prima (fibra tal-injam) tiffoka fuq dak ir-reġjun.

(103) Lynemouth se jimporta madwar żewġ miljun TKN (ekwivalenti għal madwar 0,9 miljun tunnellata mnixxfa) mix-Xlokk tal-Istati Uniti. Dan jammonta għal 1,7 % tal-provvista sħiħa ta' njam artab fl-2011 fix-Xlokk tal-Istati Uniti u 0,9 % tal-assorbiment totali fl-istess sena f'dak ir-reġjun. Dawn il-perċentwali baxxi waħedhom ma jagħtux indikazzjonijiet qawwija ta' distorsjonijiet bla bżonn fis-suq tal-materja prima. B'mod partikolari, l-impatt ma jwassalx għal distorsjonijiet bla bżonn fis-suq, jekk wieħed jikkunsidra l-assorbiment totali. Barra minn hekk, dawn iċ-ċifri jieħdu inkunsiderazzjoni biss l-injam artab u ma jikkunsidrawx materjal ieħor ta' produzzjoni bħall-qtugħ tas-siġar għall-injam u r-residwi tas-segeriji li wkoll jistgħu, sa ċertu punt, jintużaw biex jiġu prodotti l-pelits tal-injam.

(104) Madankollu, ċerti partijiet terzi sostnew li ż-żieda fil-produzzjoni tal-pelits ikkawżat żieda fil-prezzijiet tal-materja prima (injam artab) fix-Xlokk tal-Istati Uniti. B'mod partikolari, Steptoe & Johnson u AFPA ssottomettew dejta li turi żieda fil-prezz fil-perjodu ta' bejn l-2011 u l-2014. L-istess dejta, iżda fuq perjodu itwal ġiet sottomessa mill-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Pelits Industrijali (Illustrazzjoni 3).

(105) Il-Kummissjoni tinnota li, kif muri fil-Illustrazzjoni 2, il-prezz medju tal-materja prima (injam mhux maqtugħ) fix-Xlokk tal-Istati Uniti mhuwiex barra l-medda storika. Għaldaqstant, iż-żieda fil-prezzijiet mill-2011 ma tidhirx mhux tas-soltu. Fl-2010 il-prezzijiet kienu saħansitra ogħla, allegatament minħabba kwistjonijiet ta' temp.

(106) Barra minn hekk, ir-Renju Unit sostna li s-suq tal-Istati Uniti kien għadu affettwat mit-tnaqqis fid-domanda wara l-kriżi finanzjarja. B'mod partikolari l-produzzjoni tal-injam għat-tqattigħ tnaqqset b'madwar 57 miljun TKN meta mqabbla mal-2005. Kieku din il-kwantità tkun disponibbli, din tiġġenera madwar 28-19-il miljun TKN ta' residwi li jistgħu jservu bħala sors għall-pelits tal-injam jew prodotti f'kompetizzjoni. Barra minn hekk, ir-Renju Unit jiddikjara li ma hemm ebda korrelazzjoni bejn iż-żoni bi produzzjoni qawwija ta' pelits u ż-żieda fil-prezzijiet tal-injam artab fis-swieq lokali (Illustrazzjoni 7).

(107) Tabilħaqq, id-dejta fl-Illustrazzjoni 1 turi li volumi akbar ta' njam għat-tqattigħ, u allura residwi, kienu disponibbli qabel l-2008. Disponibbiltà aktar limitata ta' residwi setgħet għalhekk affettwat ħażin il-prezz tal-injam artab. Barra minn hekk, ir-Renju Unit wera li produzzjoni qawwija ta' pelits mhijiex neċessarjament relatata ma' żidiet fil-prezz tal-materja prima (ara l-premessa 63 aktar 'il fuq).

(108) Kif stabbilit aktar 'il fuq (ara l-premessa 62 aktar 'il fuq), il-prezz tal-injam artab huwa affettwat minn elementi bħall-kundizzjonijiet tat-temp, id-disponibbiltà tar-residwi (marbuta mas-suq tal-injam għat-tqattigħ) u fil-passat kienu osservati wkoll ċaqliq fil-prezzijiet. Barra minn hekk, iż-żidiet fil-prezzijiet u t-tnaqqis fil-prezzijiet iseħħu kemm f'żoni bi produzzjoni ta' pelits qawwija kif ukoll dgħajfa. Għaldaqstant, id-domanda indiretta għall-materja prima li tirriżulta mill-proġett ta' Lynemouth mhijiex mistennija li twassal għal distorsjonijiet bla bżonn fis-suq.

(109) Il-partijiet interessati ppreżentaw ukoll studju teoretiku li joffri mudell tal-effetti possibbli ta' xenarji futuri b'penetrazzjoni għolja ta' bijoenerġija. L-istudju ma jivvalutax l-impatt tal-proġett ta' Lynemouth fuq is-suq, iżda jivvaluta l-effett tad-domanda globali tal-bijomassa mistennija bl-ikkunsidrar ta' politiki eżistenti u futuri. Madankollu huwa inċert sa fejn il-pjanijiet futuri għall-bijomassa se jseħħu u jekk iva taħt liema kundizzjonijiet u minn liema reġjuni se tinxtara effettivament il-bijomassa. Għaldaqstant l-istudju ma jibdilx il-konklużjonijiet dwar l-impatt potenzjali tal-proġett ta' Lynemouth, peress li jindirizza b'mod partikolari l-effetti potenzjali ta' żviluppi futuri.

(110) Finalment, skont id-dejta ppreżentata mir-Renju Unit, Lynemouth għandu l-intenzjoni li jixtri l-bijomassa minn madwar […] imtieħen tal-produzzjoni fi […] Stat fix-Xlokk tal-Istati Uniti. Id-diversifikazzjoni tal-katina ta' forniment se ttaffi wkoll kwalunkwe riskju ta' distorsjoni fis-swieq lokali.

(111) Il-Kummissjoni għaldaqstant tikkonkludi li l-miżura mhijiex mistennija li se twassal għal distorsjonijiet bla bżonn fis-suq tal-materja prima. F'dan ir-rigward, tajjeb li jitfakkar li l-għajnuna hija mogħtija għall-produzzjoni tal-elettriku mill-bijomassa solida, u kwalunkwe effett tal-għajnuna jkun b'mod indirett fir-rigward tal-akkwist ta' materja prima użata mill-industrija tal-pelits tal-injam.

5.2.7. *Test ta' bbilanċjar*

(112) Kif stipulat fil-paragrafu 97 tal-EEAG, jekk il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat ikunu mmirati tajjeb għall-falliment tas-suq li għandhom l-għan jindirizzaw, ir-riskju li l-għajnuna toħloq distorsjoni bla bżonn għall-kompetizzjoni jkun aktar limitat. Il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna hija direttament immirata għall-kisba tal-miri ta' enerġija rinnovabbli u għat-tnaqqis tas-CO_2 b'mod proporzjonat u xieraq. Għaldaqstant ir-riskju ta' distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni huwa aktar limitat. Kif stabbilit fil-premessa 110 aktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma sabitx distorsjonijiet bla bżonn fis-suq tal-prodott affettwat (pelits tal-injam). Barra minn hekk, ma nstabet ebda distorsjoni fis-swieq upstream (materja prima).

(113) Barra minn hekk, il-Kummissjoni trid tevalwa jekk il-miżura toħloqx distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u sa fejn din taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. L-effetti fis-suq tal-materja prima huma lokali u jseħħu l-aktar barra l-Ewropa peress li l-pelits tal-injam huma importati. Għaldaqstant l-effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri fi kwalunkwe każ ikunu limitat.

(114) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-effetti negattivi tal-għajnuna fuq il-proġett ta' Lynemouth f'termini ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri huma limitati u ssuperati mill-effetti pożittivi f'termini ta' kontribut lejn l-objettiv ta' interess komuni (il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u t-tnaqqis ta' CO_2 fil-ġenerazzjoni tal-elettriku), biex b'hekk il-bilanċ globali jkun pożittiv.

5.2.8. *Aspetti oħrajn — Konformità mal-Artikolu 30 u 110 tat-TFUE.*

(115) Fil-kuntest tad-deċiżjoni dwar is-CfD għall-Enerġija Rinnovabbli (SA.36196) u d-deċiżjoni rigward l-għajnuna FIDeR lil ħames proġetti eoliċi fuq il-baħar (SA.38758, SA.38759, SA.38761, SA.38763 u SA.38812) u lil impjant tal-bijomassa CHP (SA.38796), ir-Renju Unit intrabat li se jaġġusta l-mod li bih ir-responsabbiltajiet tal-forniturі tal-elettriku għall-pagamenti ta' CfD jkunu kkalkolati biex l-elettriku rinnovabbli eliġibbli ġġenerat fl-Istati Membri tal-UE barra r-Renju Unit u fornut lill-klijenti fir-Renju Unit, ma jkunx magħdud mal-ishma tas-suq tal-forniturі.

(116) Ir-Renju Unit se jiżgura li ebda pagament ta' CfD ma jsir qabel din l-eżenzjoni tkun stabbilita, jew jekk dan mhuwiex possibbli r-Renju Unit se jistabbilixxi mekkaniżmu biex jirrimborża lill-fornituri għal kwalunkwe elettriku rinnovabbli importat eliġibbli fornut qabel l-eżenzjoni tidħol fis-seħħ iżda wara li jkunu bdew jitħallsu l-pagamenti tas-CfD.

(117) L-impenn imsemmi fil-premessa 114 se japplika wkoll għall-miżura notifikata.

(118) Fid-dawl tal-impenn imsemmi fil-premessa 114, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-miżuri ta' għajnuna nnotifikati jinħtieġ li ma jintroduċix xi restrizzjoni li tmur kontra l-Artikolu 30 jew l-Artikolu 110 tat-TFUE.

6. **KONKLUŻJONI**

(119) Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura ta' għajnuna nnotifikata ssegwi għan ta' interess komuni b'mod proporzjonat u meħtieġ skont l-EEAG u li għalhekk l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)c tat-TFUE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura ta' għajnuna notifikata mir-Renju Unit hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1437

tal-4 ta' Awwissu 2017

li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni marbuta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fir-Repubblika Ċeka

(notifikata bid-dokument C(2017) 5418)

(It-test biċ-Ċek biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa marda virali infettiva li taffettwa l-popolazzjonijiet tal-ħnieżer domestiċi u selvaġġi u jista' jkollha impatt serju fuq il-profitti tan-negozji tat-trobbija tal-ħnieżer li jisfratta l-kummerċ fl-Unjoni u l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) F'każ ta' tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, hemm ir-riskju li l-aġent tal-marda jista' jinxtered ma' rziezet oħra tal-ħnieżer u mal-ħnieżer salvaġġi. B'hekk, jista' jinxtered minn Stat Membru għall-ieħor u għall-pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ tal-ħnieżer ħajjin jew tal-prodotti tagħhom.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE ([3]) li tistabbilixxi l-miżuri minimi li għandhom jiġu applikati fl-Unjoni għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-ħnieżer. L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/60/KE jipprevedi l-istabbiliment ta' żona infettata wara li jiġi kkonfermat każ wieħed jew iktar ta' deni Afrikan tal-ħnieżer fil-ħnieżer selvaġġi.

(4) Ir-Repubblika Ċeka għarrfet lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni aġġornata fit-territorju tagħha fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, u skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/60/KE, stabbiliet żona infettata fejn japplikaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva.

(5) Sabiex jiġi evitat kull xkiel bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u biex jiġi evitat li pajjiżi terzi jimponu ostakli mhux iġġustifikati għall-kummerċ, jeħtieġ li tiġi identifikata fil-livell tal-Unjoni ż-żona infettata għad-deni Afrikan tal-ħnieżer fir-Repubblika Ċeka b'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru.

(6) Għaldaqstant, iż-żona infettata fir-Repubblika Ċeka għandha titniżżel fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u għandu jiġi ffissat it-tul taż-żmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Repubblika Ċeka għandha tiżgura li ż-żona infettata stabbilita skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tinkludi tal-inqas iż-żoni mniżżlin bħala ż-żona infettata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi miżuri għall-kontroll tad-deni Afrikan tal-qżieqeż u temenda id-Direttiva 92/119/KEE għar-rigward tal-marda Teschen u d-deni Afrikan tal-qżieqeż (ĠU L 192, 20.7.2002, p. 27).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Settembru 2017.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Iż-żoni stabbiliti bħala ż-Żona Infettata fir-Repubblika Ċeka kif imsemmi fl-Artikolu 1	Id-data sa meta japplikaw
Id-distrett ta' Zlin	It-30 ta' Settembru 2017

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1438

tal-4 ta' Awwissu 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2007/131/KE dwar il-permess ta' użu tal-ispektrum ta' frekwenzi tar-radju, għal apparat li juża teknoloġija ultra-wideband, b'mod armonizzat fil-Komunità

(notifikata bid-dokument C(2017) 5456)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/131/KE ([2]) tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għal apparat tar-radju li juża teknoloġija ultra-wideband ("UWB") fl-Unjoni. Din tiżgura li l-ispettru tar-radju jkun disponibbli madwar l-Unjoni b'kundizzjonijiet armonizzati, telimina l-ostakli għall-użu tat-teknoloġija UWB u toħloq suq uniku effettiv għas-sistemi UWB b'ekonomiji ta' skala u benefiċċji sinifikanti għall-konsumatur.

(2) Skont id-Deċiżjoni 676/2002/KE, il-Kummissjoni ħarġet mandat permanenti lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni ("is-CEPT") dwar apparat ta' medda qasira, biex taġġorna l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE ([3]) bi tweġiba għal żviluppi teknoloġiċi u kummerċjali fil-qasam tal-apparat ta' medda qasira. Fit-2 ta' Lulju 2014, fis-sitt ittra ta' gwida ([4]) fil-kuntest ta' dan il-mandat, il-Kummissjoni sejħet lis-CEPT biex tirrevedi wkoll id-Deċiżjonijiet eżistenti l-oħra li jirrigwardaw l-apparat ta' medda qasira bħalma hi d-Deċiżjoni 2007/131/KE għal apparat ta' medda qasira abbażi tat-teknoloġija UWB.

(3) Is-CEPT ikkonkludiet li fir-rigward ta' apparati ta' medda qasira bbażati fuq it-teknoloġija UWB, kellhom bżonn jiġu aġġornati wħud mir-referenzi għall-istandards armonizzati fid-Deċiżjoni 2007/131/KE.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2007/131/KE għandha tiġi emendata.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2007/131/KE il-punt 11 jinbidel b'dan li ġej:

"11. 'densità spettrali tal-qawwa totali' tfisser il-medja tal-valuri tad-densità spettrali tal-qawwa medja imkejla fuq sfera madwar ix-xenarju ta' kejl bi grad ta' mill-inqas 15-il grad. Is-setup tal-kejl dettaljat jinsab fl-ETSI EN 302 065-4;";

L-Anness huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/131/KE tal-21 ta' Frar 2007 dwar il-permess ta' użu tal-ispektrum ta' frekwenzi tar-radju, għal apparat li juża teknoloġija ultra-wideband b'mod armonizzat fil-Komunità (ĠU L 55, 23.2.2007, p. 33).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE tad-9 ta' Novembru 2006 dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju għal użu ma' tagħmir għal meded qosra (ĠU L 312, 11.11.2006, p. 66).
([4]) RSCOM 13-78rev2

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni
Mariya CABRIEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/131/KE hu emendat kif ġej:

(1) il-punt 5.1 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni inċiż tal-ewwel inċiż tal-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"— It-trażmettitur għandu jimplimenta TPC b'medda dinamika ta' 10 dB, kif deskritt fl-istandard armonizzat ETSI EN 302 065-4 għal apparat ta' detezzjoni ta' materjali;";

(b) it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-emissjonijiet li joħorġu minn apparat ta' detezzjoni ta' materjali skont din id-Deċiżjoni għandhom jinżammu sal-aktar livell baxx possibbli u fi kwalunkwe każ ma għandhomx jaqbżu l-limiti tad-densità tal-e.i.r.p. imsemmija fit-Tabella li ġejja. Għall-installazzjonijiet li mhumiex fissi (l-applikazzjoni B) għandha tiġi żgurata l-konformità mal-limiti tat-Tabella li ġejja, bl-apparat fuq struttura rappreżentattiva tal-materjal investigat (eż. ħajt rappreżentattiv kif definit fl-ETSI EN 302 065-4).";

(c) in-nota 1 f'qiegħ il-paġna fl-Anness tinbidel b'dan li ġej:

"(1) l-apparati li jużaw mekkaniżmu *Listen Before Talk* (LBT), kif deskritt fl-istandard armonizzat ETSI EN 302 065-4, huma permessi biex joperaw fil-meded tal-frekwenzi 2,5 GHz sa 2,69 GHz u 2,9 GHz sa 3,4 GHz b'densità spettrali ta' qawwa medja massima ta' – 50 dBm/MHz,".

(2) il-punt 5.2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-emissjonijiet li joħorġu mill-apparati BMA għandhom jinżammu sal-aktar livell baxx possibbli u fi kwalunkwe każ ma għandhomx jaqbżu l-limiti tal-qawwa massima msemmija fit-tabella hawn taħt, bl-apparat BMA ma' ħajt rappreżentattiv kif definit fl-ETSI EN 302 065-4.";

(b) in-nota 1 f'qiegħ il-paġna fl-Anness tinbidel b'dan li ġej:

"(1) L-apparati li jużaw mekkaniżmu *Listen Before Talk* (LBT) deskritt fl-istandard armonizzat ETSI EN 302 065-4 huma permessi biex joperaw fil-meded tal-frekwenzi 1,215 sa 1,73 GHz b'densità spettrali ta' qawwa medja massima ta' – 70 dBm/MHz u fil-meded tal-frekwenzi 2,5 sa 2,69 u 2,7 sa 3,4 GHz b'densità spettrali ta' qawwa medja massima ta' – 50 dBm/MHz.".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT